Unità 1

# Il-Bibbja ktieb speċjali

**Skop tal-unità**
F'din l-Unità, li hi fil-bidu tal-Programm tat-Tieni Sena tal-Kateketika, il-parteċipanti ser jaraw is-sbuħija tal-Kelma li Alla għoġbu jagħtina fil-Bibbja – Kelma li tmissna u tgħinna fil-ħajja tagħna. Jaraw li fil-Bibbja nsibu messaġġi sbieħ u speċjali, għaliex Alla, li ħalaq lill-bniedem xbieha tiegħu, iħobbu. F'dan il-ktieb speċjali, il-parteċipanti wkoll jaraw kif Alla, sa mill-bidu tad-dinja u minn meta għażel Poplu, dejjem kien mal-bniedem. Dan iwassalhom biex jirringrazzjaw lil Alla ta' dan ir-rigal li fih stejjer u ittri, fost l-oħrajn – il-Bibbja.

# 1.1 Il-Bibbja sabiħa

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jsiru jafu li Alla tana rigal - ktieb speċjali - Il-Bibbja. Il-Bibbja fiha kliem mingħand Alla stess għalina. Il-parteċipanti jkunu mħeġġa li jirringrazzjaw lil Alla talli tana dan il-ktieb speċjali, filwaqt li jkunu mħeġġa wkoll sabiex jaqraw mill-Bibbja.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li Alla tana rigal - ktieb speċjali - Il-Bibbja.
- Li l-Bibbja fiha kliem mingħand Alla stess għalina.
- Li hu importanti li jirringrazzjaw lil Alla talli tana dan il-ktieb speċjali, filwaqt li jkunu mħeġġa wkoll sabiex jaqraw mill-Bibbja.

*'Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek,
u dawl fil-mogħdija tiegħi.'*

Salm 119,105

**Il-MESSAĠĠ**
Il-Bibbja hija, bla dubju, rigal speċjali li Alla, fl-imħabba tiegħu jiddeċiedi li jagħti lill-bniedem. Permezz tal-kelma tiegħu, huwa ried juri lilu nnifsu u jingħata lill-bnedmin u b'hekk jagħtihom tweġiba sħiħa għall-mistoqsijiet tagħhom dwar is-sens u l-għan tal-ħajja.

Alla hu l-awtur tal-Iskrittura Mqaddsa. Kien hu li nebbaħ lill-bnedmin li kitbu l-Kotba Mqaddsa billi għażel lil xi wħud u nqeda bihom skont il-kapaċitajiet u l-mezzi li kellhom biex iniżżlu bil-miktub bħala veri awturi, dak kollu u dak biss li kien jaqbel mar-rieda tiegħu.

Il-kotba tal-Bibbja jgħallmu l-verità. "Kulma qalu l-awturi ispirati għandna nqisuh bħallikieku qalu l-Ispirtu s-Santu, u għalhekk għandna ngħidu wkoll li l-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'mod żgur, bil-fedeltà kollha u bla żball il-veritajiet li Alla ried jitniżżlu fil-Kotba Mqaddsa għas-salvazzjoni tagħna'.

Il-fidi Nisranija hija fidi fil-"Kelma" ta' Alla, fil-Verb magħmul bniedem u ħaj. Biex il-Kotba Mqaddsa ma jispiċċawx kliem bla ħajja, jeħtieġ li Kristu, il-Kelma ta' dejjem ta' Alla l-ħaj, "jiftħilna moħħna biex nifhmu l-Iskrittura." (Lq 24, 45)

"Ommna l-Knisja Mqaddsa b'fidi ġejja mill-Appostli tqis bħala kotba mqaddsa u kanoniċi, il-kotba kollha tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid bil-partijiet tagħhom kollha għaliex, miktuba taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, għandhom 'l Alla bħala awtur tagħhom u ngħataw lill-istess Knisja bħala kitba ta' Alla."

Il-Konċilju Vatikan II, Dei Verbum, 11

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 68, 105-108
Il-Konċilju Vatikan II - Dei Verbum

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

O Alla, inti ridt turina lilek innifsek u tasal għandna permezz tal-Bibbja. Urina l-ġmiel tal-kelma tiegħek, għinna ngħożżuha f'qalbna u nwettquha f'ħajjitna biex fiha nsibu s-sens u t-tifsira tal-ħajja tagħna. Għinna napprezzaw u nirriflettu ta' spiss fuq il-Kelma tiegħek biex b'hekk infittxu dejjem ir-rieda tiegħek f'ħajjitna bħala Nsara u bħala katekisti. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

IKOLLOK BŻONN:

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Kotba tal-istejjer
- Il-Bibbja
- Video Clip – Walt Disney
- Karti A4
- White Board u Marker
- Kaxxa magħluqa li fiha stejjer mill-Bibbja (storja għal kull parteċipant) – il-katekist jista' jagħmel fotokopja mill-Bibbja għall-parteċipanti)
- Stampa tas-Samaritan it-Tajjeb
- Stampa ta' xi siltiet magħżula
- Kuluri

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Alla jagħtina ktieb speċjali

Il-laqgħa tibda b'talba qasira. Peress li din tkun l-ewwel laqgħa għal din is-sena, il-parteċipanti jkunu mħeġġa li jgħidu xi talb spontanju.

### ICEBREAKER

*Nota: Il-katekist jipprepara basket b'xi kotba ta' stejjer għat-tfal li huma familjari magħhom bħal – Cinderella, Pinocchio, Three Little Pigs, Aladdin, Tarzan, Jungle Book, Chicken Little, Toy Story, Alice in Wonderland, Goldilocks, Peter Pan, Beauty and the Beast, Puss in Boots, eċċ.*

Il-katekist jibda jistaqsi lill-parteċipanti dawn il-mistoqsijiet:
- Jogħġbukom l-istejjer?
- Tieħdu gost taqrawhom?
- Għaliex?

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jibdew jirrakkontaw fil-qosor xi stejjer mill-kotba li jkunu qraw tul ħajjithom. Hu jgħin lill-parteċipanti jifhmu li għalkemm rrakkontajna l-ġrajja kollha, iżda xorta waħda ħallejna xi dettalji barra. Għalhekk, biex naraw id-dettalji kollha għandna bżonn naqraw il-ktieb, u jekk jista' jkun, kollu. Wara tintwera clip ta' Disney fejn hemm il-karattri differenti kollha flimkien.



## Il-Kontenut

Issa wasal il-ħin biex il-katekist juri l-ktieb favorit tiegħu. Hu joħroġ il-ktieb u jpoġġih fejn il-kotba l-oħra. Il-katekist jiddeskrivi li dan il-ktieb speċjali li jkollu f'idejh hu l-Bibbja. U waqt li l-katekist iqallbu b'mod li jarawh il-parteċipanti, il-katekist jistaqsi x'għandu differenti dan il-ktieb. Joħorġu dawn il-fatti:

- Għandu ħafna paġni.
- Fih ħafna  kliem, u stejjer ta' ħafna ta' nies.
- Il-Bibbja hija l-istorja ta' Alla u tal-Poplu tiegħu.
- L-awtur tal-Bibbja hu Alla nnifsu!

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti li ħa jagħtihom xi ħjiel fejn huma jridu jaslu sabiex jaqtgħu l-istorja li qiegħda fil-Bibbja fejn wara jispjegalhom sew din l-istorja. Biex nagħtu xi eżempju: il-katekist jurihom stampa ta' persuna mitfugħa mal-art. Jgħidilhom li dan kien persuna li qala' xebgħa mingħand il-ħallelin. Il-parteċipanti jridu jaslu li jgħidu li hu s-Samaritan it-Tajjeb. Il-katekist jista' jippreżenta 3 stejjer differenti oħra.

Il-katekist juri l-clip ta' Disney u jispjega li avolja rajna ħafna karattri fi clip waħda dawn għandhom storja għalihom u għalhekk irid iwassal lill-parteċipanti biex jifhmu li l-Bibbja hija sett ta' kotba flimkien li jiffurmaw storja waħda mill-ħolqien tal-bniedem, il-miġja ta' Ġesù u l-bidu tal-Knisja.

Il-katekist jara li jasal il-messaġġ li bħall-kotba li jkunu qraw qabel, il-Bibbja nistgħu naqraw minnha kull fejn inkunu. Imma hemm ċerti okkażjonijiet u postijiet li din naqraw minnha b'mod speċjali. Allura, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti biex isemmu xi postijiet fejn nistgħu naqraw mill-Bibbja b'mod speċjali. Il-katekist ikun jista' jiktibhom ukoll fuq il-whiteboard:

» Il-knisja,
» Il-familja,
» Fil-lezzjoni tar-Reliġjon l-iskola.
» Fil-laqgħat tal-katekiżmu.

## L-Attività

Fil-Ktieb tal-Attivitajiet, il-parteċipanti jkunu mistiedna jpinġu u jsebbħu l-kliem "Il-Bibbja – ktieb speċjali". Il-katekist iwassal lill-parteċipanti biex jifhmu li biex jisimgħu storja hemm bżonn li joqogħdu attenti inkella jitilfu d-dettalji u l-istess għall-Bibbja - hemm bżonn li noqogħdu attenti waqt li nisimgħuha biex nifhmuha kemm nistgħu. Importanti li l-katekist joħroġ il-fatt li l-Bibbja hija ġabra ta' kotba fi ktieb wieħed imma fuq kollox hija ktieb speċjali għaliex fih insibu l-kelma ta' Alla.

Il-laqgħa tispiċċa b'talba. Il-katekist jista' jistieden lill-parteċipanti biex jgħidu xi talba huma jew jagħżel xi parteċipanti biex jgħidu lil Alla dak li jħossu huma fuq il-kelma tiegħu stess.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Nirringrazzjaw lil Alla talli tana l-Bibbja!

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.*

**ICEBREAKER**

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex isemmu xi okkażjoni meta rċevew xi rigal sabiħ mingħand xi ħadd li jħobbhom. Hu jippreżenta pakkett u jistieden lill-parteċipanti jimmaġinaw li dan hu rigal li xi ħadd ikun għaddielhom u li jixtieqhom li jiftħu u jaqsmu mal-oħrajn. Fil-kaxxa jkun hemm diversi siltiet mill-Bibbja: Il-Kelma t'Alla. Il-katekist iqassam is-siltiet lill-parteċipanti. Hu jistieden lill-parteċipanti biex id-dar, flimkien mal-ġenituri tagħhom, huma jaqraw is-silta mill-Bibbja.



# Il-Kontenut

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti li min jagħtik rigal, għax veru jħobbok u għalhekk jieħu pjaċir jekk tużah. Alla wkoll tana rigal billi qalilna kif għandna ngħixu. Fil-Bibbja nsibu l-Kelma tiegħu. Issa, li kull parteċipant ingħata silta, il-katekist iqabbad xi tnejn jew tlieta mill-parteċipanti biex joħorġu fin-nofs u flimkien mal-katekist jaqraw is-silta. F'dan il-punt, tajjeb li l-katekist jagħżel tnejn li jafu jaqraw. Il-katekist għandu jispjega xi kliem tqil li jkun hemm u jwassal lill-parteċipanti biex jagħrfu l-messaġġ t'Alla. Hu jistaqsi lill-parteċipanti wkoll biex jirrakkontaw x'tgħallmu mis-silta.

Xi eżempji ta' xi siltiet:

- Ħolqien – Alla ħalaqna
- Noè – Alla jżomm idejh fuqna
- Mosè – Alla jmexxina u jurina dak li jixtieq minna
- Samwel – Nisimgħu lil Alla jkellimna
- David u Gulija – Alla magħna meta jkollna diffikulatjiet
- Danjel – Alla jurina l-verità u jieħu ħsiebna
- Il-Ġrajja tar-Ragħaj it-Tajjeb – Alla jħobbna u jaħfrilna
- Ġesù jgħallem il-Missierna – Ġesù jgħallimna nitolbu
- It-Tkattir tal-Ħobż – Alla jipprovdi
- Is-Samaritan it-Tajjeb – L-Imħabba Vera
- L-Aħħar Ikla – L-Ewkaristija
- L-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli – Alla jibqa' magħna
- San Pawl f'Malta – Alla jwassal l-kelma tiegħu permezz ta' ħaddieħor
- 

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti biex fil-Ktieb tal-Attivitajiet ipinġu l-aktar silta li laqtithom u anke jwieġbu l-mistoqsija: "X'inhu l-messaġġ ta' Alla permezz ta' din is-silta?" Il-parteċipanti jistgħu anke jiktbu dwar is-silta li jkunu ngħataw huma stess, iżda peress li xi siltiet ikunu ġew diskussi fil-klassi, il-parteċipanti jsibuha aktar faċli li jpinġu u jiktbu dwarhom.

# L-Attività

Fil-Ktieb tal-Attivitajiet il-parteċipanti jqabblu l-istejjer tal-Bibbja mal-ħajja tagħhom stess. Għalhekk, biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jagħmlu dan, il-katekist jurihom kif huma jistgħu joħorġu l-messaġġ speċjali. B'hekk il-parteċipanti jaslu jifhmu li l-Bibbja fiha messaġġ li Alla ried jagħti lil kull persuna. Il-katekist juri wkoll li s-siltiet li kienu ppreżentati huma siltiet fejn hemm kif Alla mexa ma' dawn in-nies u kif Alla wriehom li jħobbhom. Biex inkunu nafu xi jrid jgħidilna, u kif jimxi Alla magħna l-bnedmin, hemm bżonn li aħna naqraw il-kelma ta' Alla: Il-Bibbja.

Hi ħaġa sabiħa li minnn issa 'l quddiem, il-ktieb tal-Bibbja jibqa' preżenti għal-laqgħat li ġejjin.

Il-katekist iħeġġeġ ukoll lill-parteċipanti sabiex jieħdu s-silta li ngħataw magħhom id-dar u filgħaxija jaqrawha mal-ġenituri.

Il-laqgħa tispiċċa b'talba.

# 1.2 Kollox Storja Waħda

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jsiru jafu li l-Bibbja hi magħmula minn żewġ taqsimiet li huma t-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid. It-Testment il-Qadim iwassal għall-Ġdid sabiex jagħmlu storja waħda. Fit-Testment il-Ġdid naraw li Ġesù ġie biex jagħtina l-Aħbar it-Tajba. Fuq il-kliem u l-eżempju tiegħu naslu biex ngħixu flimkien bħala aħwa.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li l-Bibbja hi magħmula minn żewġ taqsimiet li huma t-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid.
- Li t-Testment il-Qadim iwassal għall-Ġdid sabiex jagħmlu storja waħda.
- Li fit-Testment il-Ġdid naraw li Ġesù ġie biex jagħtina l-Aħbar it-Tajba.
- Li fuq il-kliem u l-eżempju ta' Ġesù naslu biex ngħixu flimkien bħala aħwa.

*Il-liġi tal-Mulej perfetta, u tagħti l-ħajja;*
*ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa, u tgħallem lil min ma jafx.*
*Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb;*
*il-kmandament tal-Mulej safi, u jdawwal l-għajnejn.*
*Il-biża' tal-Mulej sinċier, u jibqa' għal dejjem;*
*il-ġudizzji tal-Mulej sewwa, u mseddqa għalkollox;*
*egħżeż mid-deheb, mid-deheb l-aktar fin,*
*oħla mill-għasel u mill-qtar tax-xehda.*
*Fehemhom sewwa l-qaddej tiegħek;*
*ħlas tajjeb għandu min iħarishom.*
*Ħa jkunu milqugħa quddiemek kliem fommi u ħsieb qalbi,*
*Mulej, blata tiegħi u feddej tiegħi.*

Salm 19:8-15

**Il-MESSAĠĠ**

Il-Bibbja hi magħmula minn żewġ taqsimiet kbar li huma t-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid. Kienet it-Tradizzjoni appostolika li wasslet il-Knisja biex tagħraf liema kitbiet kellhom jidħlu fil-lista tal-Kotba Mqaddsa. Din il-lista tissejjaħ "Kanoni" tal-Iskrittura. Fit-Testment il-Qadim insibu 46 ktieb waqt li fit-Testment il-Ġdid insibu 27 ktieb.

It-Testment il-Qadim kellu l-għan li jħejji għall-miġja ta' Kristu, is-salvatur tad-dinja. Għalkemm fihom hemm xi affarijiet li mhumiex perfetti, il-kotba tat-Testment il-Qadim huma wkoll xhieda tal-imħabba salvifika ta' Alla: "Fihom insibu tagħlim mill-aktar għoli dwar Alla, għerf tassew ta' ġid dwar il-ħajja tal-bniedem, teżor tassew għażiż ta' talb; fl-aħħar nett fihom hemm moħbi l-misteru tas-salvazzjoni tagħna." (Konċ Vatikan II, Dei Verbum 15)

Il-qawwa ta' Alla fil-Kelma tiegħu narawha b'mod speċjali fil-kitba tat-Testment il-Ġdid. Dawn il-kitbiet iwasslulna l-verità sħiħa tar-rivelazzjoni ta' Alla. Iċ-ċentru ta' dawn il-kitbiet hu Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Fihom insibu dak li għamel u dak li għallem, il-passjoni, il-mewt u l-glorja tiegħu, u wkoll il-bidu tal-Knisja bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. L-Evanġelji huma l-qalba tal-Iskrittura kollha għax huma l-aqwa xhieda tal-ħajja u t-tagħlim tas-salvatur tagħna Ġesù Kristu.

Hemm rabta sħiħa bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid. Il-Knisja sa minn żmien l-Appostli, dejjem uriet ċar li l-pjan t'Alla fiż-żewġ testmenti huwa wieħed. Dak li Alla wettaq fit-Testment il-Qadim huwa taħbira minn qabel ta' dak li Alla għamel fil-milja taż-żminijet fil-persuna ta' Ibnu Ġesù.

L-Insara jaqraw it-Testment il-Qadim fid-dawl ta' Kristu mejjet u rxoxt. It-Testment il-Ġdid ukoll jitlob li jinqara fid-dawl tat-Testment il-Qadim. Qawl antik jgħid li t-Testment il-Ġdid hu moħbi fil-Qadim, waqt li l-Qadim jinkixef fil-Ġdid.

"Ma hemmx tagħlim li jista' jkun aħjar, aktar għażiż u aktar sabiħ mill-kitba tal-Evanġelju. Araw u żommu dak li l-Mulej u l-Imgħallem tagħna, Kristu, għallimna bi kliemu u wettaq b'għemilu."

Santa Ċesarja ż-żgħira, lil Santa Radegonda

"Hu l-Evanġelju kollu li jżommni medhi waqt it-talb tiegħi: fih insib dak kollu li neħtieġ għal ruħi fqajra. Dejjem insib fih dwal ġodda, tifsir moħbi u misterjuż."

Santa Tereża tal-Bambin Ġesù

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 120-130
Il-Konċilju Vatikan II, Dei Verbum, 8,14,17

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

O Alla , inti ridt li tibgħat fid-dinja lill-għażiż Iben tiegħek, biex permezz tiegħu hi ssalva. Għinna nkunu dejjem aktar midħla tal-Kelma tiegħu li tasal għandna permezz tal-Evanġelju. Għinna biex ta' spiss nisimgħu din it-tħabbira fil-liturġija mqaddsa u li bħala katekisti nwasslu wkoll din il-Kelma lil dawk afdati f'idejna. Ammen.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Pupi jew soft toys
- Mappa tad-dinja
- Bibbja
- Bibbja tat-Tfal – sensiela ta' kotba
- Tabelli bl-ismijiet u stampi ta' Abraham, Mosè, Ġużeppi, David u xi Profeta (pereżempju Iżaija)
- Żigarelli
- Stampa tan-nagħġa l-mitlufa
- Kuluri
- Diska: Every Promise In the Book is Mine

**A. L-Ewwel Laqgħa**

# It-Testment il-Qadim

Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira b'relazzjoni mal-ewwel żewġ laqgħat ta' qabel ħalli issa l-parteċipanti jkunu miftuħin għal dak li ser jisimgħu f'dawn il-laqgħat.

**ICEBREAKER**

Il-katekist jieħu miegħu xi soft toys jew pupi. Ipoġġihom quddiem il-parteċipanti u jgħid lil xi ħadd minnhom jagħżel wieħed minnhom. Meta l-parteċipanti jagħżlu xi pupa jew toy, il-katekist jistaqsihom x'iridu jagħmlu biex jieħdu ħsiebhom.

Mela, l-ewwel jagħtuh isem. Bħala baby tkun trid tbiddlilha, tagħtiha x'tiekol, taħsilha u meta tagħmel xi ħaġa ħażina tikkoreġiha biex darb'oħra ma terġax tagħmel l-istess żball jew tagħtiha xi kastig żgħir. Naturalment, il-mamà u l-papà tagħna, meta konna għadna żgħar qagħdu jaħsbu aħna x'nistgħu nsiru meta nikbru.

Il-katekist jispjega li anke Alla għażel poplu minn popli oħra u dan għażlu bħala l-Poplu tiegħu. Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'jifhmu bil-kelma 'Poplu'. Irid joħroġ il-punt li 'poplu' hu grupp ta' nies li jibqa' dejjem jikber iktar kemm jgħaddi ż-żmien. Dan il-poplu kien jissejjaħ il-Poplu Lhudi.



Hawnhekk, il-katekist jista' jagħti eżempji ta' xi popli li jisimgħu bihom il-parteċipanti;
Il-Poplu Malti – hu minn Malta.
Il-Poplu Taljan – hu mill-Italja.

U jistaqsi:

Fejn jgħix il-Poplu Franċiż?
Fejn jgħix il-Poplu Amerikan?
Fejn jgħix il-Poplu Awstraljan?
Tkun idea tajba li għal din il-laqgħa, il-katekist ikollu mappa u juri d-diversi postijiet li jkun qiegħed isemmi.

## Il-Kontenut

Qabel ma jibda l-laqgħa, il-katekista iwaħħal bħal tabelli tal-ismijiet jew episodji l-iktar importanti madwar il-klassi. Ma' kull tabella, il-parteċipanti jridu jinnotaw li Alla kien dejjem jieħu ħsiebhom u permezz tagħhom kien qiegħed jieħu ħsieb ukoll lill-Poplu Lhudi, għaliex dawn kienu l-mexxejja tiegħu.

**Abram** dan ir-raġel kien iħobb lil Alla u minnu beda l-Poplu Lhudi.
**Ġużeppi** għalkemm ħutu riedu jeħilsu minnu, imma Alla salvah biex jieħu ħsieb il-familja tiegħu u lill-Poplu tiegħu wkoll.
**Mosè** fi żmien Mosè, Il-Poplu kien qed ibati ħafna u Alla għażel lil Mosè biex isalvahom u ma jibqgħux ibatu.
**David** kien sultan tal-Lhud li kien imexxi b'mod tajjeb.
**Il-Profeti** kienu nies li Alla kien jibgħat biex jagħti messaġġ lill-Poplu tiegħu.

Hawnhekk, il-katekist jidħol f'diskussjoni mal-parteċipanti li f'dan il-ktieb tal-Bibbja (hawn jippreżenta l-Bibbja), insibu ħafna ġrajjiet li fihom naraw kemm Alla jħobb lill-bniedem u li dejjem mexa miegħu għall-ġid tiegħu.

Il-katekist jgħid li dawk in-nies li raw madwarhom fil-klassi, Alla kollha ħa ħsiebhom u nsibu l-istejjer tagħhom kollha fil-kotba li hemm fil-Bibbja.

Il-katekist jgħid li l-Bibbja hi maqsuma f'żewġ taqsimiet:
Taqsima mill-ħolqien sa qabel eżatt ma ġie Ġesù u taqsima oħra minn Ġesù sal-ħidma tal-Appostli. Biex jagħmel dan, il-katekist jista' juża l-kotba tal-Bibbja tat-Tfal u jurihom kif ċerti kotba huma ta' qabel Ġesù u kotba oħra huma ta' żmien Ġesù jew warajh.

Quddiem il-parteċipanti, il-katekist jista', b'żigarella, jiġbor il-kotba tal-Bibbja tat-tfal tat-Testment il-Qadim għalihom u dawk tat-Testment il-Ġdid għalihom. Imbagħad ikollu strixxa twila, li biha jkun jista' jiġbor iż-żewġ taqsimiet flimkien li fiha jkun hemm miktub: "Alla dejjem ħabb lill-Poplu tiegħu!"

## L-Attività

Fil-Ktieb tal-Attivitajiet, il-parteċipanti jkunu mistiedna biex jiktbu l-isem taħt l-istampa tal-persuna li Alla jkun ħadem miegħu fit-Testment il-Qadim.

Wara, il-parteċipanti jsemmu kif iħossu li fil-ħajja tagħhom Alla jħobbhom – it-tweġibiet tal-parteċipanti għandhom ikunu ta' interess partikolari għall-katekist.

Il-parteċipanti jkunu mistiedna li fil-Ktieb tal-Attivitajiet jagħtu l-kulur lis-sentenza: "Alla dejjem ħabb lill-Poplu tiegħu!" Il-laqgħa tispiċċa b'talba.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# L-Aħbar it-Tajba

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.*

## ICEBREAKER

*Il-lezzjoni tibda billi l-katekist jirrakkonta din l-istorja:*

Kienet ġurnata sabiħa ħafna. Xi għalliema minn tal-iskola kienu ftiehmu li jieħdu lill-istudenti ġurnata l-baħar għax issa l-baħar kien qed jisħon mhux ħażin. Kieku taf kemm kienu eċitati t-tfal.  Kienu tfal minn sitt snin sa tmien snin. Insomma ħadu ħafna pjaċir jilagħbu fuq ir-ramel u għaddew ġurnata sabiħa flimkien.  Għal xi t-tlieta, l-għalliema sejħulhom fuq ix-xatt. Victoria, dakinhar riedet tkun ftit rasha iebsa. Baqgħet tgħum fil-baħar u baqgħet weħidha. L-għalliema riedu lill-istudenti għaliex riedu joħdulhom ritratt tal-okkażjoni. Victoria, meta saret taf, iddispjaċieha, għax issa sħabha kien ser ikollhom tifkira, u hi le.  L-għalliema, mingħajr ma rrabjat ħafna ma' Victoria, urietha li kienet żbaljat li m'obdietx, u li issa kellha tbati l-konsegwenzi t'għemilha. Victoria, barra minn hekk, beżgħet li jekk l-għalliema tagħha tgħid lill-ġenturi tagħha, taqla' xi għajta mingħand ommha, talli ma kinitx obdiet.

Issa l-katekist jista' jiddiskuti dawn il-mistoqsijiet mal-partecipanti:

» Għaliex taħseb li Victoria ġabet ruħha hekk?
» Taħsbu li Victoria żbaljat?
» Ma' min nistgħu nxebbhu lill-għalliema?
» Ma' min nistgħu nxebbhu lil omm Victoria?
» Kif taħseb li bdiet tħossha Victoria mal-għallliema tagħha?
» Meta aħna nkunu nixbhu lil Victoria?



# Il-Kontenut

Wara d-diskussjoni, issir spjega li aħna mhux l-ewwel darba li ma nobdux jew li nagħmlu ta' rasna. Il-kbar, dawk li jħobbuna u li għandhom l-esperjenza aktar minna, ta' spiss juruna x'għandna nagħmlu biex nimxu fit-triq it-tajba u nagħmlu dak li għandna nagħmlu. Aħna jkollna bżonn min iwissina u jgħallimna għax iħobbna bil-verità. Fil-Bibbja, il-Kelma ta'Alla, Alla wkoll uriena kif għandna ngħixu. Il-Bibbja hija l-Aħbar it-Tajba għalina.

Il-katekist jgħaddi biex permezz tal-istampi jirrakkonta l-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa (L-Evangelju ta' San Luqa, Kapitlu 15, vrus 1-7)

"Il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: "Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!" U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: "Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom, 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli.' Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta' ndiema."

Wara r-rakkont, il-katekisti jiddiskutu mal-partecipanti dwar din il-parabbola. Il-katekist jara x'laqathom lill-parteċipanti u jgħidilhom li fil-Bibbja nsibu ħafna rakkonti li Ġesù qal lin-nies ta' żmienu, għax iħobbhom. Jgħidilhom ukoll li Ġesù kien juża dawn l-istejjer u jagħti dawn l-eżempji biex lin-nies kien jgħallimhom dwar Alla.

Importanti li l-katekist jgħid li Alla bagħtilna lil Ġesu biex jurina kif għandna ngħixu u fil-Bibbja nsibu diversi ġrajjiet sbieħ, fosthom anke mirakli ta' Ġesù.

Il-katekist, f'dan il-punt jispjega li l-ħajja ta' Ġesù u dak kollu li għamel u li għallem insibuh fil-kotba tat-Testment il-Ġdid, u hawnhekk jagħmel referenza għal dawn il-kotba li kien għaqqad flimkien fil-laqgħa ta' qabel u qalilhom li kienu l-Kotba tat-Testment il-Ġdid.

Isir il-kant: Every Promise In The Book Is Mine

# L-Attività

Fil-Ktieb tal-Attivitajiet il-parteċipanti jimlew bil-kulur l-istampa tan-nagħġa l-mitlufa. Wara li fl-istorja tal-bidu rajna kemm hu importanti li nobdu u nagħrfu nimxu fit-triq it-tajba, il-parteċipanti jsiru jafu li l-Bibbja mhuwiex ktieb bħall-oħrajn, iżda huwa ktieb speċjali għax fih il-Kelma t'Alla, li dejjem iridilna l-ġid u allura rridu nagħtu kas ta' Alla billi nisimgħuh bil-verità.

Il-laqgħa tispiċċa b'talba.

# 1.3 Jien Irrid Nimxi wara Ġesù

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-partecipanti jsiru jafu li fil-Bibbja nsibu diversi stejjer u ittri li bihom Alla jwasslilna messaġġ. Alla wriena kemm iħobbna billi bagħtilna lil Ġesù. Minnbarra l-istejjer b'tagħlim, fil-Bibbja nsibu wkoll diversi ittri li fihom ukoll insibu messaġġi sbieħ u tajba biex nimxu wara Ġesù.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li fil-Bibbja nsibu diversi stejjer u ittri li bihom Alla jwasslilna messaġġ.
- Li Alla wriena kemm iħobbna billi bagħtilna lil Ġesù.
- Li minnbarra l-istejjer b'tagħlim, fil-Bibbja nsibu wkoll diversi ittri li fihom ukoll insibu messaġġi sbieħ u tajba biex nimxu wara Ġesù.

*"Il-Kelma t'Alla hi ħajja u qawwija , taqta' iktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb."*

Lhud 4,12

**Il-MESSAĠĠ**
Fil-Bibbja nsibu diversi stejjer u ittri li jwasslulna messaġġ. Alla jkellem lill-bniedem kif jitkellmu l-bnedmin. Hu għażel persuni biex permezz tagħhom jaslilna dan il-messaġġ. L-awturi tal-Bibbja kitbu l-istejjer li permezz tagħhom Alla ried juri lilu nnifsu skont dak li kienu jesperjenzaw fi żmienhom u fil-kultura tagħhom. Huma kitbu dwar dak li n-nies ta' żmienhom kienu jħossu, dwar il-mod li bih kienu jitkellmu u jirrakkuntaw.

Fil-Bibbja nsibu kotba li huma storiċi, profetiċi kif ukoll poetiċi. Madanakollu, il-Bibbja rridu naqrawha u ninterpretawha fid-dawl tal-Ispirtu s-Santu li kien preżenti fil-proċess kollu tal-kitba tal-Bibbja.

Il-Konċilju Vatikan II jgħidilna wkoll li l-Bibbja hija ktieb wieħed. Dan għaliex il-pjan t'Alla huwa wieħed, li ċ-ċentru u l-qalb tiegħu huwa Kristu li qam minn bejn l-imwiet.

Nistgħu niddistingwu bejn żewġ sensi tal-Iskrittura: is-sens litterali u s-sens spiritwali. Is-sens litterali hu s-sens imfisser mill-kliem tal-Iskrittura u jingħaraf permezz tat-tifsir tal-Kelma t'Alla li tagħtina l-Knisja. Is-sens spiritwali hu li fil-Kelma t'Alla wieħed jilmaħ sinjal - is-sinjal tal-pjan t'Alla muri lilna fil-ġrajjiet, fil-kliem u fir-realtajiet li dwarhom titkellem l-Iskrittura Mqaddsa.

Imbagħad nistgħu niksbu għarfien tal-ġrajjiet aktar fil-fond jekk inkunu nafu t-tifsir tagħhom fi Kristu: hekk, il-mogħdija mill-Baħar l-Aħmar hi sinjal tar-rebħa ta' Kristu u b'hekk tal-Magħmudija.

Barra minn hekk, il-ġrajjiet li ssemmi l-Iskrittura għandhom ukoll valur morali. Dawn għandhom iwassluna biex nagħmlu għemil tajjeb.

Nistgħu wkoll naraw il-ġrajjiet tal-Bibbja fit-tifsir tagħhom tal-ħajja ta' dejjem, huma u jmexxuna lejn is-sema pajjiżna. Hekk, il-Knisja fuq l-art hi sinjal ta' Ġerusalemm tas-sema. Qawl antik jgħid li t-Testment il-Ġdid hu moħbi fil-Qadim, waqt li l-Qadim jinkixef fil-Ġdid.

"Qalb Kristu turina l-Iskrittura Mqaddsa, li biha nsiru nafu l-qalb ta' Kristu. Din il-qalb kienet magħluqa qabel il-passjoni għax l-Iskrittura ma kinitx ċara. Iżda l-Iskrittura nfetħet wara l-passjoni għax dawk li issa qegħdin jifhmuha, qed iqisu u jagħrfu b'liema mod il-profeti għandhom jiġu mfissra."

San Tumas ta' Aquino

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 109-119
Il-Konċilju Vatikan II, Dei Verbum, 11,12

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

O Alla, inti tajtna l-Kelma tiegħek li twassalna sal-ħajja ta' dejjem. Agħmel li nilmħu fiha sinjal tas-salvazzjoni tiegħek u tal-iskop aħħari tagħna, jiġifieri li ningħaqdu miegħek għal dejjem f'għaqda ta' mħabba. Dan iseħħ jekk inħallu l-kelma tiegħek tibdilna u jekk nimxu dejjem fuq l-eżempju u t-tagħlim ta' Ibnek Ġesù. Agħmel li din il-Kelma tibqa' dejjem ħajja fil-qalb tagħna sakemm naslu miegħek fil-glorja ta' Ġerusalemm tas-sema. Ammen.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## L-Atti tal-Appostli

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Il-katekist jibda l-laqgħa tal-lum billi jippreżenta lill-parteċipanti reċipjent fond mimli bl-ilma. Jistaqsi lill-parteċipanti, li kieku kellu jitfa' ġebla fin-nofs tar-reċipjent, x'jaħsbu li jiġri. Il-katekist, wara li jisma' t-tweġibiet tagħhom, jitfa' ċagħka fin-nofs tal-ilma u jħalli lill-parteċipanti josservaw x'jiġri. Jekk ikun hemm bżonn, il-katekist jirrepeti dan biex il-parteċipanti kollha jaraw x'jiġri. Hawnhekk, irid joħroġ il-punt li l-ilma mexa min-nofs għat-tarf tar-reċipjent. Il-katekist jista' jispjega aħjar dak li jkun ġara billi jħażżeż dak li jkun ġara fuq il-white-board.

Bħalma fil-bidu l-ilma kien wieqaf, hekk ukoll l-appostli kienu weqfin beżgħanin fil-kamra għax il-Lhud kienu qatlu lil Ġesù. Iżda meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu dawn ħarġu barra jgħallmu fuq Ġesù, mimlijin kuraġġ. Il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tathom il-qawwa li joħorġu minnhom infushom u miċ-Ċenaklu u jmorru mad-dinja kollha jxandru l-Bxara t-Tajba.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Bibbja
- Reċipjent fond mimli bl-ilma
- Ċagħka
- White-board
- Marker
- Stampa ta' ħanut tat-toys
- Stampa ta' telefon
- Stampa ta' email
- Stampa ta' ittra normali
- Stampa ta' ittra ta' żmien San Pawl
- Puzzle
- Kuluri



# Il-Kontenut

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti sabiex idawru l-envelop bejniethom u kull darba jieħdu biċċa waħda milli hemm ġo fih. Wara li l-parteċipanti kollha jieħdu biċċa, il-katekist jgħidilhom sabiex jagħmlu ċirku u flimkien jippruvaw jgħaqqdu l-puzzle li għandhom quddiemhom. Wara li tingħaqad il-puzzle, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti li kieku xi ħadd minnhom ma riedx iwaħħal il-biċċa tiegħu ma' tal-oħrajn, x'jaħsbu li kien jiġri.

Il-parteċipanti jridu jgħidu li kieku din il-puzzle ma setgħetx tingħaqad iżda għax ikunu qasmu bejniethom, allura flimkien għamlu xi ħaġa sħiħa.

Wara, il-pateċipanti jridu jħarsu lejn l-istampa tal-puzzle u jinnutaw li anke l-ewwel Insara kienu jaqsmu kollox flimkien. Il-katekist jispjega kif l-ewwel Insara kienu jaqsmu l-ikel, l-ewkaristija u tant affarijiet oħra sbieħ, fosthom il-ħin tat-talb u saħansitra l-ġid u l-flus li kellhom.

Il-katekist jgħid li L-Atti tal-Appostli jurina kif San Pietru u San Pawl bdew ixerrdu l-Knisja t'Alla. San Pietru kien jgħallem fil-Palestina filwaqt li San Pawl xerred it-tagħlim ta' Ġesù madwar id-dinja. Hawnhekk, il-katekist juri mappa bil-vjaġġi ta' San Pawl lill-parteċipanti. Jiġbed l-attenzjoni li anke Malta kienet parti minn dawn il-vjaġġi.

# L-Attività

Fil-Ktieb tal-Attivitajiet, il-parteċipanti jimlew bil-kulur: L-ATTI TAL-APPOSTLI
fejn hemm stampi differenti ta' dak li jkun intqal fil-laqgħa u jiktbu x'inhuma jaraw taħt.

Il-laqgħa tispiċċa b'talba.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# L-Ittri fil-Bibbja

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.*

**ICEBREAKER**

Il-laqgħa tibda billi l-katekist iwaħħal stampa ta' ħanut tal-ġugarelli u jistaqsi lill-parteċipanti jekk jafux lil xi ħadd li għandu dan il-ħanut. Mela l-katekist joħloq storja: "Din il-persuna ddeċidiet li għandha bżonn tmur tixtri iktar toys mill-Italja. Iżda l-ħanut ma jistax jibqa' waħdu u trid tħallih ma' xi ħadd li tafda."

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti:
"Biex tal-ħanut ikun jaf li kollox miexi sew, x'ordnijiet irid jagħti lil min ser iħalli f'idejh?"
Il-parteċipanti jwieġbu li jista' jċempillu, jibgħat email jew jikteb xi ittra. Kull darba jitwaħħlu stampi ta' dawn l-oġġetti.



## Il-Kontenut

Mill-aħħar laqgħa tgħallimna li San Pawl u xi nies oħra kienu jmorru jgħallmu f'pajjiżi oħra u jgħammdu lin-nies iżda dawn ma kinux jibqgħu magħhom għal dejjem. Kienu jmorru f'pajjiżi oħra.

Issa l-katekist jistaqsi lill-parteċipanti kif jaħsbu li dawn kienu jżommu kuntatt ma' dawn in-nies. Il-parteċipanti jaslu biex iwieġbu li dan jista' jsir permezz tal-ittri.

Titwaħħel stampa ta' tip ta' ittra ta' dak iż-żmien u l-katekist jistaqsi:
"Li kieku huma kienu f'dak iż-żmien, fuqiex jaħsbu li kienu jkellmuhom lin-nies?"

Wara li l-katekist jikteb dak li jgħidu l-parteċipanti, hu jispjega li kif tal-ħanut kien jibgħat email biex jara li kollox sew, l-appostli kienu jibagħtu ittri biex:

- jagħtuhom kuraġġ peress li kienu jbatu jew joqtluhom għax kienu jemmnu f'Ġesù.
- meta kien ikun hemm xi inkwiet bejn in-nies, kienu jibagħtulhom l-ittri biex jikkoreġuhom u jgħidulhom fejn żbaljaw.
- meta l-Insara kienu jiltaqgħu ma' xi problema, l-appostli kienu jibagħtulhom ittri biex jgħinuhom.

## L-Attività

Fil-Ktieb tal-Attivitajiet il-parteċipanti jkollhom żewġ sentenzi li jinsabu fil-Bibbja li huma Ittri tal-Appostli. Il-parteċipanti jkunu mitluba li jaqrawhom flimkien bħala grupp u jippruvaw jaraw x'messaġġ irid iwassal min kitibhom. Dawn is-siltiet huma:

**Is-Siltiet:**
Il-grazzja ta' Sidna tkun magħkom ilkoll. *(2 Tess 3, 18)*
Ishru, żommu sħiħ il-fidi, kunu qalbiena, saħħu ruħkom ilkoll. Ħa jsir kollox fostkom bl-imħabba. *(1 Kor 16, 13-14)*
Għeżież, ejjew inħobbu lil xulxin għax l-imħabba ġejja minn Alla u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. *(1 Ġwanni 4, 7)*
Għażiż, timxix fuq il-ħażin, imma fuq it-tajjeb. Min jagħmel it-tajjeb ġej minn Alla; min jagħmel il-ħażin ma rax lil Alla. *(3 Ġwanni 1, 11)*

Il-laqgħa tispiċċa b'talba.

# 1.4 Nemmen fik, Mulej, kollok imħabba!

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din l-unità, il-parteċipanti jitgħallmu l-Attijiet il-Qosra. Fl-aħħar laqgħa ssir ċelebrazzjoni ta' ferħ u ringrazzjament bi gratitudni li Alla bagħtilna l-Kelma tiegħu fil-Bibbja, li hu ktieb tant viċin tagħna b'mod speċjali.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Jitgħallmu l-Attijiet il-Qosra.
- Li hu sabiħ li niċċelebraw bil-ferħ, b'ringrazzjament u bi gratitudni li Alla bagħtilna l-Kelma tiegħu fil-Bibbja, li hu ktieb tant viċin tagħna b'mod speċjali.

*"Aħna niżżu ħajr bla heda lil Alla talli l-Kelma ta' Alla li intom smajtu mingħandna, ilqajtuha mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala Kelma ta' Alla, kif tassew hi, dik il-Kelma li qiegħda taħdem fikom li emmintu."*

1 Tess 3, 13

**Il-MESSAĠĠ**
In-Nisrani jersaq lejn il-Bibbja bi spirtu ta' ferħ u gratitudni lejn Alla li għoġbu jgħarraf lilu nnifsu lill-bnedmin, li niżel fil-livell tagħhom biex ikellimhom bi kliemhom stess.

"Fil-fatt, kliem Alla, espress bi lsien il-bniedem ħa sura ta' kelmet il-bniedem, kif il-Verb tal-Missier ta' dejjem, meta ħa l-ġisem dgħajjef tagħna, sar jixbah lilna l-bnedmin". (Dei Verbum 13)

Minħabba f'hekk, il-Knisja dejjem qiemet il-Kotba Mqaddsa, kif tqim ukoll Ġisem il-Mulej. Qatt ma tieqaf tagħti lill-fidili kollha l-Ħobż tal-ħajja li tieħu mill-mejda tal-Kelma ta' Alla u minn dik tal-Ġisem ta' Kristu.

Fil-Bibbja l-Knisja ssib il-manteniment u l-qawwa tagħha, għax ma tilqax l-Iskrittura bħala biss kelma tal-bniedem, imma tilqagħha bħala l-Kelma ta' Alla kif tassew hi. "Fil-Kotba Mqaddsa,

il-Missier tas-sema, bit-tjieba kollha tiegħu, jiġi quddiem uliedu u joqgħod jitħaddet magħhom." (Dei Verbum, 21)

Il-Knisja "tħeġġeġ bil-qawwa kollha u tinsisti mal-Insara kollha biex bil-qari ta' spiss tal-Kotba Mqaddsa jagħrfu lil Kristu Ġesú" (Fil 3,8). Fil-fatt, "min ma jafx il-Kotba Mqaddsa ma jafx lil Kristu". (San Ġilormu)

"Hemm tant qawwa u saħħa fil-Kelma t'Alla, li żżomm u tqawwi l-Knisja, issaħħaħ ulied il-Knisja fil-fidi tagħhom, tmantni lil ruħhom, u hi nixxiegħa safja li ma tintemm qatt fil-ħajja spiritwali tagħhom". "Jeħtieġ li l-bieb tal-Iskrittura Mqaddsa jkun miftuħ beraħ għall-Insara".

Il-Konċilju Vatikan II, Dei Verbum 94, 95

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 101-104, 131-133
Il-Konċilju Vatikan II, Dei Verbum, 16, 13, 21, 22, 24

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

O Alla għinna ngħaqqdu l-qari tal-Kelma tiegħek mal-ministeru tal-Kelma li aħna, bħala katekisti magħżula biex inwettqu. Agħmel li nħossuna pprivileġġati li ngħatajna din is-sejħa, u bi spirtu ta' ferħ u gratitudni naqdu din il-missjoni mill-aħjar li nistgħu. Dan nagħmluh waqt li nkomplu aħna stess nitmantnew tajjeb u niksbu l-qawwa mill-għana ta' din il-Kelma. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Bibbja
- Ħames kartonċiniet
- Blu Tack
- White Board, Marker u permanent Markers
- Diska: Alla jħobbok lejl u nhar (mis-Cd Ilħna Ferrieħa)
- Diska: The B-I-B-L-E
- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Kuluri

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Tagħlim bl-Amment: L-Attijiet il-Qosra

*Il-laqgħa tibda b'talba qasira.*

## Il-Kontenut

Il-parteċipanti jinqasmu f'ħames gruppi u kull grupp jikteb fuq kartonċina, waħda mill-Attijiet il-Qosra. Wara li jippreżentawhom fil-klassi, il-katekist, bil-għajnuna tal-parteċipanti stess, iwaħħalhom mal-whiteboard u aktar tard il-parteċipanti jimlew l-eżerċizzju fuq Il-Ktieb tal-Attivitajiet.

Mulejja, nemmen fik, kollok verità.
Mulejja, nittama fik, kollok ħniena.
Mulejja, inħobbok fuq kollox, kollok imħabba.
Mulejja, nindem għax offendejtek, kollok tjieba.
Mulejja, inqaddes ruħi bis-sagramenti tiegħek, kollok qdusija.



## L-Attività

Fil-Ktieb tal-Attivitajiet il-parteċipanti jimlew il-vojt tas-sentenzi tal-Attijiet il-Qosra.

Hawnhekk, il-katekist ifiehem lill-parteċipanti li dawn insejħulhom Attijiet għaliex juruna xi affarijiet li aħna nagħmlu b'mod ġo fina lejn Alla – nemmnu fih, nittamaw fih, inħobbuh, nindmu meta noffenduh u nitqaddsu bis-Sagramenti tiegħu stess li jqaddsuna u jagħmluna persuna li nogħġbu lil Ġesù.

Il-laqgħa tintemm b'talba.

---

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Ċelebrazzjoni ta' ferħ u ringrazzjament

Fi tmiem ta' din l-unità, il-katekist jingħaqad flimkien mal-parteċipanti biex jagħmlu ċelebrazzjoni ta' ferħ u ringrazzjament lil Alla talli tana l-kelma tiegħu miktuba permezz tal-Bibbja.



## Ambjent u Preparazzjoni
Importanti li l-Bibbja tkun mżejna sabiħ f'nofs il-klassi, b'xemgħa tixgħel u anke bi spot-light fuqha, għax il-qofol ta' din l-unità kienet il-Bibbja nnifisha.

## Kant
Wara introduzzjoni mill-katekist jitkanta l-innu: 'Alla jħobbok lejl u nhar' mis-CD 'Ilħna Ferrieħa'.

## Qari mill-Kelma ta' Alla **Luqa Kapitlu 11, vrus 1-11**
Darba Ġesù kien qiegħed xi mkien jitlob. Kif spiċċa mit-talb, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: "Mulej, għallimna nitolbu, bħalma Ġwanni wkoll għallem lid-dixxipli tiegħu.''

U qalilhom: "Meta titolbu, għidu:
'Missier, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
agħtina kuljum ħobżna ta' kull jum, u aħfrilna dnubietna,
għax aħna wkoll naħfru 'l kull min hu ħati għalina,
u la ddaħħalniex fit-tiġrib.'"

## Riflessjoni fuq il-qari mill-Kelma ta' Alla
Il-katekist ifiehem hekk:
"Darba kien hemm tifel li ma kienx jaf jitlob u kien imur il-Knisja għall-viżta u lil Ġesù kien jgħidlu biss: "Ġesù, Jimmy hawn". Biex nitolbu m'għandniex għalfejn noqogħdu ngħidu ħafna kliem tqil. Ġesù, lil dawk li staqsewh għallimhom it-talba tal-Missierna, talba li ngħiduha ta' spiss u li Ġesù jieħu pjaċir biha. Iżda Ġesù fil-Bibbja mhux biss għallimna nitolbu, iżda anke kif għandna ngħixu u għalhekk kif tgħallimna f'din l-unità, hemm bżonn li l-kelma tiegħu, il-Bibbja, tkun il-boxxla/mappa ta' ħajjitna."

## Ħin ta' Talb
Il-katekist iqassam karta u jgħid lill-partecipanti biex jiktbu talba ta' ringrazzjament lil Alla talli tana l-kelma tiegħu miktuba. Dawn, wara jinġabru u jitqiegħdu fin-nofs.

Wara, il-katekist jipprepara talb ta' ringrazzjament u tifħir lil Alla li tana lil Ibnu u l-kelma tiegħu fil-Bibbja. Hawn, il-katekist jipprova joħloq aktar ambjent ta' talb billi jagħmel xi mużika baxxa u jistieden lit-tfal jinġabru fis-skiet għax ser nitkellmu ma' xi ħadd li jħobbna ħafna u li jieħu gost jismagħna nkellmuh.

Il-parteċipanti jistgħu wkoll iżidu t-talb spontanju tagħhom. Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti ta' xiex għandna ngħidulu grazzi wkoll lil Alla.

## Tmiem
Fil-Ktieb tal-Attivitajiet, il-parteċipanti jimlew bil-kulur il-kliem: GRAZZI MULEJ TALLI TKELLIMNA BIL-KELMA TIEGĦEK. Fl-aħħar tal-laqgħa, il-katekist jagħmel reviżjoni ġenerali ta' din l-unità.

Il-laqgħa tispiċċa b'talba mill-parteċipanti. Jistgħu jagħlqu billi flimkien itennu l-Attijiet il-Qosra.

Unità 2

# Alla joħloq storja speċjali

**Skop tal-unità**
F'din l-unità l-parteċipanti jsiru midħla tal-ġrajja ta' Adam u Eva. Jagħrfu li Alla jħobbhom. Il-parteċipanti jaslu jifhmu b'mod sempliċi x'inhu d-dnub u l-effetti tiegħu. B'hekk il-katekisti jgħinuhom jaraw li 'mhux kollox hu sew' – kemm fid-dinja ta' madwarhom kif ukoll dak li hemm fihom. Hi l-imħabba ta' Alla li teħlisna mid-dnub u l-ħażen.

Pass pass wara Ġesù

# 2.1 Alla ħalaqna

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**

Il-parteċipanti jkomplu jaraw li Alla kien li ħalaq u bierek lill-bniedem. Alla qallu sabiex jieħu ħsieb il-ħolqien tiegħu u jkun hu li jmexxi l-art. Fil-ġrajja ta' Adam u Eva nsibu li Alla ried joħloq storja sabiħa. Alla żejjen lill-bniedem b'kapaċità li jgħinu jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. Il-parteċipanti jridu jagħrfu li għalkemm Adam u Eva kellhom kollox, xorta marru kontra dak li ried Alla. Għażlu d-dnub u għamlu l-ħażen. Imma Alla xorta jibqa' jħobbhom u jieħu ħsiebhom għax hu ħalaqhom u jagħtihom l-għajnuna biex jersqu lejh mill-ġdid.

**L-GĦAN**

Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li Alla kien li ħalaq u bierek lill-bniedem u qallu sabiex jieħu ħsieb il-ħolqien tiegħu.
- Li fil-ġrajja ta' Adam u Eva nsibu li Alla ħalaq lill-bniedem bil-kapaċità li jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin.
- Li għalkemm Adam u Eva kellhom kollox, xorta marru kontra dak li ried Alla - għażlu d-dnub u għamlu l-ħażen.
- Li Alla xorta jibqa' jħobb lill-bniedem u jieħu ħsiebu għax hu ħalqu.

---

*'Għax inti tħobb il-ħlejjaq kollha, u xejn ma tistmell minn dak kollu li għamilt; li kien hemm xi ħaġa li stajt tobgħodha , int ma kontx tagħmilha. Kif setgħet tibqa' xi ħaġa fid-dinja, kieku int ma ridthiex jew kif setgħet iżżomm kieku int ma sejjaħtilhiex? Imma int, O Sid li tħobb kulma jgħix, lil kulħadd tagħder, għax kollox huwa tiegħek.'*

Għerf 11, 24-26

**Il-MESSAĠĠ**

Id-dinja ma saritx għax kellha ssir bilfors jew għax hekk kien id-destin tagħha, jew għax saret b'kumbinazzjoni, bl-addoċċ jew bla ħsieb. Aħna nemmnu li d-dinja saret bir-rieda ħielsa ta' Alla li ried isieħeb il-ħlejjaq tiegħu miegħu, fl-għerf u t-tjieba tiegħu: 'Għax int ħlaqt il-ħlejjaq kollha u huma kienu u nħolqu bir-rieda tiegħek.' (Apok 4,11). 'Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek Mulej! Kollha bil-għerf għamilthom' (Salm 104, 27). 'Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kulma għamel' (Salm 145,9).

Il-katekist jispjega li Alla wera fiduċja u mħabba fil-bniedem. Hu ried isieħbu miegħu fil-biċċa

xogħol kbira li kien għamel - il-ħolqien. Il-bnedmin kienu kuntenti bil-ħolqien u anke b'xulxin. Adam u Eva kienu kuntenti f'dan il-ġnien u rringrazzjaw lil Alla tal-ħolqien kollu.

Il-katekist juri li l-bniedem għadu jgawdi minn dan il-ħolqien ta' madwarna. Il-ħolqien għandu t-tjieba u l-perfezzjoni tiegħu, iżda l-ħolqien ma ħariġx mitmum għal kollox minn idejn Alla. Inħalaq b'mod li jista' jimxi 'l quddiem lejn il-perfezzjoni. Alla jsieħeb lill-bniedem miegħu biex igawdi minn dan il-ħolqien u biex miegħu jkompli jmexxih lejn il-perfezzjoni.

Wara l-ħolqien, Alla ma telaqx il-ħlejjaq waħedhom. Ma jagħtihomx biss l-eżistenza iżda jżommhom f'kull mument tal-eżistenza tagħhom. L-għarfien ta' din id-dipendenza sħiħa tal-ħlejjaq mill-Ħallieq hu bidu ta' għerf u ta' ħelsien, ta' hena u ta' fiduċja.

'Alla jħares u jmexxi bil-Providenza tiegħu kulma ħalaq, billi "jinfirex minn tarf sa tarf tal-art u jmexxi kollox bil-ħlewwa" (Għerf 8,1). Għaliex "xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejh (Lh 4,13), dak kollu wkoll li jsir mill-għemil ħieles tal-ħlejjaq."

Mill-Konċilju Vatikan I; Denzinger-Schonmetzer, 303

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 295-305

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Mulej Ġesù, int titlob minna li nintelqu bħal tfal f'idejn il-Providenza tal-Missier tas-sema, li jieħu ħsieb sal-iċken ħtiġijiet ta' wliedu. Għinna npoġġu l-fiduċja tagħna fih u ninħelsu mill-ħafna inkwiet ta' 'x'se nieklu jew x'se nilbsu' għax Missierna jaf li dan kollu neħtiġuh. Għinna nfittxu l-ewwel is-Saltna t'Alla u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jingħatalna wkoll. (Mt 6, 31-33). Ammen.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- cd player
- dadi u tokens
- drapp biex tgħatti għajn il-parteċipanti
- ħalib
- ħall
- id-diska Nitolbuk (Riżorsi)
- il-clip Kids for truth (Riżorsi)
- il-logħba Snakes and Ladders (Riżorsi)
- l-istorja Adam u Eva
- L-Istorja tal-Ħolqien (Riżorsi)
- pupazzi ta' Adam, Eva, serp, siġra u tuffieħa (uża kebab stick biex twaħħal l-uċuh tal-karattri u tagħmel pupazz)
- reċipjent trasparenti u fond
- stampi tal-ħolqien (Riżorsi)
- żewġ oġġetti

**A. L-Ewwel Laqgħa**

# Alla ħalaqna għax iħobbna

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.*

### ICEBREAKER

Qabel ma l-katekist jibda l-lezzjoni, hu jagħżel xi oġġetti li jidhru madwar il-klassi. Hu jagħżel tliet parteċipanti - lil wieħed jgħattilu għajnejh u lit-tnejn l-oħra jurihom kif jagħtu d-direzzjoni lejn oġġett li tindikalhom int. Iż-żewġ parteċipanti li ma jkollhomx għajnejhom mgħottija, wieħed irid jgħin lil sieħbu jasal għall-oġġett u l-ieħor irid itellfu. Ma jistgħux imissuh jew jagħtuh direzzjoni, imma jgħidu biss "jaħraq" jekk ikun qrib l-oġġett, u "kiesaħ" jekk ikun 'il bogħod. Il-parteċipant ta' għajnejh mgħottija jrid jipprova jagħraf il-leħen li qed jiggwidah b'mod tajjeb biex jasal għall-oġġett.

Wara, il-katekist jagħżel żewġ parteċipanti oħra. Lil parteċipant minnhom jgħattillu għajnejh bid-drapp, waqt li lill-ieħor irid jgħinu jasal għal oġġett ieħor. Ma jistax imissu u lanqas jagħtih id-direzzjoni. Jista' jgħidlu "jaħraq" jekk ikun qrib, u "kiesaħ" jekk ikun 'il bogħod. Wara din l-attività, il-katekist jagħmel xi mistoqsijiet liż-żewġ parteċipanti li kellhom għajnejhom mgħottijin. Hawnhekk, il-katekist jara li toħroġ id-differenza bejn wieħed li ħassu mifxul għax kien hemm min qed igerfxu, u l-ieħor li tefa' l-fiduċja sħiħa tiegħu f'sieħbu biex jasal għall-oġġett. Minn din l-attività l-parteċipanti jridu jifhmu li meta l-bniedem jintelaq totalment f'idejn Alla, jasal għad-destinazzjoni t-tajba.


2.1

Alla ħalaqna għax iħobbna

Alla ħalaq...

**Nitolbok**

Nitolbok filgħodu
Nitolbok filgħaxija
Nitolbok għal ħuti
Nitolbok għalija

**Nitolbok għal dawk li jħobbuni**
**u t-triq għal maġenbek jurini**

Nitolbok fl-iskola
Nitolbok fid-dar
Nitolbok fil-knisja
Nitolbok fl-isptar

**Nitolbok f'kamarti xi drabi**
**u wkoll fil-quddiesa ma' sħabi**

Nitolbok Missierna
li int fis-smewwiet
Infaħħar dak ismek
Fl-irħula, fl-ibliet

**Nitolbok il-ħobż li jimliena**
**Warrbilna l-inkwiet li jbikkina**

Nitolbok tgħallimna
Kif naħfru 'l bnedmin
Nitolbok taħfrilna
Jekk nagħmlu l-ħażin

**Irridu minn qalbna naqduk**
**biex aktar bnedmin iħobbuk**

Il-ħajr irroddulek
Għall-ġmiel tal-ħolqien
L-għasafar għannejja
Il-fjuri tal-ġnien

**Ix-xemx li l-kuluri turina**
**Ix-xita filwaqt issaqqina**
**Ix-xemx li l-kuluri turina**
**Ix-xita filwaqt issaqqiha**

20

21

# Il-Kontenut

Il-katekist jirrakkonta l-istorja tal-ħolqien (ara Riżorsi) permezz tal-istorja u l-istampi.

**L-Istorja tal-Ħolqien**
(L-ewwel storja tal-Bibbja tgħidilna kif Alla ħalaq id-dinja b'kulma fiha. Il-katekist jista' jsib din l-istorja fil-ktieb tal-Ġenesi, kapitlu 1.)

"Fil-bidu ta' kull żmien Alla ħalaq id-dinja. Għall-ewwel kollox kien dlam u baħħ. Iżda Alla kien jaf li bil-qawwa tiegħu seta' jibdel id-dinja f'post sabiħ ħafna. Alla għamel id-dawl, u għalhekk kien hemm id-dlam u d-dawl. " Hekk sewwa", qal Alla.

Kien hemm l-ilma kullimkien. Alla ried li jħalli xi ilma fis-sħab u jqiegħed ilma ieħor fuq l-art. Għalhekk Alla għamel is-sema għas-sħab tiegħu. Hu ħalla l-ilma maħżun fihom għal meta jkun irid ix-xita. "Hekk sewwa", qal Alla.

Alla ressaq l-ilma f'postijiet speċjali fuq l-art u hekk ġie l-baħar. L-ilma nbaram fuq l-art f'mewġiet bojod. F'xi nħawi l-ilma beda jħabbat mal-blat u joħloq raxx ileqq fl-arja. "Hekk sewwa", qal Alla, "issa għandna l-baħar u l-art". Alla għatta l-art bil-pjanti. Iż-żerriegħa ħadra bdiet tikber f'qamħ twil lewn id-deheb lest biex jinħasad. Kien hemm siġar mimlija żahar abjad u roża. "Hekk sewwa", qal Alla, "dalwaqt ikollna l-frott x'nieklu u l-lewż x'intiegħmu".

Kien hemm weraq tad-dielja mdawwar mas-siġar. Alla seta' jxomm il-fwieħa tal-fjuri li kien għamel. "Xi ġmiel ta' art se tkun!", qal Alla. Hu ħass iz-zokk aħrax tas-siġar kbir tal-ballut u ra l-felċi jsawru l-weraq tagħhom mill-art umda. "Hekk tajjeb", qal Alla.

Alla kien jaf li l-pjanti kellhom bżonn id-dawl u s-sħana. Għalhekk hu għamel ix-xemx biex iddawwal il-jum. "Hekk il-pjanti tiegħi jikbru f'saħħithom", qal Alla. Hu kien jaf li ser jagħmel xi annimali li jibqgħu mqajmin bil-lejl. Dawn ukoll kien ser ikollhom bżonn id-dawl, iżda mhux dawl qawwi u jaħraq bħal tax-xemx. Għalhekk Alla għamel il-qamar u l-kwiekeb. "Hekk sewwa", qal Alla. Alla ħares lejn il-mewġ tal-baħar iċafċaf max-xatt. Hu ra x-xemx tiddi fuq l-ilma. L-arja kienet mgħobbija bil-fwieħa tal-pjanti u tal-fjuri. "Dawn postijiet tajbin biex tgħix fihom", qal Alla. "Nagħmel il-ħut biex jieħu gost fl-ilma u nagħmel l-għasafar bir-rix artab biex itiru fis-sema... Hekk sewwa", qal Alla, "issa għandna l-ħut fil-baħar u l-għasafar fl-arja". "Issa nagħmel xi ħlejjaq ċkejknin bħal din in-nemla u din in-naħla", qal Alla. "Nagħmel ukoll xi annimali kbar bħal dan l-iljunfant. Xi annimali jimxu bil-mod, bħal dan l-annimal li jixxabbat mas-siġar; oħrajn jiġru, bħal dan il-leopard. Ikun hawn annimali ta' kull daqs u sura... Hekk sewwa", qal Alla.

Alla għamel xi annimali bil-pil artab u oħrajn b'qoxra iebsa. Ix-xadini għamlilhom denb b'saħħtu biex ikunu jistgħu jixxabbtu mas-siġar, filwaqt li l-kokki għamilhom b'għajnejhom kbar biex ikunu jistgħu jaraw fid-dlam. Kull annimal fil-baħar, fl-ajru jew fuq l-art kien perfett u sabiħ. Alla ħares lejhom kollha u tbissem. "Hekk sewwa", qal Alla.

Issa l-art kienet lesta biex il-bniedem jieħu gost fiha. "Nagħmel in-nies biex jgħixu hawn", qal Alla. Għalhekk ħalaq raġel u mara. "Hekk sewwa", qal Alla. "Huma jkollhom it-tfal", qal Alla, "imbagħad ikun hawn ħafna nies jieħdu ħsieb l-art il-ġdida tiegħi". Alla sejjaħ lir-raġel Adam u lill-mara Eva. Huma kienu l-ħbieb speċjali tiegħu. Alla wera lir-raġel u lill-mara l-ħwejjeġ kollha li kien għamel għalihom. "Grazzi", qalulu, "id-dinja hija sabiħa ħafna". Alla ħares lejn id-dinja. "Iva, dan hu post sabiħ ħafna", qal. "Issa nista' nistrieħ u nieħu gost b'li għamilt". Għalhekk Alla straħ wara li ħalaq kollox u qagħad jitgħaxxaq b'kulma għamel."

Fil-bidu l-katekist jista' juri wkoll l-istorja fil-qosor permezz tal-clip Kids for truth (ara Riżorsi). Wara r-rakkont il-katekist jiddiskuti mal-parteċipanti dwar is-sbuħija tal-ħolqien kollu, inkluż il-bniedem. Hawnhekk, il-katekist jara li joħroġ il-punt li hemm ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Alla wera fiduċja u mħabba f'Adam u Eva. It-tnejn kienu kuntenti bil-ħolqien u anki b'xulxin. Adam u Eva kienu kuntenti f'dan il-ġnien u rringrazzjaw lil Alla tal-ħolqien kollu. Kienu jobdu lil Alla. Kien hemm fiduċja.

## L-Attività

Il-katekist juri li l-bniedem għadu jgawdi minn dan il-ħolqien ta' madwarna. Dan narawh fil-ħajja ta' kuljum bħal fl-iskola, id-dar, il-post tal-katekiżmu, il-kampanja u l-ambjenti sbieħ ta' madwarna. Hu importanti li l-katekist jagħti eżempji tas-sbuħija li hawn madwarna. Waqt li qed jirrakkonta jista' juri l-istampi (ara Riżorsi). Importanti li jħalli lill-parteċipanti jsemmu dak kollu li jogħġobhom fil-ħolqien.

Il-katekist jagħlaq il-laqgħa tiegħu bid-diska Nitolbuk (ara Riżorsi – cd/PowerPoint).

---

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Alla jibqa' jħobbna

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.*

**ICEBREAKER**

Il-katekist jibda billi juri lill-parteċipanti reċipjent fond u trasparenti. Jibda jferra' fih il-ħalib abjad. Wara juri r-reċipjent bil-ħalib lill-parteċipanti. Jistaqsi għalfejn jista' jintuża l-ħalib - biex toħroġ il-pożittiv tal-ħalib. Wara juri l-ħall u jibda jferra' ftit fil-ħalib. Juri r-riżultat lill-parteċipanti: is-separazzjoni bejn il-ħalib u l-ħall. Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk il-ħalib għadux tajjeb għall-użu tiegħu. B'hekk il-parteċipanti jifhmu t-tagħlima li meta l-ħażin jitħallat mat-tajjeb jinfired minn ma' Alla.



# Il-Kontenut

Il-katekist jirrakkonta l-istorja tal-waqgħa fid-dnub ta' Adam u Eva billi tuża l-pupazzi (ara Riżorsi). Matul ir-rakkont jibda juri l-pupazzi relatati mal-parti fejn waslet l-istorja.

**Adam u Eva**
Fil-bidu nett, meta l-art kienet għadha kif saret, Alla kien jimxi fil-ġnien sabiħ tiegħu.
Kien jieħu pjaċir iħares lejn l-annimali li kien ħalaq. Imma l-għaxqa tiegħu kienet li jara r-raġel u l-mara li kien ħalaq. Huma kienu ħbieb tiegħu. Kif nafu, kien jisimhom Adam u Eva. X'kien jisimhom, tfal?

Il-katekist iħalli lill-parteċipanti jwieġbu.

Alla kien soltu tiegħu jżurhom qabel ma jidlam filgħaxija, meta l-arja kienet tkun friska.
Huma kienu jgħidulu x'kienu qagħdu jagħmlu matul il-jum. Tistgħu taħsbu kemm kienu jieħdu gost fil-ġnien!

Adam u Eva kienu kuntenti fil-ġnien li Alla kien għamel. Kienu jieħdu ħsieb ix-xtieli. Kienu jiġbru l-frott u t-tut meta jkunu misjura. Tfal, tistgħu taħsbu xi tjubija! Alla kien qal li l-art kienet tagħhom biex igawduha. Huma kienu għażlu l-ismijiet tal-annimali. Kienu jilagħbu magħhom. Kienu jieħdu gost iħarsu lejn dak kollu li Alla kien ħalaq. "Tistgħu tieklu l-frott mis-siġar kollu tal-ġnien", qal Alla, "minbarra s-siġra tan-nofs".

Il-katekist juri s-siġra.

Kienet ħaġa ħafifa tobdi, għax kien hemm ħafna affarijiet oħra tajba x'tiekol. L-annimali kollha kienu jħobbu lil Adam u Eva u ma kinux jibżgħu minn xulxin. Imma kien hemm wieħed li ma kienx bħall-oħrajn. Kien serp makakk. Dan ma ħax gost meta ntebaħ li r-raġel u l-mara kienu ħbieb ma' Alla.

Ġurnata waħda, meta Eva kienet fil-ġnien (il-katekist juri l-pupazz ta' Eva), is-serp makakk qalilha (uri s-serp): "Għaliex ma dduqx il-frott tas-siġra f'nofs il-ġnien? Ma qalilkomx Alla li tistgħu tieklu li tridu?". Hekk qalilhom, tfal?

Il-katekist iħalli lill-parteċipanti jgħidu dak li kien qal Alla. Juri l-pupazz ta' Eva.

"Nistgħu nieklu li rridu minn dawn is-siġar u x-xtieli", qalet Eva, "imma m'għandna qatt nieklu mill-frott ta' dik is-siġra (il-katekist juri s-siġra), inkella mmutu".

Il-katekist juri s-serp.

"Kemm int belha biex temmen dan!", qalilha s-serp makakk lil Eva. "Int ma tmutx! Jekk tiekol dik il-frotta int issir taf daqs Alla. Ipprova, u tara kif għandi raġun".

Il-katekist imexxi lil Eva lejn is-siġra.

Eva daret bil-mod u marret lejn is-siġra. Dawret dirgħajha maz-zokk u ħarset 'il fuq qalb il-weraq. Il-frotta kienet ħamra u tleqq. Fid-dawl tax-xemx kienet tidher sabiħa ferm.

Il-katekist jistaqsi: X'taħsbu li għamlet Eva, tfal?
Il-katekist iħalli lill-parteċipanti jwieġbu.

Il-frotta kienet qiegħda fil-baxx mhux ħażin, allura setgħet tilħaqha eżatt.

Il-katekist juri lil Eva ħdejn is-siġra, taparsi qed taqta' l-frott. Eva ħadet il-frotta u gidmitha. "Għandha togħma tassew tajba", qalet. Is-serp makakk tkaxkar qalb il-ħaxix u qagħad iħares ċass lejha.

Il-katekist juri lil Adam ifittex lil Eva... taparsi taħt is-siġġu. Adam ma damx ma ġie jfittixha. Sabha taħt is-siġra, tiekol il-frotta.

Il-katekist juri lil Eva u lil Adam taparsi jippassiġġaw. "Din aħjar mill-frott l-ieħor kollu", qaltlu, "duqha". Hi tatu l-frotta u hu daqha.

Il-katekist juri s-serp u jistaqsi: X'taħsbu li għamel is-serp, tfal?

Imbagħad is-serp makakk tbissem. Imma Adam u Eva malajr qabadhom biża' kbir.

Il-katekist jistaqsi: Għalfejn taħsbu li qabadhom biża' kbir?

Marru jistaħbew wara l-weraq (il-katekist juri lil Adam u Eva).

“X’biċċa ġratilna!”, qalu, “Meta Alla jiġi jarana se jinduna li ma smajniex minnu. Jeħtieġ ninħbew malajr.

Il-katekist jaħbi l-pupazzi ġo kexxun jew xi mkien fejn ma jidhrux, u jistaqsi lill-parteċipanti jekk Adam u Eva qattx qabel inħbew minn Alla.

Fil-fatt qatt qabel ma kienu nħbew minn Alla, għax huma, kif ġa smajna, kienu ħbieb kbar ta’ Alla. Meta Alla ġie, filgħaxija, sejħilhom: “Fejn intom? Għaliex qegħdin tibżgħu? Jaqaw kiltu mill-frotta tas-siġra f’nofs il-ġnien?”

Il-katekist juri li Alla kien jaf li kielu imma ried ikun jaf mingħandhom x’ġara.

Joħroġ bil-mod il-pupazzi ta’ Adam u Eva. Adam u Eva ħarġu bil-mod minfejn kienu qed jistaħbew. “Għaliex kiltu dik il-frotta?”, staqsiehom Alla.

Il-katekist juri lil Adam iwaħħal f’Eva. Adam beda jwaħħal f’Eva: “Hi ġagħlitni”, qal. Alla qal lil Eva: “Għaliex kilt il-frotta?”, u Eva ppontat subagħha lejn is-serp makakk (il-katekist juri lil Eva twaħħal fis-serp) “Hu ġagħalni”, qalet.

Nistgħu naħsbu, tfal, kemm Alla ma ħax gost li m’obdewx il-kelma tiegħu u ma qalux il-verità. Għalhekk Adam u Eva tkeċċew mill-ġnien. Alla ddispjaċieh ħafna li ma setax jafdahom. Anki Adam u Eva ddispjaċiehom li ma kinux obdew minn Alla li tant kienu ħbieb tiegħu. Issa kellhom jaħdmu iebes biex ikabbru l-ikel tagħhom. Kienu qalbhom sewda li l-annimali ma baqgħux jafdawhom. Imma fuq kollox l-aktar li ħassew għax ma kinux għadhom ħbieb ma’ Alla. Iżda Alla dejjem kien lest li jaħfrilhom għax kien iħobbhom!

Il-katekist jara li minn din l-istorja jkunu ħarġu dawn it-temi:

- Il-ħbiberija li Alla kellu mal-bniedem;
- Adam u Eva kienu kuntenti;
- Fil-bidu kienu jobdu minn dak li kien talabhom Alla, imma waqt il-prova ċedew għall-ħażin;
- Għalkemm Alla ma ħax gost b’dak li għamlu, xorta baqa’ jħobbhom, u ried li huma jersqu lura lejh.

Fil-bidu kienu jobdu minn dak li kien talabhom Alla, imma waqt il-prova ċedew għall-ħażin; Għalkemm Alla ma ħax gost b’dak li għamlu, xorta baqa’ jħobbhom.

## L-Attività

Il-katekist jgħid: Aħna lkoll inkunu ferħanin meta nkunu magħqudin ma’ Alla, imma sfortunatament aħna nagħmlu affarijiet li ma jogħġbux lil Alla.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x’jista’ jifridna minn ma’ Alla. Fuq il-whiteboard jikteb dak li jsemmu l-parteċipanti.

Jaqsam il-parteċipanti fi gruppi u kull grupp jilgħab il-logħba Snakes and Ladders (ara Riżorsi). Il-katekist jispjega lill-parteċipanti kif din il-logħba turina li n-nuqqasijiet tagħna jwarrbuna minn Alla, imma bl-għajnuna tiegħu nerġgħu nimxu ’l quddiem. Jistaqsi lill-parteċipanti fuq in-nuqqasijiet li hemm ħdejn l-irjus tas-sriep. Jgħin lill-parteċipanti jaħsbu kif dawn in-nuqqasijiet ibegħduna minn Alla u minn ma’ xulxin. Il-parteċipanti jħarsu lejn is-slaleb, għax permezz tal-mewt ta’ Ġesù fuq is-salib aħna nistgħu niġu maħfura, u l-għaqda tagħna ma’ Alla tissaħħaħ.

Il-laqgħa tintemm b’talba.

# 2.2 Nista' nwarrab lil Alla

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jsiru konxji ta' x'inhu l-ħażin u li mhux kollox hu tajjeb. Fil-ġrajja ta' Abel u Kajjin, il-parteċipanti jridu jagħrfu b'mod prattiku li l-ġibda għall-ħażen twassal għall-għejra bejniethom u li kif mod jew ieħor iġibu ruħhom ma' xulxin u mal-ġenituri tagħhom. Fil-ġrajja tal-istorja tat-torri ta' Babel, jaraw kif il-bniedem jasal biex iwarrab lil Alla. Dan iwasslu sabiex jidħol f'konfużjoni fih innifsu.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li madwarhom hawn il-ħażin u li mhux kollox hu tajjeb.
- Li l-ġibda għall-ħażen twassal għall-għejra bejn il-bnedmin. Dan jarawh mill-ġrajja ta' Abel u Kajjin.
- Li jaraw kif għandhom iġibu ruħhom ma' xulxin u mal-ġenituri tagħhom.
- Li meta l-bniedem jasal biex iwarrab lil Alla, hu jidħol f'konfużjoni fih innifsu. Dan jarawh mill-ġrajja tat-torri ta' Babel.

*U Kajjin qal lil ħuh Abel: "Ħa mmorru fir-raba'." U kif kienu fir-raba' Kajjin qam għal ħuh Abel, u qatlu. U l-Mulej qal lil Kajjin: "Fejn hu ħuk Abel?" U hu wieġbu: "Ma nafx. Jaqaw jien għassies ta' ħija?" U l-Mulej wieġbu: "X'għamilt! Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed jgħajjatli mill-art. U issa misħut int mill-art li fetħet fommha u laqgħet id-demm ta' ħuk minn idejk.*

Ġenesi 4:8-12

## Il-MESSAĠĠ

Il-bniedem, imġarrab mix-xitan, ħalla tintemm f'qalbu l-fiduċja li kellu fil-Ħallieq tiegħu, abbuża mil-libertà tiegħu, m'obdiex il-kmandament ta' Alla. Dan kien l-ewwel dnub tal-bniedem. Kull dnub li ġie wara, hu att ta' diżubbidjenza lejn Alla u nuqqas ta' fiduċja fit-tjieba tiegħu.

Bid-dnub il-bniedem ipprefera lilu nnifsu għal Alla u għalhekk għażel lilu nnifsu flok Alla, flok dak li kienet titlob minnu s-sejħa tiegħu ta' maħluq. Il-Bibbja turina x'kienu l-konsegwenzi traġiċi ta' din l-ewwel diżubbidjenza. Adam u Eva minnufih tilfu l-grazzja tal-qdusija tal-bidu, l-armonija li fiha kienu jgħixu nqerdet, l-għaqda tar-raġel u l-mara bdiet iġġarrab tensjonijiet ta' ħakma. Inkisret ukoll l-armonija li kien hemm mal-ħolqien: id-dinja saret barranija għall-bniedem u għadu tiegħu u fl-aħħar nett iseħħ l-akbar effett tad-diżubbidjenza; tidħol il-mewt fil-ġrajja tal-bniedem.

Wara dan l-ewwel dnub, kien hemm invażjoni sħiħa ta' dnubiet li xterdet mad-dinja. Fil-Bibbja niltaqgħu mal-ġrajja tal-qtil ta' Abel minn Kajjin ħuh. Naraw l-għejra li daħlet bejn dawn it-tnejn li huma aħwa u din twassal għall-qtil. Il-katekist jispjega b'mod ċar u b'eżempji prattiċi kif fil-ħajja tal-lum nistgħu nixbhu lil Kajjin jew lil Abel. Il-parteċipanti jaraw liema huma dawk l-affarijiet li bihom ifaħħru lil Alla u dawk li bihom ma jagħtux gost lil Alla.

Wara din il-ġrajja naraw l-art kollha titħassar minħabba d-dnub, ġens sħiħ joħodha kontra Alla, jibni torri, jitħawwad fih innifsu, tinħoloq konfużjoni, nuqqas ta' ftehim, firda minn Alla u minn xulxin. Il-katekist jispjega d-diffikultà li ħassew in-nies tal-ġrajja tat-torri ta' Babel minħabba li kellhom lingwi differenti. Illum aħna wkoll jista' jiġrilna bħall-istorja tat-Torri ta' Babel. Dan jiġri meta nwarrbu lil Alla u naħsbu li nistgħu ngħaddu mingħajru.

L-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja ma jieqfu qatt ifakkru li d-dnub jinsab u hu mxerred fil-ġrajja kollha kemm hi tal-bniedem.

---

'Il-bniedem jekk iħares f'qalbu, għandu jintebaħ li hu miġbud ukoll lejn il-ħażen, mgħaddas f'tant suriet ta' deni, li żgur ma jistgħux jiġu mill-Ħallieq tajjeb tiegħu. Spiss il-bniedem ma jkunx irid jagħraf lil Alla bħala l-bidu tiegħu, u hekk jikser ukoll l-ordni li jmexxih lejn l-għan aħħari tiegħu, u fl-istess ħin ukoll iħarbat kull relazzjoni kemm miegħu nnifsu u kemm mal-bnedmin l-oħra u mal-ħlejjaq kollha.'

Il-Konċilju Vatikan II, Gaudium et Spes, 13

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 296-409

## QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB

Alla Missierna, tul il-ġrajjiet kollha ta' ħajjitna u ta' ħajjet il-bnedmin l-oħra, niltaqgħu dejjem ma' ġlieda kiefra kontra s-setgħat tal-ħażen li bdiet fil-bidu u tibqa' sejra sal-aħħar jum – u dan qalhulna l-Mulej Ġesù. Għinna nimpenjaw ruħna f'din it-taqbida, għinna niġġieldu bla heda biex naħarbu dak kollu li hu ħażin u nintrabtu ma' dak li hu tajjeb. Tħalliniex nibżgħu mill-isforzi kbar li jkollna nagħmlu, għax bl-għajnuna tal-grazzja tiegħek jirnexxilna niksbu mill-ġdid il-għaqda tagħna miegħek, ma' ħutna u fina nfusna. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Storja ta' Kajjin u Abel (ara Riżorsi)
- Stampa ta' Cindirella ma' ħutha jew il-Clip (ara Cd. riżorsi)
- frażijiet li jiddeskrivu lil Abel u Kajjin (ara Riżorsi)
- karta "ABEL" (ara Riżorsi)
- karta "KAJJIN" (ara Riżorsi)
- kaxxa mżejna sabiħ
- kaxxa sempliċi
- kuluri
- lapsijiet u żewġ karti żgħar vojta għal kull parteċipant
- l-istorja It-Torri ta' Babel (ara Riżorsi)

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Mhux dejjem nagħmel it-tajjeb!

Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Il-katekist juri lill-parteċipanti video clip ta' Cindirella - il-parti meta ħutha kienu jgħiru għaliha. Fil-każ tista' tintuża stampa ta' Cindirella.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti:
Kif ħassitha Cindirella għax kienu jgħiru għaliha?
X'għamlu ħutha għax kienu jgħiru għaliha?

Il-katekist jgħid: Illum ser naraw storja ta' x'kien lest jagħmel il-bniedem għax kien jgħir u ma jiħux gost bit-tajjeb ta' ħaddieħor.



Il-katekist jibda jirrakkonta l-istorja ta' Abel u Kajjin.

**Kajjin u Abel**
Il-katekist jgħid: "L-istorja tal-lum hija fuq żewġ persuni li kienu jqimu lil Alla. Dawn jiġu wlied Adam u Eva."

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk jafux l-ismijiet tagħhom.

Ikompli: "Wieħed mill-persunaġġi li ser nitkellmu fuqhom illum għamel xi ħaġa li xejn ma għoġbot lil Alla."

It-tpinġija tal-istorja: Il-katekist jgħid lill-parteċipanti jħarsu lejn Il-Ktieb tal-Attivitajiet.

Jgħid: "Din l-istorja hija fuq żewġt aħwa, wieħed jismu Kajjin."

Il-katekist juri min hu Kajjin fuq Il-Ktieb tal-Attivitajiet u jwaħħal l-istampi ta' Kajjin u Abel fuq il-white-board. Jgħid lill-parteċipanti biex ipinġu b'kulur wieħed wiċċ Kajjin u b'kulur ieħor wiċċ Abel.

Il-katekist jistaqsi:"X'taħsbu li kien ix-xogħol ta' Kajjin?"

Meta xi ħadd jissuġġerixxi li kien ħaddiem ir-raba', il-katekist jitkellem flimkien mal-parteċipanti dwar il-ħaxix sabiħ li kien ikollu Kajjin. Wara jpinġu l-ħaxix bl-istess kulur ta' Kajjin. Wara, il-katekist jirrakkonta li Abel kellu xogħol ukoll: kien ragħaj. Jispjega fil-qosor ix-xogħol tar-ragħaj. Jistieden lill-parteċipanti jpinġu n-nagħaġ bl-istess kulur ta' Abel.

Il-katekist ikompli:
"Kemm Kajjin u kemm Abel kienu joffru sagrifiċċji lil Alla."

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'jaħsbu li kien joffri Kajjin, u jgħidilhom jagħżlu l-frott u jpinġuh bl-istess kulur ta' wiċċ Kajjin. Bl-istess mod jgħidilhom jagħmlu għal Abel, li kien joffri l-isbaħ nagħġa li kellu.

Il-katekist jirrakkonta li Abel kien iqim lil Alla u kien jagħtih mill-aħjar li kellu. Jispjega kif id-duħħan tas-sagrifiċċju ta' Abel kien jitla' 'l fuq, waqt li s-sagrifiċċju ta' Kajjin ma kienx l-istess għax l-isbaħ kien iżommu għalih u kien joffri lil Alla dak li ma kienx tajjeb għall-ikel; għalhekk id-duħħan tas-sagrifiċċju tiegħu kien jinżel 'l isfel.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'jaħsbu dwar l-offerta ta' Kajjin. Wara, jitlobhom ipinġu bl-istess kulur ta' Kajjin, fuq Il-Ktieb tal-Attivitajiet, "Alla ma ħax gost", u jqabbluha ma' Kajjin.

Għal darb'oħra, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti fuq is-sagrifiċċju ta' Abel. Jgħid lill-parteċipanti li Alla aċċetta s-sagrifiċċju ta' Abel għax dan kien jagħtih mill-aħjar u għax għaraf li Alla veru kien jixraqlu l-aħjar.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'jaħsbu li ġara wara. Għalkemm Kajjin kien jaf li kien qed jagħmel ħażin, ma skużax ruħu ma' Alla imma għamel xi ħaġa wisq agħar.

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti jpinġu bil-kulur ta' Kajjin, "Ma skużax ruħu ma' Alla".

Il-katekist ikompli jgħid: "Kajjin qal lil ħuh: "Imxi mmorru passiġġata sar-raba'", u Kajjin qam għal ħuh Abel u qatlu.
U Alla qal lil Kajjin: "Fejn hu ħuk Abel?", u hu wieġbu: "Ma nafx".

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti xi żball għamel hawn Kajjin: ma qalx il-verità lil Alla. Jgħid lill-parteċipanti jpinġu: "Ma qalx il-verità" bil-kulur ta' Kajjin. Barra minn hekk ħebb għal ħuh u qatlu. Jispjega lill-parteċipanti li l-kastig ta' Alla lil Kajjin kien li bagħtu 'l bogħod mill-familja tiegħu biex jgħix mingħajr Alla tul ħajtu kollha.

Wara r-rakkont tal-istorja, il-katekist jiddiskutiha mal-parteċipanti.

Il-katekist jistaqsi jekk l-istorja setgħetx tispiċċa b'mod differenti permezz ta' dawn il-mistoqsijiet:
Seta' Kajjin ġab offerti oħra flok il-fdal jew il-ħaxix li kien jaqa' fl-art?
X'seta' jagħmel flok joqtol lil ħuh Abel?

Wara dan, il-katekist iwaħħal żewġ karti bl-ismijiet ta' Abel u Kajjin ma' żewġ partijiet tal-klassi. Juri frażijiet differenti biex il-parteċipanti jgħidulu taħt liema isem iridu jitwaħħlu u jispjegaw għaliex:

» Ħabb lil Alla.
» Ma ħabbx lil Alla.
» Għażel li jogħġob 'l Alla.
» Għażel li jogħġob lilu nnifsu.
» Ma ddispjaċihx tal-ħażen li għamel.
» Offra mit-tajjeb li kellu.
» Offenda lil Alla.
» Faħħar lil Alla.
» Għamel l-aħjar għażla.
» Għażel it-triq il-ħażina.

## L-Attività

Il-katekist jispjega b'mod ċar u b'eżempji prattiċi kif fil-ħajja tal-lum nistgħu nixbhu lil Kajjin jew lil Abel (eż: meta xi ħadd ma jifraħx bit-tajjeb ta' ħaddieħor). Fl-aħħar tal-laqgħa l-katekist iqassam żewġ karti żgħar vojta lil kull parteċipant. Dawn iridu jiktbu xi ħaġa li biha jfaħħru lil Alla u xi ħaġa oħra li biha ma jagħtux gost lil Alla. Wara jridu jpoġġuhom fil-kaxxi separati. Il-kaxxa sabiħa tirrappreżenta l-altar ta' Abel u l-kaxxa s-sempliċi tirrappreżenta l-altar ta' Kajjin.

**Noti:** Dawn il-kaxxi bil-karti fihom jinżammu għaċ-ċelebrazzjoni tal-aħħar tal-unità. Il-katekist javża lill-parteċipanti biex għal-laqgħa li jmiss iġibu magħhom affarijiet solidi li jistgħu jibnu bihom, bħal kartun tal-ħalib, bottijiet u affarijiet oħra. Tajjeb li l-katekist jaħseb ukoll ħalli tkun tista' ssir l-attività fil-laqgħa li jmiss.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Meta ma nħobbx lil Alla nħossni differenti

**ICEBREAKER**

Il-katekist jaqsam lill-parteċipanti fi gruppi u bil-materjal li ġabu magħhom jibnu torri. Importanti li jiftiehmu bejniethom bħala grupp u jagħmluha diffiċli lill-grupp l-ieħor biex jibni t-torri. Il-bini tat-torri jsir minn membri differenti tal-gruppi b'mod alternat. Il-parteċipant li jwaqqa' t-torri jew biċċa minnu jinqala' mill-grupp. Il-kumplament jibqgħu jilagħbu sakemm tispiċċa l-logħba.

## Il-Kontenut

Il-katekist jirrakkonta l-istorja tat-Torri ta' Babel. Jista' juża xi video clip jew stampi.

It-Torri ta' Babel
Il-katekist jibda jirrakkonta:
"Wara l-istorja ta' Noè, li ser nisimgħu dwarha fil-laqgħat li ġejjin, fl-ewwel ktieb tal-Bibbja nsibu ġrajja oħra li nistgħu nitgħallmu ħafna minnha. Għalkemm ġrat ħafna u ħafna snin ilu, illum din l-istorja nistgħu nirrepetuha.

Wara li Alla għamel il-patt (spjega) ma' Noè, il-poplu ta' nisel Noè kiber ħafna, wieħed wara l-ieħor. Ma ninsewx li Noè kien raġel tajjeb u li Alla kien iħobbu ħafna, mhux biss lilu iżda wkoll lill-familja tiegħu.



Fiż-żmien ta' wara Noè l-poplu kien jitkellem b'lingwa waħda. F'dak iż-żmien ma kellhomx il-bini li għandna llum."

Il-katekist ikompli:
"Nistgħu ngħidu wkoll li ma kienx hemm daqshekk nies fid-dinja, mhux bħal-lum. Meta l-bnedmin telqu mil-Lvant, sabu wita f'art Singħar u baqgħu hemm.

Bil-mod il-mod il-poplu beda jiżviluppa din l-art, beda jaħdem ir-raba' u jrabbi l-annimali biex b'hekk ikunu jistgħu jgħixu. Alla dejjem kien mal-poplu. Kien iħarsu u jagħmel minn kollox biex jara lil kulħadd kuntent.

Ġara li darba waħda qamet diskussjoni fost il-poplu u bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew nagħmlu l-madum u nagħmluh sewwa!". U l-madum kienu jużawh flok il-ġebel, u l-qatran flok it-tajn.

Wara ftit taż-żmien reġgħu qalu: "Ejjew nibnu belt għalina, u torri bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet". Il-poplu għamel dan għax ħaseb li seta' jilħaq lil Alla.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti:

- "Taħsbu li dan jista' jsir?" Jara x'ħa jwieġbu l-parteċipanti.
- "Meta fil-bidu aħna pprovajna nibnu t-torri, stajna nilħqu s-sema?"

In-nies qalu: "Ejjew nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu tal-art". Alla, li kien qed jara kollox, kien jaf li dak li qed jagħmel il-poplu ma kien ser iwasslu mkien. Imma darba waħda niżel jara l-belt u t-torri li kienu qed jibnu l-bnedmin, u qal: "In-nies tal-art huma kollha poplu wieħed u hemm ilsien wieħed għalihom ilkoll. U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom. Issa kulma jiġihom f'rashom xejn ma jaqtgħalhom qalbhom! Ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom, ħalli ma jifhmux ilsien xulxin.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti:

- "Taħsbu li l-poplu għamel sew meta pprova jilħaq lil Alla?"
- "Għalfejn taħsbu li l-poplu warrab lil Alla?"
- Importanti li joħorġu dawn punti:
- Il-poplu pprova jwarrab lil Alla, ħaseb li seta' jagħmel li jrid, ma baqax iħobb lil Alla, anzi injora lil Alla.
- U Alla xerridhom minn hemm għal fuq wiċċ l-art kollha, u waqfu mill-bini tal-belt.
- Għalhekk bdew isejħulha Babel (il-katekist juri l-istampa), għax hemm ħawwad il-Mulej ilsien l-art, u minn hemm xerridhom il-Mulej mal-wiċċ kollu tal-art.

Wara l-katekist jistaqsi x'wassal biex inbena t-torri ta' Babel. Jistaqsi x'għamel Alla lill-bniedem biex jurih li waħdu ma jistax jgħaddi.

## L-Attività

Il-katekist jagħżel parteċipanti biex jaqraw il-frażi: "Jien inħobb lil Alla b'qalbi kollha" b'lingwi differenti. Naturlament dawn isibuha diffiċli li jifhmuhom minħabba li mhumiex midħla ta' dawn il-lingwi. Il-katekist jispjega li din id-diffikultà ħassewha n-nies tal-ġrajja tat-Torri ta' Babel minħabba li kellhom lingwi differenti.

Il-katekist jispjega li llum lilna wkoll jista' jiġrilna bħalma ġara fl-istorja tat-Torri ta' Babel. Dan jiġri meta nwarrbu lil Alla u naħsbu li nistgħu ngħaddu mingħajru. Importanti li tagħti eżempji prattiċi dwar kif jista' jiġri dan.

Il-laqgħa tintemm b'talba spontanja mill-parteċipanti.

# 2.3 Nibqa' Nħobb 'l Alla!

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Mir-realtà ta' madwarhom, il-parteċipanti jafu li jkun hemm mumenti diffiċli fejn donnu t-tajjeb jidher tellief. Madanakollu, bil-qawwa ta' Alla, jaslu jifhmu li t-tajjeb jasal biex jirbaħ il-ħażen. Fil-figura ta' Noè, il-parteċipanti jagħrfu li Alla jippremja lit-tajbin u li jibqa' jħobb lill-bniedem.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Jifhmu li meta nagħmlu dak li jgħidilna Alla nkunu ferħanin, imma meta nagħmlu dak li ma jridx, hu ma jiħux gost.
- Li minkejja li aħna nidinbu Alla xorta jibqa' jżomm il-wegħdiet tiegħu.
- L-istorja ta' Noè.

---

*'U l-Mulej Alla qal lis-serp: "Talli għamilt dan, misħut int fost il-bhejjem kollha u fost l-annimali selvaġġi. Għal żaqqek titkaxkar, u t-trab tal-art tiekol il-jiem kollha ta' ħajtek. U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu.'*

Ġen 3:15-16

**Il-MESSAĠĠ**
Wara l-waqgħa l-bniedem ma ġiex abbandunat minn Alla. Għall-kuntrarju, Alla sejjaħlu u b'mod misterjuż ħabbarlu rebħa fuq id-deni u l-irfigħ tiegħu mill-waqgħa. Tah soluzzjoni anzi tah salvazzjoni żgura! Wara l-waqgħa nsibu l-ewwel tħabbira tal-Messija Feddej, tal-ġlieda bejn is-serp u l-Mara, u r-rebħa fl-aħħar ta' nisilha.

F'din il-wegħda tal-bidu, it-tradizzjoni Nisranija tara tħabbira ta' 'Adam il-ġdid' li, 'billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib' patta fuq li patta għad-diżubbidjenza ta' Adam. Imbagħad, ħafna Missirijiet u Dutturi tal-Knisja, fil-mara mħabbra fil-ktieb tal-Ġenesi, raw lil omm Kristu, Marija, bħala 'Eva l-ġdida'. Marija kienet dik li, l-ewwel waħda u b'mod waħdieni, kisbet ġid mir-rebħa fuq id-dnub li kiseb Kristu: sa mill-ewwel mument tat-tnissil ġiet meħlusa minn kull tinġiż tad-dnub tan-nisel u tul ħajjitha kollha fid-dinja, bi grazzja speċjali ta' Alla, ma għamlet ebda sura ta' dnub.

Iżda għaliex Alla ma żammx l-ewwel bniedem li ma jidnibx? San Iljun il-Kbir iwieġeb: 'Il-grazzja tal-għaġeb ta' Kristu tatna ġid wisq akbar minn dak li l-għejra tax-xitan ħaditilna.' U San Tumas d'Aquino jistqarr: 'Ma hemm xejn li jista' jmur kontra l-fatt li n-natura tal-bniedem ġiet iddestinata għal sejħa aktar għolja wara d-dnub.' Alla jippermetti d-deni biex minnu joħroġ ġid akbar. Għalhekk, San Pawl jgħid: 'Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja', u fl-'Exsultet' jitkanta: 'Xi ħtija hienja kienet, ladarba stħoqqilha Feddej bħal dan!'

'L-Insara jemmnu li d-dinja twaqqfet u qed tinżamm mill-imħabba tal-Ħallieq: waqgħet, iva, fil-jasar tad-dnub, iżda ġiet meħlusa minn Kristu msallab u rxoxt li farrak is-setgħa tal-ħażen.'

Il-Konċilju Vatikan II, Gaudium et Spes, 2

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 410-421

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Alla Missierna, aħna nemmnu li r-rebħa fuq id-dnub li kiseb Kristu tatna ġid wisq aqwa minn dak li ħadilna d-dnub; għinna nilqgħu din ir-rebħa li ġabilna Ibnek billi naħarbu d-dnub u nfittxu li dejjem nersqu lejh, speċjalment permezz tas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- cd player
- Diska: Rise and Shine (arky, arky). Cedarmont Kids, (ara Cd. Riżorsi)
- erbaʼ karti bi stampa taʼ ġebla (ara Riżorsi)
- karta f'forma taʼ fjamma u lapsijiet
- L-istorja L-Arka taʼ Noè – Parti 1 (ara Riżorsi)
- L-istorja L-Arka taʼ Noè – Parti 2 (ara Riżorsi)
- mużika għall-isfond
- permanent marker
- sħaba bil-kliem: "Skużana, Mulej, taʼ meta ma nobdukx" (ara Riżorsi)
- sound effects (ara Riżorsi)
- xemx bil-kliem: "Għinna, Mulej, biex ngħġbuk f'kollox" (ara Riżorsi)
- żewġ karti A3

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Noè baqaʼ jħobb 'l Alla

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti li ser jagħti ħjiel dwar il-laqgħa tal-lum. Permezz tal-marker jibda jpinġi annimal fuq il-karta. Hu jagħmel żball apposta, imma mhux daqshekk evidenti.

Importanti li l-katekist juża karta mhux ipinġi fuq il-WhiteBoard.

Jipprova jħassar l-iżball, imma naturalment ma jirnexxilux. Jistaqsi lill-parteċipanti x'jaħsbu li jistaʼ jagħmel. Minħabba li l-iżball ma jitħassarx, l-unika soluzzjoni hi li jwarrab il-karta u jibda mill-ġdid. L-istess ħaġa ser jagħmel Alla fl-istorja tal-lum.



2.3

Noè baqaʼ jħobb lil Alla

**The Arky Arky Song**

The Lord told Noah
There's gonna be a floody, floody
The Lord told Noah
There's gonna be a floddy, floddy
Get those children out of the muddy, muddy.
Children of the Lord.

The Lord told Noah
To build an arky, arky.
The Lord told Noah
To build an arky, arky.
Build it out of gropher barky, barky.
Children of the Lord.

The animals they came
They came in by twosies, twosies
The animals they came,
They came in by twosies, twosies
Elephant and kangarousies, noosies.
Children of the Lord.

It rained and poured
For forty daysies, daysies.
It rained and poured
For forty daysies, daysies.
Almost drove those animals crazy, crazy.
Children of the Lord.

The sun came out
And dried up the landy, landy,
Look! There's the sun.
It dried up the landy, landy.
Everthing was fine and dandy, dandy.
Children of the Lord.

Rise and shine
And give God the glory, glory
Rise and shine
And give God the glory, glory
Rise and shine
And give God the glory, glory
Children of the Lord

Pinġi fil-kwadri t'hawn taħt l-istorja taʼ Noè

28 29

## Il-Kontenut

Waqt li l-katekist jibda jaqra r-rakkont tal-istorja ta' Noè, isemma' sound effects mal-ġrajjiet li jkunu qed iseħħu. Jistgħu jintużaw stampi minflok sound effects (ara Riżorsi).

L-Arka ta' Noè – L-Ewwel Parti

Isma' u immaġina:
Il-katekist jgħid lill-parteċipanti li llum, waqt li ser jisimgħu storja sabiħa oħra mill-Bibbja, u waqt li qed tirrakkonta l-istorja, ser tuża xi sound effects. Hu importanti li l-katekist javża lill-parteċipanti biex joqogħdu attenti, għax wara huma ser jirreċtaw l-istorja permezz ta' mima.

Sound Effect 1: Ġlied
Il-katekist jirrakkonta l-ewwel parti tal-istorja mill-Ktieb tal-Ġenesi (6:5-8). L-istorja trid tkun irrakkontata b'mod sempliċi u ħaj li jista' jkun miftiehem mill-parteċipanti.
Wara r-rakkont il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jieqfu ftit ħin u jaħsbu fuq dak li semgħu. Hu jkompli billi jgħid li d-dinja sabiħa li ħalaq Alla bdiet tiġi mħassra mill-bniedem, u li għax Alla hu twajjeb ried jagħmel xi ħaġa. Hu sogħob bih meta beda jara l-vjolenza.
Imma mhux kollox u kulħadd kien ħażin. Alla tefa' għajnejh fuq raġel għaqli li kien jismu Noè. Hu u l-familja tiegħu kienu jħobbu lil Alla u lil xulxin. Għalhekk Alla sejjaħ lil Noè sabiex jibni arka u fiha joqogħdu hu, il-familja kollha u l-annimali.

Sound Effect 2: Serrieq u Martell
Il-katekist jirrakkonta t-tieni parti tal-istorja mill-Ktieb tal-Ġenesi (6:13-16). Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jimmaġinaw lil Noè qed jibni l-arka.

F'dan il-punt tal-istorja, il-katekist jieħu xi reazzjonijiet mingħand il-parteċipanti. Jispjega li jidher li Noè kellu biċċa xogħol kbira x'jagħmel sabiex jibni dik l-arka li kienet tesa' daqshekk nies u annimali, imma għax Noè kien iħobb lil Alla għamel dak li xtaq minnu, anki jekk f'għajnejn il-poplu kien qed jagħmel xi ħaġa tad-daħk.

Sound Effect 3: Passi
Il-katekist jirrakkonta t-tielet parti tal-istorja mill-Ktieb tal-Ġenesi (6:17-20). Hu jħeġġeġ lill-parteċipanti jimmaġinaw lil Noè, il-familja tiegħu u l-annimali telgħin fuq l-arka. Jirrakkonta kemm aktarx kien hemm storbju u ħsejjes ta' annimali differenti, u fuq id-diffikultà li kellu biex itella' dawk l-annimali kollha fl-arka. Il-katekist ifakkar lill-parteċipanti li dan kollu Alla qed jagħmlu sabiex isalva lil Noè u lill-familja kollha tiegħu.

Sound Effect 4: Xita
Il-katekist jirrakkonta r-raba' parti tal-istorja mill-Ktieb tal-Ġenesi (7:11-12,17-19). Hu importanti li l-istorja tibqa' rrakkontata b'mod sempliċi u ħaj li jifhmu l-parteċipanti.
Wara li Noè u l-familja tiegħu kienu miġbura fl-arka, bdiet nieżla x-xita. Mietu l-ħlejjaq kollha li kienu jgħixu fuq l-art: it-tjur, il-bhejjem tad-dar, l-annimali selvaġġi, kulma jitkaxkar mal-art, u l-bnedmin kollha. Kien baqa' biss Noè u dawk li kienu miegħu fl-arka.

Wara r-rakkont, il-katekist jistieden lill-parteċipanti jirreċtaw l-istorja permezz ta' mima. Uħud mill-persunaġġi huma: Noè, familtu, nies ħżiena, xi annimali. Il-katekist juri liema parti tal-klassi ser tkun l-arka.

## L-Attività

Il-katekist iwassal lill-parteċipanti biex jifhmu li meta nagħmlu dak li jgħidilna Alla nkunu ferħanin, imma meta nagħmlu dak li ma jridx hu, hu ma jiħux gost. Alla mhux biss jara l-ħażin imma jara t-tajjeb ukoll, bħalma ġara ma' Noè u l-familja tiegħu.

Il-katekist isemmi xi ħaġa tajba li ġrat fis-soċjetà ta' madwarna u jagħti eżempji konkreti tat-tajjeb li hawn madwarna.

Il-katekist iwaħħal l-istampi tax-xemx u s-sħaba f'postijiet opposti tal-klassi. Ix-xemx tirrappreżenta l-ferħ ta' Alla u s-sħaba tirrappreżenta meta Alla

ma jiħux gost. Jibda jsemmi xi eżempji attwali lill-parteċipanti wieħed wieħed u dawn iridu jmorru jiġru ħdejn l-istampa rispettiva u jgħidu dak li hemm fuq l-istampi. Bħala eżempju, il-katekist jgħid: "nies jiġġieldu" u l-parteċipanti jmorru ħdejn is-sħaba u jgħidu flimkien il-kliem ta' fuq is-sħaba: "Skużana, Mulej, ta' meta ma nobdukx". Meta l-katekist jagħti eżempji li bihom Alla jieħu pjaċir bħal: "Ngħin lil sħabi", il-parteċipanti jmorru ħdejn ix-xemx u jgħidu flimkien il-kliem ta' fuq ix-xemx.

Hu importanti li l-katekist jagħmilha ċara li l-elementi tan-natura ma jirriflettux ir-relazzjoni ta' Alla mal-bniedem, jiġifieri li Alla jibgħat ix-xemx meta jkun ferħan b'dak li jkun għamel il-bniedem, jew jibgħat ix-xita meta jkun imnikket b'dak li jkun għamel il-bniedem.

Il-laqgħa tispiċċa bil-kanzunetta Rise and Shine (arky, arky), Cedarmont Kids, (ara Cd. Riżorsi)

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Alla jippremja lit-tajbin

**ICEBREAKER**

Il-katekist joħloq ambjent ta' xita fil-klassi. Jgħid lill-parteċipanti biex jibdew iħokku l-pali ta' jdejhom ma' xulxin, imbagħad jibdew imissu is-swaba' ma' xulxin, iħabbtu jdejhom fuq saqajhom, u bħala sajjetta jsabbtu saqajhom mal-art flimkien... (ara l-eżempju f'CD Riżorsi – Effetti tax-Xita).

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti kif iħossuhom meta tagħmel ix-xita l-ġurnata kollha, u kif jaħsbu li ħassu Noè meta x-xita damet erbgħin jum. Jistaqsi lill-parteċipanti kif iħossuhom meta tieqaf ix-xita, u kif jaħsbu li ħassu Noè wara dawk il-jiem ta' xita bla waqfien.



# Il-Kontenut

Il-katekist jirrakkonta l-istorja L-Arka ta' Noè – Parti 2 (ara Riżorsi).

**L-Arka ta' Noè – It-Tieni Parti**

Ftakar: Fil-bidu l-katekist jagħmel ftit reviżjoni tal-laqgħa ta' qabel. Alla ddispjaċieh għall-ħażen li kien qed jagħmel il-poplu fuq l-art. Noè kien differenti: kien iħobb lil Alla. Wara li Noè daħal fl-arka qabdet tempesta kbira u l-arka bdiet tgħum f'wiċċ l-ilma. Wara din l-ispjega qasira l-katekist jgħid lil wieħed mill-parteċipanti jżomm l-ewwel ġebla (ara riżorsi). Jgħid lill-parteċipanti jgħidu l-kliem flimkien.

Il-katekist jistaqsi: "Imma x'ġara wara?" Noè u l-familja tiegħu daħlu fl-arka, u magħhom żewġ pari minn kull annimal. Għal erbgħin jum niżlet xita qawwija u għerqu l-art u dak kollu li kien jgħix fuqha. Imma kulmin kien fl-arka kien protett. Jgħid lil parteċipant ieħor sabiex iżomm it-tieni ġebla 'l fuq, u wara l-parteċipanti jgħidu l-kliem flimkien.

Immaġina: Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti kif jimmaġinaw l-arka minn ġewwa: jekk kinitx komda, il-ħsejjes ta' dawk l-annimali kollha, u x'jaħsbu li aktarx kien ibeżżagħhom.

Isma' u ara: Wara, il-katekist ikompli jirrakkonta l-istorja:
"Waqfet ix-xita u l-maltempata, l-ilmijiet naqsu għalkollox, u wara erbgħin jum Noè fetaħ it-tieqa tal-arka u telaq ċawlun li baqa' ġej u sejjer. Bagħat ukoll ħamiema biex jara jekk naqasx l-ilma fuq wiċċ l-art, imma kollu kien ta' xejn, għax il-ħamiema reġgħet tfaċċat. Wara sebat ijiem oħra reġa' bagħat il-ħamiema mill-arka, u din id-darba ġiet lura b'fergħa friska taż-żebbuġ f'munqarha. U Noè ntebaħ li l-ilmijiet kienu naqsu minn fuq wiċċ l-art. Wara sebat ijiem bagħat ħamiema oħra, u din id-darba ma ġietx lura. Nixef għal kollox l-ilma minn fuq l-art u Noè bexxaq l-għatu tal-arka, u ħares u ra li wiċċ l-art kien nixef." Il-katekist jagħżel parteċipant biex iżomm it-tielet ġebla u jistieden lill-parteċipanti jgħidu flimkien il-frażi.

Il-katekist ikompli jgħid: "U Alla qal lil Noè biex joħorġu hu, il-familja tiegħu u l-annimali kollha li kien hemm fl-arka. U Noè faħħar lil Alla għal kulma għamel miegħu. Alla għamel ftehim ma' Noè li qatt aktar ma jerġa' jagħmel dan id-dulluvju. Wara, Alla bierek lil Noè u lil uliedu miegħu. Bħala sinjal tal-kelma tiegħu Alla qiegħed qawsalla fis-smewwiet biex meta jħares lejha jibqa' jiftakar fil-patt (ftehim) li għamel għal dejjem bejnu u bejn il-poplu tiegħu."

Il-katekist jagħżel parteċipant ieħor sabiex iżomm l-aħħar ġebla u jistieden lill-parteċipanti jtennu flimkien il-frażi li jkun hemm fuq l-aħħar ġebla.

Ibni: Il-katekist jgħid lill-parteċipanti li Noè qal "grazzi" lil Alla b'mod speċjali.

Il-katekist ikompli: "Noè bena altar lill-Mulej u offra sagrifiċċju lil Alla. U l-Mulej xamm ir-riħa ħelwa tas-sagrifiċċju u għoġbitu. Din l-offerta ta' Noè kienet talba ta' ringrazzjament lil Alla."

Wara, il-katekist jibni altar permezz tal-erba' ġebliet li żammew it-tfal, tnejn bħala pedament u tnejn oħra għall-parti ta' fuq.

# L-Attività

Il-katekist jagħti lill-parteċipanti karta f'forma ta' fjamma u fuqha jiktbu xi ringrazzjament lil Alla. Importanti li l-katekist jgħin lil dawk il-parteċipanti li għandhom xi diffikultà fil-kitba. Bil-mużika fl-isfond, il-fjammi jitwaħħlu fuq l-altar li jkun inbena waqt ir-rakkont tal-istorja.

Il-fjammi jinżammu għaċ-ċelebrazzjoni tal-aħħar tal-unità. Il-katekist flimkien mal-parteċipanti jaħdmu l-logħba bħal hangman bis-sentenza, "Alla dejjem iżomm il-wegħdiet tiegħu". Din il-logħba tista' tintlagħab b'mod individwali jew inkella l-parteċipanti jistgħu jinqasmu fil-gruppi, skond kif il-katekist jara li jkun l-aħjar, u jista' jagħmel din il-logħba bil-punti wkoll. Hu importanti li l-katekist ilesti l-linji vojta minn qabel il-laqgħa u jagħti ċans lil kulħadd jieħu sehem. Din l-attività trid twassal lill-parteċipanti biex jitgħallmu s-sentenza.

Il-laqgħa tintemm b'talba li jistgħu jgħidu l-parteċipanti stess b'mod spontanju.

# 2.4 Mulej, għinni nagħmel dak li hu tajjeb!

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**

Fid-dinja ta' madwarna hawn preżenza tat-tajjeb u tal-ħażin. Il-parteċipanti jagħrfu fejn hawn il-ħażen madwarhom u ġo fihom. L-istorja sabiħa t'Alla tibqa' tinkiteb fil-ħajja ta' kuljum, meta jagħżlu dak li hu tajjeb u jaħarbu dak li hu ħażin. Dan jifhmuh b'mod aktar ħaj permezz taċ-ċelebrazzjoni li jagħmlu flimkien.

**L-GĦAN**

Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li fid-dinja ta' madwarna hawn preżenza tat-tajjeb u tal-ħażin.
- Li l-ħażen jinsab madwarhom u ġo fihom.
- Li Alla, fl-imħabba tiegħu, jibqa' jikteb it-tajjeb fil-ħajja tagħna u jibqa' jgħinna biex nagħżlu dak li hu tajjeb u naħarbu dak li hu ħażin.
- Li xieraq li jiċċelebraw is-sabiħ u t-tajjeb li jagħmlu.

*Għalhekk San Pawl jgħid: 'Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja'.*

Rum 5,20

**Il-MESSAĠĠ**

Alla, fl-imħabba tiegħu jibqa' jikteb it-tajjeb fil-ħajja tal-bniedem, minkejja li dan jagħmel il-ħażin. Il-bniedem qatt ma jiġi abbandunat minn Alla. Għall-kuntrarju, Alla jsejjaħlu u b'mod tal-għaġeb iħabbarlu r-rebħa fuq id-dnub u l-irfigħ tiegħu minn fejn kien waqa'. Din hija it-taħbira tal-Messija –Feddej, tal-ġlieda bejn is-serp u l-mara u r-rebħa fl-aħħar ta' nisilha.

Ġesù huwa Adam il-ġdid li "billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil 2,8) patta għad-diżubbidjenza ta' Adam. Imbagħad, f'Marija naraw lil 'Eva ġdida'. Din kienet l-ewwel waħda li b'mod waħdieni kisbet ġid mir-rebħa fuq id-dnub li kiseb Kristu: sa mill-ewwel mument tat-tnissil, ġiet meħlusa minn kull tinġis tad-dnub tan-nisel, u tul ħajjitha kollha fid-dinja, bi grazzja speċjali ta' Alla, ma għamlet ebda sura ta' dnub.

Alla ma żammx il-bniedem milli jidneb iżda San Iljun il-Kbir jgħidilna li: "Il-grazzja tal-għaġeb ta' Kristu tatna ġid wisq aqwa minn dak li l-għejra tax-xitan ħaditilna."

"Ma hemm xejn li jista' jmur kontra l-fatt li n-natura tal-bniedem ġiet destinata għal sejħa aktar għolja wara d-dnub. Alla jippermetti d-deni biex minnu joħroġ ġid akbar. Għalhekk, San Pawl jgħid: 'Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja' (Rum 5,20), u fl-'Exultet' jitkanta: 'Xi ħtija hienja kienet, ladarba stħoqqilha Feddej hekk kbir.'"

San Tumas ta' Aquino, Summa Theologiae, 1.3

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 410-412
Il-Konċilju Vatikan II, Gaudium et Spes, 13

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

O Alla, inti sejjaħtilna biex nerġgħu ningħaqdu miegħek b'mod l-aktar profond wara li aħna konna tbegħedna minnek bid-dnub. Dan int għamiltu billi bgħatt lil Ibnek il-Waħdieni fid-dinja bi tpattija għal dnubietna. Agħmel li aħna qatt ma naqtgħu qalbna mill-ħniena tiegħek, u li bħala katekisti nwasslu din il-ħniena lill-oħrajn. Għinna biex ta' spiss nersqu lejn is-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin biex insostnu din l-għaqda mill-ġdid miegħek li int qed tistedinna għaliha. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

IKOLLOK BŻONN:

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Tliet eżempji ta' x'jigifieri nindem (ara riżorsi u Il-Ktieb tal-Attivitajiet)
- Armar għaċ-ċelebrazzjoni
- L-artal tal-karti u l-fjammi
- Il-kaxxa s-sabiħa u l-oħra inqas
- Ix-xemx u s-sħaba
- Cd Player
- Faħħru lill-Mulej (ara Riżorsi)
- Nitolbok (ara Riżorsi)
- Projector
- Power-point Faħħru lill-Mulej (ara Riżorsi)
- Power-point Nitolbok (ara Riżorsi)
- Lapsijiet

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Jiddispjaċini u nitlob maħfra

*Il-laqgħa tibda b'talba qasira.*

## Il-Kontenut

Il-katekist ifakkar lill-parteċipanti fil-karattri tas-sena l-oħra, Victoria u Clive. Jekk għal xi raġuni jew oħra, il-parteċipanti ma jkunux iltaqgħu ma' dawn il-karattri, il-katekist kemm jgħid li dawn il-karattri matul din is-sena ser ikomplu jkunu magħhom biex jiskopru l-imħabba t'Alla u kemm hu sabiħ li ngħinu lil xulxin biex nagħmlu dak li hu tajjeb. Hawnhekk, il-katekist jibda jaqra l-istorja ta' Victoria u Clive.

Clive u Victoria
Il-katekist jirrakkonta:
"Kemm Clive u kemm Victoria kienu ftit inkwetati. Meta l-papà wasal lura d-dar mix-xogħol, Clive u Victoria telqu jiġru lejn



kamrithom. Ma ridux jinżlu għall-ikel. Ommhom kellha tgħajtilhom erba' darbiet biex imorru jieklu. Mhux soltu tagħhom, għax is-soltu kienu jikkompetu bejniethom min jasal l-ewwel fuq il-mejda ħalli jaraw lill-papà."

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk qattx ġratilhom xi ħaġa simili.

Il-katekist ikompli: "Waqt li kienu qed jieklu missierhom staqsiehom: "Jaqaw kontu qegħdin tilagħbu bil-ballun fil-garaxx?" Il-wiċċ tat-tnejn li huma ħmar aktar mill-peprin bil-mistħija u ħadd minnhom ma ssogra jgħid xejn.

"Kontu qegħdin tilagħbu bil-ballun, hux veru? Tafu li kissirtu l-ħġieġa tal-bieb? Kemm ser indumu ngħidulkom biex ma tilagħbux bil-ballun fil-garaxx?"

Clive baqa' ma qalx kelma waħda. Minflok qagħad iħares ċass quddiem il-platt mimli bl-għaġin li kellu quddiemu. Victoria l-istess, lanqas felħet tomgħod il-ftit għaġin li kellha f'ħalqha, imma waqt li kienet qed tħares 'l isfel infaqgħet tibki. Victoria bilkemm felħet titkellem u qalet minn taħt l-ilsien: "Pà, skużani!". U Clive ma xtaqx li teħel oħtu u qal lil ommu u lil missieru: "Konna aħna t-tnejn li nżilna nilagħbu u waqt li konna qed inqassmu l-ballun ilqatna l-bieb tal-ħġieġ". Victoria insistiet mal-ġenituri tagħhom: "Issa nħallsu l-ħġieġa mill-pocket money tagħna, u nwegħdukom li ma nerġgħux nilagħbu bil-ballun fil-garaxx!"

Kemm il-papà u kemm il-mamà qabżitilhom demgħa minn għajnejhom. Iggustaw lil dawn it-tfal u ħadu gost li qalu l-verità. Il-mamà qaltilhom: "Tinkwetawx, issa ninsew kollox, l-aqwa li għedtu l-verità. U Alla jaħfrilna meta nkunu sinċieri u meta jiddispjaċina tal-ħażin li nkunu għamilna. Imma darb'oħra obdu u oqogħdu attenti għax stajtu tweġġgħu wkoll".

L-għada filgħodu kemm Clive u kemm Victoria marru l-iskola tassew kuntenti. Alla kien għamilhom ferħanin! It-tnejn li huma rringrazzjaw lil Ġesù ta' kulma kien għamel magħhom.

Iddiskuti: Il-katekist jibda diskussjoni flimkien mal-parteċipanti:

- Għaliex Victoria u Clive ma ridux jaraw lil missierhom?
- Xi żball għamlu Victoria u Clive?
- Kienet faċli għal Victoria u Clive li jgħidu 'Aħfirli'?
- Għaliex Victoria u Clive ħassewhom tant tajjeb l-għada?

Il-katekista jispjega li l-effett tad-dnub hu li l-bniedem jiksirha minn ma' Alla u minn mal-bniedem. Għalhekk ma tagħmilx sens li jerġa' jagħmel paċi ma' Alla mingħajr ma jagħmel paċi ma' ħbiebu. Wara dan il-pass, b'indiema sinċiera idur lejn Alla biex jaħfirlu.

Il-katekist jispjega li importanti wieħed jiddispjaċih ta' dak li għamel. Jgħid lill-parteċipanti jħarsu lejn t-tliet eżempji li hemm fil-Ktieb tal-Attivitajiet. Jispjega sew kull eżempju u wara jiddiskuti mal-parteċipanti ħalli jimlew il-vojt. Il-katekist jikkonsulta r-riżorsi biex jara kif il-parteċipanti għandhom jimlew il-vojt.

Wara li l-katekist jara li l-parteċipanti fehmu tajjeb xi tfisser tindem, jgħallem lill-parteċipanti l-Att tal-Indiema l-qasira. Il-katekist jista' juża diversi metodi fosthom permezz tal-logħba hangman, jew permezz ta' flashcards.

Il-laqgħa tintemm b'talba spontanja.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Ċelebrazzjoni: Alla jħobbni u jieħu ħsiebi

Il-katekist jibda l-laqgħa billi jħeġġeġ lill-parteċipanti biex jitolbu flimkien.

Hu importanti li l-katekist jipprepara sew ċ-ċelebrazzjoni fil-kamra mal-parteċipanti.

Iċ-ċelebrazzjoni tibda billi l-katekist jagħmel reviżjoni qasira tal-Unità. Jista' jipprepara xi kwiżż qasir jew jistaqsi lill-parteċipanti x'jiftakru mil-laqgħat ta' din l-unità. Importanti li din ir-reviżjoni tgħinhom jagħrfu li Alla huwa Ħallieq u li jħobbhom b'mod partikulari u li qed jistenna li jiġi maħbub minnhom. Il-katekist għandu jikkalkola li din il-parti tieħu 10 minuti.

L-ewwel parti taċ-ċelebrazzjoni hija t-tħejjija tal-klassi flimkien mal-parteċipanti. Flimkien magħhom il-katekist jarma l-ambjent tal-klassi. Jieħu l-ideat mingħand il-parteċipanti ħalli jħossuhom parti mill-preparazzjoni ta' dak li ser jiċċelebraw. Importanti li l-affarijiet ikunu lesti fil-klassi. Il-katekist jista' jpoġġi l-Kelma ta' Alla fin-nofs b'xi xemgħa u fjuri. Jara wkoll li jkollu armat l-artal li jkun uża flimkien magħhom fl-aħħar laqgħa u l-fjammi kif ukoll iż-żewġ kaxxi b'dak kollu li kienu tefgħu l-parteċipanti fihom. B'hekk ikun qed juri l-għaqda flimkien ta' din l-unità. Tajjeb li din l-attività ma tiħux aktar minn 10 minuti.

Wara, il-katekist jgħid lill-parteċipanti jbaxxu ftit rashom u jagħlqu għajnejhom waqt li jgħid fi kliemu dan li ġej:



“Alla ħalaq id-dinja kollha u kulma fiha. Hu ħalaq ukoll lilna l-bnedmin. Għalhekk aħna nsejħulu: il-Ħallieq tagħna.

Alla ħalaqna għax iħobbna, u jridna ngħixu kuntenti miegħu f’din id-dinja u għal dejjem.

Alla ħalaq id-dinja u lilna biex jurina l-qawwa u t-tjieba tiegħu. Hu jrid jaqsam magħna l-imħabba u l-ferħ tiegħu.

Jekk aħna tassew rridu nħobbu lil Alla, l-ewwel iridu nagħrfuh bħala l-Ħallieq u s-Sid tagħna. Ma nistgħux inħobbuh mingħajr ma nagħmlu dak li jrid Hu minna.”

Wara, il-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex ikantaw flimkien *Faħħru lill-Mulej* (ara Riżorsi). Waqt il-kant, il-katekist jistieden lill-parteċipanti jqumu bilwieqfa. Importanti li l-katekist iħalli lill-parteċipanti jesprimu l-ferħ permezz tal-kant u ċ-ċapċip waqt id-diska.

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex ifaħħru lill-Mulej billi jirringrazzjawh, pereżempju, jgħidu:
Grazzi, Mulej, tal-ġenituri.
Grazzi, Mulej, tal-ħolqien kollu.
Wara kull invokazzjoni jitolbu flimkien GRAZZI MULEJ.

Il-katekist jista’ jżid dawn l-invokazzjonijiet li ġejjin:

- Grazzi, Mulej, għall-ħolqien sabiħ tiegħek.
- Grazzi, Mulej, ta’ din il-ġurnata sabiħa – għas-sema blu, ix-xemx sħuna, il-fjuri u s-siġar.
- Grazzi, Mulej, talli ħlaqtilna l-annimali sbieħ u tridna nieħdu ħsiebhom.
- Grazzi, Mulej, talli ħlaqtna u tant tieħu paċenzja bina.
- Grazzi, Mulej, għall-għalliema kollha tal-iskola li tant iħobbuna.

Wara l-mument tar-ringrazzjament, il-katekist jistieden lill-parteċipanti jgħidu miegħu:
“Jien ma niskotx; infaħħrek bil-kant.
Mulej, int Alla tiegħi.
Nirringrazzjak għal dejjem” (Salm 30: 12).

Wara, il-katekist jieħu l-Bibbja f’idejh, jistieden lill-parteċipanti jagħlqu għajnejhom. Jgħidilhom li llum ser jaqra messaġġ qasir, imma speċjali ħafna. Il-katekist jaqra silta mill-ktieb tal-Profeta Iżaija 43:1-5 u fl-aħħar jgħid lill-parteċipanti:
“Din hija l-kelma tal-Mulej għal kull wieħed u waħda minnkom.”

Hu jistieden lill-parteċipanti jħarsu lejn ir-ritratt fil-Ktieb tal-Attivitajiet. Jiddiskuti magħhom li huma lkoll importanti għal Alla. Alla jafna u jafna b’isimna lkoll. Wara jistieden lill-partecipanti jiktbu isimhom fl-ispazju vojt.

Din iċ-ċelebrazzjoni tispiċċa permezz tal-kant: Nitolbok (ara Riżorsi).

Unità 3

# Alla jagħżel poplu speċjali

**Skop tal-unità**

F'din l-unità l-parteċipanti jiskopru li Alla mhux maqtugħ minna l-bnedmin iżda mill-bidu tal-Istorja tas-Salvazzjoni ried juri lilu nnifsu u jsir parti mill-istorja tal-bniedem. F'din l-istorja Alla jsejjaħ persuni li tahom missjoni partikulari. Alla tant ħabb lil dan il-Poplu, li għamel patt miegħu. Jagħrfu kif il-Kmandamenti huma gwida kif iħobbu 'l Alla u lill-oħrajn.

Pass Pass wara Ġesù

# 3.1 Alla jsejjaħ lil Abraham

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din it-tema l-parteċipanti jsiru jafu mill-qrib il-persuna ta' Abram. Jitgħallmu kif Alla għażlu biex minnu jibda poplu ġdid. Kienet storja mżewqa minn mumenti sbieħ u oħrajn ta' prova. Madanakollu Abram jibqa' fidil lejn is-sejħa li għamillu Alla. Alla jara f'Abram fidi kbira u ta' dan jippremjah.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li Alla għażel lil Abram biex minnu jibda poplu ġdid.
- Li l-istorja ta' Abram kienet storja mżewqa minn mumenti sbieħ u oħrajn ta' prova.
- Li Abram jibqa' fidil lejn is-sejħa li għamillu Alla. Alla jara f'Abram fidi kbira u ta' dan jippremjah.

*Qal il-Mulej lil Abram: "Itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek lejn l-art li sa nurik. Jien nagħmlek ġens kbir u nbierkek u nkabbar ismek, u tkun barka. Imbierek 'il min ibierkek u 'l min jisħtek nisthu, u jitbierku bik it-tribuwijiet kollha tal-art."*

Ġen 12: 1-4

**IL-MESSAĠĠ**
It-tema ta' din il-laqgħa tikkonċerna sewwa sew fuq minn kien Abraham, l-ewwel patrijarka li ismu jidher miktub għal mija u erbgħin darba fil-Kotba Mqaddsa. Tkun ħaġa tajba li l-katekist, qabel ma jirrakkonta l-istorja tal-patrijarka Abraham, jispjega lill-parteċipanti, li matul iż-żminijiet Alla dejjem għażel għalih persuni li kienu baqgħu leali lejh biex permezz tagħhom isalva lill-umanità. Wieħed minnhom kien Noè li Alla għażlu biex permezz tiegħu jeħles l-umanità minn qerda totali tad-dulluvju. Wara Noè Alla għażel lil Abram u warajh persuni oħra, fosthom il-patrijarki u l-profeti – mhux biex jikkastiga lill-poplu imma biex isalvah u jressqu lejh.

Tajjeb li l-parteċipanti jsiru midħla tal-istorja ta' Abraham. Għal dan il-għan diversi riżorsi ġew ippreparata apposta sabiex jgħinu lill-parteċipanti jidħlu fl-istorja, jifhmuha u jiftakruha aħjar bħallikieku rawha sseħħ quddiem għajnejhom.

Hu importanti li l-parteċipanti jiftakru dawn il-punti ewlenin tal-ġrajja:

» il-wegħda li Alla għamel lil Abraham: "Qum u itlaq minn artek, u minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jiena nurik" (Ġen 12:1). Hawn naraw li Abraham kellu fiduċja sħiħa f'Alla. Hu qabad u telaq minn art twelidu u taħt il-

gwida ta' Alla mar f'art barranija kif qallu Alla nnifsu.

- Il-wegħda ta' Alla tkompli hekk: "Inkabbrek ħafna ħafna, u slaten joħorġu minnek" permezz tat-tarbija Iżakk li Alla ta lil Abraham u lil Sarah martu, meta kienu kbar fiż-żmien u li minnu twieldu ġnus kbar. Naraw ukoll li Alla bidel isem Abram f'Abraham li jfisser 'missier ta' kotra ta' ġnus'.
- Alla għadda lil Abraham minn prova verament diffiċli. Alla talbu biex joffri lil ibnu l-waħdieni bħala sagrifiċċju. Din kienet prova li fiha l-fidi ta' Abraham f'Alla tirbaħ. Abraham huwa meqjus il-missier ta' dawk kollha li jemmnu f'Alla wieħed kif emmen hu għaliex hu emmen lil Alla, anke meta ma ra ebda tama umana.

Hu ferm importanti li l-parteċipanti permezz tal-istorja ta' Abraham joħorġu l-għan tal-istorja - li Alla jżomm kelmtu. Alla qatt ma jidħak bina: dak li jwegħedna jagħtihulna.

L-ittra lil-Lhud, fil-ġieħ kbir li tagħti lill-fidi ta' missirijietna, tinsisti b'mod partikulari fuq il-fidi ta' Abraham. "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu jmur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq bla ma kien jaf fejn kien sejjer" (Lh 11,8). Kienet il-fidi li wasslitu biex jgħix bħala barrani u frustier fl-Art imwiegħda. Kienet il-fidi li ġagħlet lil Sara tilqa' l-fatt li kellha tnissel iben il-wegħda. U fl-aħħar nett, kienet il-fidi li wasslet lil Abraham biex joffri b'sagrifiċċju lill-iben il-waħdieni.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 145

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 59-61.
142-147

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

Spirtu Qaddis Alla, int li mix-xejn lil Abraham għamiltu missier ta' kotra ta' ġnus għax uriek ubbidjenza ta' fidi kbira, għinna nitolbuk nimxu fuq l-eżempju tiegħu u ta' martu Sara sabiex b'fiduċja kbira lejk naċċettaw il-pożittiv kollu li tibagħtilna f'ħajjitna, kif ukoll in-negattiv li int tippermetti li jseħħ. Għinna ma naqtgħux qalbna u nafdaw fik għaliex inti taf x'inhu l-aħjar għalina. Dan nitolbuh bi Kristu Sidna. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- borża bi ftit ramel
- cd player
- id-diska Father Abraham (Riżorsi)
- il-PowerPoint Father Abraham (ara Riżorsi)
- kolla
- kuluri
- mappa u oġġetti relatati (Riżorsi)
- PowerPoint għall-istorja ta' Abraham (2)
- stampa b'ħafna stilel (Riżorsi)
- stampi għall-istorja ta' Abraham (2)
- id-diska Familja Speċjali (Riżorsi)
- L-Istorja ta' Abraham - l-Ewwel u t-Tieni Parti (Riżorsi)

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Alla jsejjaħ lil Abraham

Il-laqgħa tibda b'talba qasira. Il-katekist jista' jħalli lil xi wħud mill-parteċipanti biex jgħidu t-talba tagħhom. Għal din it-talba, il-katekist jista' juri xi stampi (anke permezz tal-projector, ta' stilel jew ta' xi mappa). Iħalli lill-parteċipanti jaħsbu u jitolbu! Din tista' tkun okkażjoni li tistimula l-kreattività tal-parteċipanti.

**ICEBREAKER**

Il-katekist jipprepara lista ta' affarijiet tajbin li jiġru fil-ħajja tal-parteċipanti u ta' ċirkustanzi/azzjonijiet li mhumiex sbieħ mill-ħajja tagħhom. Il-parteċipanti jinġabru fuq żewġ naħat tal-klassi. Il-katekist isemmi ċirkustanzi differenti (b'mod imħallat – tajbin u ħżiena) u l-parteċipanti jkunu mitluba jmorru fuq in-naħa rispettiva tal-kamra – fejn ikun indikat li jkun hemm dak li hu pożittiv u dak li hu negattiv b'+ u b'- rispettivament. Jekk ikun hemm nuqqas ta' spazju, għall-azzjoni negattiva jniżżlu jdejhom u għal waħda pożittiva jtellgħu jdejhom 'l fuq.

## Il-Kontenut

Hawnhekk, il-katekist jgħaddi biex jibda jirrakkonta l-istorja ta' Abraham.



## L-Istorja ta' Abraham – L-Ewwel Parti

Irrakkonta u pinġi:
Qabel ma jibda r-rakkont, il-katekist jagħżel mhux aktar minn disa' parteċipanti biex jgħinuh jibni l-istorja. Jekk ikun hemm inqas, xi parteċipanti jieħdu sehem iktar minn darba.

**L-istorja:**
Il-katekist jibda r-rakkont: "Abraham kien jgħix ma' missieru, ħutu u l-familji tagħhom fil-belt ta' Ħaran (il-katekist juri din il-belt fuq in-naħa ta' fuq tal-mappa). Jum minnhom Alla kellem lil Abraham u wiegħdu li ser ibierku u ser jagħtih familja kbira."

Hawnhekk, il-katekist ifakkar lill-parteċipanti f'dawk l-affarijiet sbieħ li jiġru fil-ħajja tagħna, bħal dawk li għamlu fil-bidu tal-laqgħa.

Il-katekist ikompli: "Alla qallu li ser jagħmel minnu raġel kbir u li d-dinja tibqa' tiftakru. Imma fuq kollox qallu li biex iseħħ dan irid jitlaq artu u jmur f'art ġdida."

Parteċipant ipoġġi l-istampi ta' Abraham, Sara, Lot u l-bqija ħdejn Ħaran. Parteċipant ieħor iwaħħal vleġġa minn Ħaran 'l isfel.

Ikompli: "Il-membri tal-familja ta' Abraham għamlu dak li qalilhom Alla u bdew il-vjaġġ li ma kinux jafu fejn ser jeħodhom. Meta Abraham wasal Sikem, f'Kagħnan, waqqaf tinda biex jgħixu fiha. (Il-parteċipant iwaħħal tinda f'Sikem.) Abraham mar f'post li għażel Alla. (Il-parteċipant iwaħħal siġra.) Hemmhekk deherlu u qallu: "Lil nislek għad nagħti din l-art", u hemm Abraham bena altar lill-Mulej. (Il-parteċipant iwaħħal altar f'Sikem.) Minn hemm telaq lejn il-muntanjna, lejn in-naħa tal-Lvant ta' Betel. (Il-parteċipant iwaħħal vleġġa minn Sikem għal Betel.)

Abraham waqqaf tinda f'Betel. (Il-parteċipant iwaħħal tinda ħdejn Betel.) Hawn Abraham bena altar u faħħar lil Alla. (Il-parteċipant iwaħħal altar qrib it-tinda.)

Imbagħad Abraham mexa lejn in-naħa ta' isfel ta' Kagħnan. (Il-parteċipant iwaħħal vleġġa fid-direzzjoni ta' barra mill-mappa.) Abraham baqa' jdur minn post għal ieħor."

**Irrifletti:**
Il-katekist jara jekk il-parteċipanti jiftakrux il-wegħda li Alla għamel lil Abraham: "Qum u itlaq minn artek, u minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jiena nurik" (Ġen 12:1). Jistaqsi lill-parteċipanti kif jaħsbu li ħassu Abraham meta Alla qallu li ser ikollu familja kbira u li ser ikun magħruf mad-dinja kollha. Jistaqsihom ukoll kif jaħsbu li ħassu Abraham meta Alla qallu biex jitlaq art twelidu u jivvjaġġa lejn post mhux magħruf, u biex sadanittant jgħix f'tinda.

**Ftakar:**
Il-katekist jgħaddi biex jistaqsi lill-parteċipanti xi ġrajjiet li ssemmew, biex huma jgħidu x'ġara u x'seħħ fil-post imsemmi. Dan l-eżerċizzju jservi bħala reviżjoni ta' din il-ġrajja.

Il-katekist hu mitlub li jkabbar ir-riżors tal-mappa u tal-oġġetti kemm jista' jkun. Iqasqas bil-lest l-oġġetti li ser ikollu bżonn biex il-parteċipanti jwaħħluhom fuq il-mappa.

# L-Attività

Il-katekist juri lill-parteċipanti ftit ramel ġo borża trasparenti u jistaqsihom kemm jaħsbu li hemm frak ta' ramel hemm. Juri wkoll stampa kbira b'ħafna stilel (Riżorsi). Naturalment ħadd ma jista' jkun jaf in-numru eżatt! Il-katekist jispjega li peress li Abraham għamel dak li xtaq Alla, anki jekk kien ifisser li ser ibati, Alla żamm il-wegħda tiegħu billi kattarlu ġensu daqskemm hemm ramel f'xatt il-baħar u stilel fis-sema.

Il-katekist jagħmilha ċara li Alla għadu jżomm kelmtu billi jagħmel affarijiet tajba ma' kull wieħed u waħda minna. Bħala talba l-parteċipanti jkantaw flimkien Father Abraham (Riżorsi). Il-katekist ifakkar lill-parteċipanti jġibu l-kuluri magħhom fil-laqgħa li jmiss. Fl-aħħar tal-laqgħa l-katekist iwiegħed li jagħti xi ħaġa lil kull parteċipant fil-laqgħa ta' wara. Din il-wegħda hi importanti.

Il-laqgħa tintemm b'talba spontanja.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Alla jżomm kelmtu

**ICEBREAKER**

Fuq Il-Ktieb tal-Attivitajiet il-parteċipanti jpinġu nies li jżommu kelmthom (eż: il-ġenituri, l-għalliema, is-saċerdoti, eċċ). Tinbeda diskussjoni bejn il-katekist u l-parteċipanti jekk damux jistennew il-wegħda tiġi mwettqa (eż: jistgħu jsemmu jekk kinux imwiegħda rota jekk tgħaddi mill-eżami, u ngħatatilhomx).

## Il-Kontenut

Il-katekist jirrakkonta l-istorja ta' Abraham permezz tal-powerpoint jew stampi (Riżorsi u CD Riżorsi).



## L-Istorja ta' Abraham – It-Tieni Parti

Il-katekist jibda:
"Fl-aħħar laqgħa ħallejna 'l Abraham flimkien ma' martu Sara u l-familja jitilqu minn arthom biex imorru f'art oħra li kien ser jurihom Alla. Issa ta' min jgħid li Abraham u Sara qatt ma kellhom tfal. Għal dak iż-żmien li koppja ma jkollhiex tfal kienet diżgrazzja kbira. Abraham u Sara kienu jitolbu ħafna lil Alla biex ikollhom it-tfal, iżda issa li bdew jixjieħu bdew jarawha impossibbli li jsiru mamà u papà.

Darba waħda, meta Abraham kien qiegħed fit-tinda flimkien ma' martu, jara ġejjin mill-bogħod tlitt irġiel. Milli jidher kienu mxew mixja twila ħafna fid-deżert u kienu għajjenin mejta. Abraham tħassarhom u stedinhom jidħlu għandu. Sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u ordnalhom biex iħejju xi ħaġa tal-ikel għall-mistednin il-ġodda. Dawk it-tlitt irġiel ħadu gost ħafna u rringrazzjaw lil Abraham ta' dan il-ġest. Hekk kif spiċċaw l-ikla, it-tlitt irġiel u Abraham ħarġu mit-tinda. Huma qalu lil Abraham li hu u martu kien ser ikollu tarbija. Abraham ħa gost b'din l-aħbar, imma minn ġot-tinda semgħu lil Sara tidħak għax ma emmnitx li ser ikollhom tarbija.

Abraham irrabja magħha għax ma fdatx fil-kliem ta' dawk it-tlitt irġiel. Wara dan, dawn it-tlieta telqu. Abraham induna li dawk it-tlitt irġiel kienu mibgħuta minn Alla. U veru hekk kien! Għadda ż-żmien, u Abraham u Sara kellhom tarbija li semmew Iżakk. Dan beda jikber u sar tifel b'saħħtu ħafna. Kien imur idur ma' missieru u jaraw l-art li wiegħdu Alla. Abraham kien kuntent b'Iżakk. Kien ferħan għax Alla kien qed iżomm il-wegħdiet tiegħu. Minn Iżakk tibda tikber il-familja kbira li Alla wiegħed lil Abraham.

Darba waħda, Alla kellem lil Abraham u qallu biex jitla' fuq muntanja li kien ser jurih u fuqha joffrilu bħala sagrifiċċju lit-tifel tiegħu. Abraham inħasad għal dak li qallu Alla. Lil Alla kien joffrilu annimali sbieħ, imma qatt ma għaddielu minn rasu li Alla ser jitolbu dan is-sagrifiċċju. Iżda Abraham, għalkemm imħawwad, fada f'Alla. Għalhekk, b'niket kbir qal lil Iżakk li kellhom imorru joffru sagrifiċċju fuq il-muntanja. Iżakk ħa gost, għax din ma kinitx l-ewwel darba li hu mar joffri sagrifiċċju. Min jaf kemm ser jiġri u jara xeni sbieħ minn fuq il-muntanja! Għalhekk, qabad il-ħatab li fuqu kienu ser ipoġġu s-sagrifiċċju u beda tiela' l-muntanja flimkien ma' missieru. Iżda Abraham kien imħasseb għall-aħħar. Kif Alla wiegħdu poplu kbir u issa talbu biex joffri bħala sagrifiċċju lill-iben il-waħdieni tiegħu?

Huma u mexjin lejn il-muntanja Iżakk fakkar lil Abraham li kellhom il-ħatab u n-nar, imma l-offerta tas-sagrifiċċju ma kinitx għandhom. Abraham ma wieġbu xejn. Waslu fuq il-muntanja u Abraham beda jibni l-altar tas-sagrifiċċju. Hekk kif lestew l-altar poġġew il-ħatab fuqu. B'diqa kbira, imma b'fiduċja f'Alla, refa 'l ibnu u poġġieh fuq l-altar. Rabatlu jdejh u saqajh u silet is-sikkina li biha kien joqtol l-annimali. Hekk kif għolla idu biex biha joqtol lil ibnu, anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham u qallu biex ma jmiddx idu fuq ibnu għax Alla ra l-fidi kbira tiegħu.

Abraham niżżel malajr lil ibnu minn fuq l-altar. Fuq il-muntanja raw għoġol maqbud minn qrunu f'siġra. Qabduh, poġġewh fuq l-altar u offrewh bħala sagrifiċċju. Huma niżlu jfaħħru lil Alla għal dak li għamel magħhom. Abraham ma ddispjaċiehx li kien fada f'Alla.

Wara, il-katekist jiddiskuti mal-parteċipanti l-punti ewlenin tal-istorja. Importanti li joħroġ l-għan tal-istorja li Alla jżomm kelmtu.

# L-Attività

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk jiftakrux x'kien wegħedhom fil-laqgħa ta' qabel. Jagħmel tabirruħu li mhux ser iżomm kelmtu. Jistaqsi lill-parteċipanti kif iħossuhom ladarba ma nżammitx il-kelma li tajthom. Wara jqassam dak li jkun wegħedhom u jieħu r-reazzjoni tagħhom. Jispjega li Alla mexa bl-istess mod ma' Abraham. Għall-bidu Abraham ħaseb li Alla ma kienx ser iżomm kelmtu, imma Alla qatt ma jidħak bina: dak li jwegħedna jagħtihulna. Hu jispjega b'eżempji prattiċi kif din il-ġrajja ta' Abraham għadha sseħħ fil-ħajja tagħna.

Il-laqgħa tispiċċa bl-għanja Familja Speċjali.

# 3.2 Alla huwa magħna!

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Wara li l-parteċipanti raw min hu Abraham, issa jsiru ħafna midħla tal-personaġġi ta' Iżakk, Ġakobb u Ġużeppi. Huma jaraw kemm Alla dejjem baqa' ma' dawn il-personaġġi. Kif għamel ma' dawn il-personaġġi, huwa jagħmel magħna l-istess - jekk nagħżlu li nagħmlu dak li jixtieq minna.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li jsiru midħla tal-personaġġi ta' Iżakk, Ġakobb u Ġużeppi.
- Li jkunu sensittivi li Alla dejjem baqa' ma' dawn il-personaġġi.
- Li Alla jagħmel magħna l-istess - jekk nagħżlu li nagħmlu dak li jixtieq minna.

*U Ġużeppi qal lill-Fargħun: "Kollu wieħed il-ħolm tal-Fargħun. Kulma se jagħmel, Alla ħabbru lill-Fargħun. Is-seba' baqriet sbieħ huma seba' snin, u s-seba' sbuliet sbieħ huma seba' snin; ħolma waħda din. U s-seba' baqriet magħluba u koroh li telgħu warajhom huma seba' snin; u s-seba' sbuliet nixfin u maħruqin mir-riħ tal-Lvant huma seba' snin ta' ġuħ. Dan hu l-kliem li għedt lill-Fargħun: kulma se jagħmel Alla wrieh lill-Fargħun.*

Ġen 41, 25-28

**Il-MESSAĠĠ**

F'din il-laqgħa l-parteċipanti ser ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu l-arblu tar-razza ta' Abraham, min kien dan Ġużeppi li kien imnissel mit-tielet patrijarka Ġakobb u x'kien l-irwol tiegħu fl-istorja tal-Bibbja. Dan ħa jkun possibbli permezz tal-attivitajiet li ġew maħsuba u ppreparati tajjeb għal din il-laqgħa. Il-katekist għandu jgħin kemm jista' jkun lill-parteċipanti biex jifhmu u jiftakru b' mod sempliċi l-arblu tar-razza ta' Abraham; li Abraham kellu lil Iżakk, li Iżakk kellu lil Ġakobb u li Ġakobb kellu tnax-il wild (wieħed minnhom Ġużeppi) li minnhom ħarġu t-tnax-il tribu ta' Iżrael.

Tajjeb li l-parteċipanti jsiru midħla tal-istorja ta' Ġużeppi u jibqgħu jiftakru dawn il-punti prinċipali:

- Li Ġużeppi kien l-iktar iben għażiż għal Ġakobb, it-tielet patrijarka.
- Li ħutu kienu jafu b'dan u għeru għalih tant li waslu biex begħuh lil xi Ismaelin negozjanti li kienu sejrin l-Eġittu. Huma gidbu lil missierhom billi qalulu li Ġużeppi kien ġie maqtul minn annimal salvaġġ.
- Li meta Ġużeppi wasal fl-Eġittu nbigħ bħala skjav lill-uffiċċjal tal-Fargħun.
- Li Ġużeppi spiċċa l-ħabs minħabba l-gideb tal-mara ta' Putifar.
- Li fil-ħabs, bil-qawwa ta' Alla, Ġużeppi spjega liż-żewġ ilsiera l-ħolm tagħhom u dan seħħ fir-realtà.
- Li Ġużeppi meħlus mill-ħabs mill-Fargħun, spjegalu ż-żewġ ħolmiet li kien ilu joħlom (li l-ewwel ġejjin seba' snin ta' ġid u wara ser jiġu seba' snin ta' għaks).
- Li l-Fargħun ħatar lil Ġużeppi biex imexxi pjan sabiex waqt is-seba' snin ta' għaks il-poplu Eġizzjan ma jbatix ġuħ.
- Li Ġużeppi ħafer lil ħutu.
- Li permezz tal-għaks li waqa' reġa' ngħaqad ma' missieru u ma' ħutu u kollha flimkien baqgħu jgħixu l-Eġittu lkoll ferħanin.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, importanti li joħroġ il-punt li anke jekk xi darbi jkollna xi ngħidu u ma naqblux, dejjem għandna nfittxu li nerġgħu mill-ġdid ħalli ningħaqdu bħala familja ta' Alla kif għamlu Ġużeppi u ħutu.

---

Il-poplu li tnissel minn Abraham ikun dak li fih tinżamm bla mittiefsa l-wegħda magħmula lill-patrijarki, il-poplu l-magħżul imsejjaħ biex iħejji, xi darba l-ġemgħa tal-ulied kollha ta' Alla fl-għaqda tal-Knisja: il-fergħa li fuqha jitlaqqmu l-pagani li jibdew jemmnu.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 60

**REFERENZI**

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 59-61
142-147

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

O Alla li tista' kollox, int li sawwart il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħek, meta niġġieldu għinna naħfru u nerġgħu nagħmlu ħbieb mill-ġdid. Tħalliniex inħallu sitwazzjonijiet ambigwi, fejn ikollna xi ngħidu jifirduna u joħonqulna l-paċi u l-ferħ f'qalbna. Għinna biex bħal Ġużeppi jkollna l-kuraġġ naħfru lil xulxin u li mill-ġdid nerġgħu ningħaqdu flimkien bħala familja ta' Alla. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Lapsijiet
- 8 fliexken tal-plastik
- Ballun tat-tennis jew ballun tajjeb biex jolqot il-flixken tal-plastic
- White Board - Marker
- 8 stampi tal-persunaggi Bibblici
- Flash Cards (Riżorsi)
- Stampa: Siġra tal-Familja (Riżorsi)
- Diska: We are climbing Jacob's ladder (Riżorsi)
- Storja: Ġużeppi (Riżorsi)
- Lista tal-ismijiet Bibbliċi (Riżorsi)
- Kuluri

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## It-Testment il-Qadim

Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jiftħu Il-Ktieb tal-Attivitajiet u jimlew il-family tree tal-familja tagħhom. L-iskop ta' din l-attività hu biex nippreżentaw lill-parteċipanti l-idea tal-arblu tar-razza.



# Il-Kontenut

Il-katekist iwaħħal l-istampa tas-siġra (din is-siġra ser tintuża fil-laqgħa li jmiss) quddiem il-parteċipanti u fejn hu indikat, iwaħħal 'Abraham' (ara flash cards riżorsi). Hawn issir reviżjoni qasira ħafna ta' dak li jkun intqal fil-laqgħat ta' qabel (mis-sejħa sa meta Alla talab lil Abraham biex joffri lil ibnu bħala sagrifiċċju). Meta jissemma Iżakk, jitwaħħal ismu fuq is-siġra. Wara, il-katekist jintroduċi lil Ġakobb u jgħid li dan kien it-tifel ta' Iżakk. Hawn isir ir-rakkont fil-qosor tal-istorja ta' Ġakobb u Għesaw (ara Ġenesi jew Bibbja għat-tfal).

# L-Attività

Il-katekist iwaħħal l-ismijiet tal-persunaġġi Bibbliċi mal-fliexken tal-plastik. Il-katekist ipoġġi mal-art f'linja dawn il-fliexken imma mhux b'mod kronoloġiku. Jipprepara wkoll l-ismijiet mal-whiteboard li jirrappreżentaw kull flixkun (Riżorsi). Il-parteċipanti jridu jolqtu b'ballun l-ewwel flixkun li jimmarka l-ewwel avveniment mill-ġrajja li ssemma. Meta jintlaqat kull flixkun, dan jitpoġġa fuq il-mejda wara xulxin. Il-parteċipanti jistgħu jinqasmu fi gruppi u/jew jingħataw il-punti jekk jolqtu l-flixkun it-tajjeb. Dan l-eżerċizzju jservi ta' reviżjoni tal-istorja u anke sabiex il-katekist ikun jaf kemm assimilaw il-parteċipanti mill-istorja.

Il-laqgħa tispiċċa bis-diska: We are climbing Jacob's ladder.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# L-imħabba t'Alla tgħaqqadna flimkien!

*Il-laqgħa tibda b'talba qasira. Il-katekist jista' jistieden lill-parteċipanti biex jitolbu lil Alla b'relazzjoni mal-laqgħa ta' qabel.*

**ICEBREAKER**

Il-katekist jibda billi jwaħħal l-istampa tas-siġra tal-familja. Ifakkar lill-parteċipanti sa fejn wasslet l-aħħar laqgħa (jiġifieri sa Ġakobb). Ifakkar ukoll fis-siġra tal-familja tagħhom li waqfet magħhom u ma' ħuthom. L-istorja tal-Bibbja ma tispiċċax ma' Ġakobb imma tkompli b'mod mill-isbaħ permezz tat-tfal tiegħu. Il-katekist juża l-flash-cards tal-ismijiet tat-tfal ta' Ġakobb (Riżorsi) u jgħidilhom li llum ser jitkellmu fuq persuna speċjali - fuq wieħed mit-tfal ta' Ġakobb.

## Il-Kontenut

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti fuq liema mit-tfal jaħsbu li ser jitkellmu l-aktar (Ġużeppi). Il-katekist jispjega lill-parteċipanti li din id-darba ser jitgħallmu l-istorja b'metodu differenti. L-istorja ser tkun maqsuma f'ħames partijiet u wara kull parti l-katekist ser jieqaf milli jirrakkonta u t-tfal ser ipinġu l-istampa relatata ma' kull parti (ara Il-Ktieb tal-Attivitajiet). Fl-istorja (Riżorsi) hemm indikat f'liema waqt it-tfal ser jibdew ipinġu.



## L-istorja ta' Ġużeppi

**Il-Ħolm ta' Ġużeppi**
Il-katekist jibda r-rakkont: "Meta Ġuzeppi kellu madwar 17-il sena, kien jirgħa n-nagħaġ ma' ħutu. Ġakobb kien iħobbu aktar minn ħutu kollha għax kien twelidlu fi xjuħitu u għamillu libsa sabiħa bi kmiem twal. Meta ħutu indunaw li missieru kien iħobbu aktar minnhom, saru jobogħduh.

Darba waħda Ġużeppi ħolom ħolma u qal lil ħutu u aktar bdew jobogħduh. Il-ħolma kienet li l-aħwa bdew jorbtu qatgħet tat-tiben fl-għalqa. Il-qatgħa tiben li kellu Ġużeppi kienet fin-nofs. Il-qatgħet ta' ħutu, imdawrin madwarha, inxteħtu fl-art quddiemha. Darba oħra ħolom li x-xemx u l-qamar u ħdax-il kewkba nxteħtu fl-art quddiemu."

Hawnhekk il-katekist jistieden lill-parteċipanti jpinġu l-ewwel stampa.

**Ġużeppi u ħutu**
Il-katekist ikompli:
"Darba minnhom ħut Ġużeppi kellhom jitbiegħdu mid-dar minħabba l-imrieħel u baqa' Ġużeppi d-dar. Ġakobb bagħat lil Ġużeppi biex jara kif inhuma ħutu u l-imrieħel tagħhom. Hekk kif wasal qrib, ħutu bdew jiftiehmu kif joqtluh imma Ruben, it-tifel il-kbir, qalilhom biex iniżżluh f'bir vojt. Hekk kif wasal, neżżgħulu l-libsa li kellu fuqu u tefgħuh fil-bir. Fil-qrib dehru resqin xi Ismaelin. Dawn kienu negozjanti li kienu sejrin iħottu x-xogħol fl-Eġittu. Ħutu ftiehmu li jbigħu lil Ġużeppi b'għoxrin biċċa tal-fidda. Bdew jiftiehmu x'ser jgħidu lil missierhom. Għalhekk, qabdu gidi u bid-demm tiegħu ċappsu l-libsa taparsi li annimal salvaġġ qatlu. Missieru ddispjaċieh ħafna meta ra l-libsa li ta lil ibnu mċappsa kollha demm u bkieh ħafna.

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jpinġu t-tieni stampa.

**Ġużeppi fl-Eġittu**
Il-katekist ikompli juri l-entużjażmu fir-rakkont tal-ġrajja: "Ġużeppi wasal fl-Eġittu u nbiegħ bħala skjav ma' Putifar, uffiċċjal tal-Fargħun. Darba minnhom il-mara ta' Putifar gidbet fuqu u akkużatu li riedha bħala l-mara tiegħu. Għalkemm Ġużeppi qatt ma għamel dan, spiċċa f'qiegħ ta' ħabs. Fil-ħabs kien hemm żewġ ilsiera oħra. Dawn l-ilsiera ħolmu ħolma stramba u saqsew lil Ġużeppi x'setgħet tfisser. Ġużeppi li kien jispjega l-ħolm bil-qawwa t'Alla tahom tifsira, tant li ż-żewġ ħolmiet seħħew fir-realtà.

Il-Fargħun ħolom żewġ ħolmiet li ħawduh. Beda jsaqsi għal xi ħadd li seta' jfisser dan il-ħolm u sejjaħ lis-sħaħar u lill-għorrief Eġizzjani imma ħadd minnhom ma kien kapaċi jagħti tifsira tajba u tefagħhom kollha l-ħabs. Ħabsi li kien ma' Ġużeppi li kien ġie meħlus, qal lil Fargħun li Ġużeppi kien kapaċi jfisser il-ħolm. Għalhekk, il-Fargħun bagħat biex Ġużeppi jiġi meħlus. Ġużeppi qal lill-Fargħun li l-ħolma ma kienx hu li ser ifissirha imma Alla l-Imbierek. L-ewwel ħolma kienet li seba' baqriet nixfin belgħu seba' baqriet ħoxnin u baqgħu nexfin. It-tieni ħolma kienet li seba' sbuliet telgħin fuq zokk wieħed kienu mimlijin u sbieħ u seba' żbuliet irqaq. Is-seba' żbuliet irqaq belgħu s-seba' żbuliet sbieħ. Ġużeppi qallu li din hi ħolma waħda. Is-seba' baqriet u s-seba' żbuliet ifissru seba' snin. Il-baqar il-ħoxnin u ż-żbul is-sabiħ ifissru li ġejjin seba' snin ta' ġid u s-seba' baqriet nexfin u s-seba' żbuliet ifissru seba' snin ta' għaks."

Hawnhekk il-katekist jistieden lill-parteċipanti jpinġu t-tielet stampa.

**Il-Pjan ta' Ġużeppi**
Il-katekist ikompli jirrakkonta:
"Il-Fargħun kien sodifatt b'din it-tweġiba u għalhekk ħatar lil Ġużeppi biex imexxi pjan sabiex waqt is-seba' snin ta' għaks, il-poplu Eġizzjan ma jbatix ġuħ. Bil-għajnuna tal-Mulej, Ġużeppi ġabar ħafna qamħ f'imħażen kbar.

Kif għaddew is-seba' snin ta' ġid, waqgħet nixfa kbira fuq l-art. Il-familja ta' Ġakobb bdiet tbati l-ġuħ u għalhekk l-aħwa kollha, minbarra Benjamin, irħewlha lejn l-Eġittu biex jixtru l-qamħ. Hekk kif daħlu fil-palazz, Ġużeppi li sar il-gvernatur tal-Eġittu induna li kienu ħutu imma ma wrihomx b'dan. Hu akkużahom li kienu spjuni. Huma qalulu li huma tnax-il aħwa, wieħed kien ma' missierhom id-dar u l-ieħor ma għadux magħhom. Ġużeppi tefagħhom fil-ħabs u wara tlitt ijiem qalilhom li ser jibgħathom u ser iħalli lil Simgħon fil-ħabs. Ġużeppi ordna li jimlewlhom l-ixkejjer bil-qamħ u marru lura d-dar. Waqt li kienu qed jistrieħu f'lukanda, wieħed minnhom

fetaħ l-ixkora tiegħu u induna li fil-wiċċ tal-ixkora kien hemm il-flus li ħallas il-qamħ u bdew jibżgħu. Meta waslu d-dar sabu l-flus kollha li ħallsu f'kull xkora u iktar beżgħu. Huma qalu lil missierhom biex jieħdu magħhom lil Benjamin. Naturalment, il-missier ma aċċettax mill-ewwel għax ma riedx li jitlef lil Benjamin ukoll. Iżda Ġakobb kellu jċedi għax spiċċa l-qamħ u riedu bilfors iġibu mill-Eġittu. Għalhekk, l-aħwa kollha marru lura l-Eġittu. Hekk kif Ġużeppi lemaħ lil ħutu, qal lill-qaddej biex jeħodhom id-dar. Huma beżgħu għax ħasbu li reġgħu daħlu fl-inkwiet minħabba l-flus li sabu. Huma spjegaw kollox li ma kellhom l-ebda tort. Dak il-ħin Ġużeppi ħeles lil Simgħon u qalilhom biex ma jibżgħux."

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jpinġu r-raba' stampa.

**Ilkoll Flimkien**
Il-katekist ikompli: "L-aħwa kollha niżlu għarkupptejhom u nxteħtu quddiemu u Ġużeppi għamlilhom ikla kbira u bagħathom lura f'arthom. Bil-moħbi tagħhom, Ġużeppi ordna li fl-ixkora ta' Benjamin jitfgħu tazza tal-fidda. Huma u sejrin lura, Eġizzjan ġera warajhom u qal lil Benjamin biex jiftaħ l-ixkora u nstabet it-tazza fil-wiċċ. Benjamin inżamm l-Eġittu u huma bdew jinkwetaw u ppruvaw jispjegaw lill-uffiċċjal li jekk Benjamin ma jirritornax id-dar, missierhom imut bl-inkwiet. L-aħwa marru lura l-Eġittu biex jispjegaw kollox lil Ġużeppi. Ġużeppi ma felaħx aktar u għarrafhom min kien. Miblugħin għall-aħħar, Ġużeppi staqsiehom jekk għadux ħaj missierhom. Huwa ordnalhom biex iġibu lil missierhom ukoll l-Eġittu. Il-familja kollha baqgħet għal dejjem fl-Eġittu."

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jpinġu l-ħames stampa.

Il-katekist irid jara li t-tpinġija ma ssirx kollha f'daqqa imma kif inhu indikat fl-istorja. B'hekk il-parteċipanti jkunu qed jitgħallmu waqt li qed ipinġu.

## L-Attività

Fl-aħħar tal-laqgħa l-katekist jiddiskuti mal-parteċipanti kemm l-istorja tispiċċa b'mod sabiħ - il-familja reġgħet magħquda flimkien, u lkoll kienu ferħanin. Hawnhekk irid joħroġ il-punt li anke jekk xi darbi jkollna xi ngħidu u ma naqblux imma dejjem għandna nfittxu li nerġgħu mill-ġdid ningħaqdu bħala familja ta' Alla.

Il-laqgħa tintemm b'talba spontanja mill-parteċipanti.

# 3.3 Alla jħobbna!

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jidħlu fil-ġrajja tal-Poplu Lhudi meta kien fl-Eġittu taħt il-ħakma tal-Fargħun. Għalkemm il-poplu Lhudi kellu qalbu maqtugħa, Alla tefa' ħarsa ta' ħniena fuqu u għażel lil Mosè biex jeħilsu minn dan il-jasar. Il-parteċipanti jsiru jafu l-għeġubijiet li għamel Alla quddiem il-Fargħun. Permezz ta' Mosè, Alla waqqa' s-suppervja tal-Fargħun u ħeles lill-Poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu. Jagħrfu wkoll li Alla hu Alla li jsalvana u li aħna nagħmlu parti mill-poplu tiegħu.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li l-Poplu Lhudi meta kien fl-Eġittu taħt il-ħakma tal-Fargħun, kien għaddej minn żmien diffiċli.
- Li għalkemm il-Poplu Lhudi kellu qalbu maqtugħa, Alla tefa' ħarsa ta' ħniena fuqu u għażel lil Mosè biex jeħilsu minn dan il-jasar.
- Li Alla għamel għeġubijiet kbar quddiem il-Fargħun permezz ta' Mosè.
- Li Alla hu Alla li jsalvana u li aħna nagħmlu parti mill-poplu tiegħu.

*'U qal il-Mulej: "Rajt jien it-tbatija tal-poplu tiegħi li hemm fl-Eġittu, u l-għajjat tiegħu jien smajt minħabba dak li jgħakksuh; naf jien l-uġigħ tiegħu. U nżilt biex neħilsu minn id l-Eġizzjani u ntellgħu minn dik l-art f'art tajba u wiesgħa; f'art li tnixxi ħalib u għasel, fejn jgħammru l-Kangħanin u l-Ħittin u l-Amurrin u l-Feriżżin u l-Ħiwwin u l-Ġebusin."*

Eżodu 3, 7-8

**Il-MESSAĠĠ**

F'din it-tielet laqgħa l-importanza ser tkun fuq it-talenti li Alla għoġbu jagħti li kull wieħed u waħda minna u fuq persunaġġ magħruf ħafna fit-Testment il-Qadim – Mosè – li Alla nqeda bit-talenti moħbija tiegħu biex b'hekk seta' jgħin lil min kien fil-bżonn (lil-Lhud li kienu mjassra taħt l-Eġizzjani).

Il-katekist għandu jispjega lill-parteċipanti li kollha kemm huma għandhom it-talenti li Alla poġġa fihom. Tajjeb li jsiru konxji tat-talenti tagħhom, jużawhom u juru r-rikonoxxenza tagħhom lil Alla tad-don li għoġbu jagħtihom. Min hu konxju tat-talenti tiegħu għandu jirringrazzja lil Alla u jgħin li min jista'. Oħrajn li għadhom ma skoprewhomx għandhom jiġu mgħejjuna mill-katekist biex jiskopruhom u flimkien jiżviluppawhom. Min-naħa tagħhom il-parteċipanti għandhom jgħinu lilhom infushom billi bħal Mosè jrabbu kuraġġ u jemmnu fihom infushom sabiex dan iseħħ.

Il-ħajja u l-ġrajjiet ta' Mosè nsibuhom irrakkontati fil-Pentatewku, fl-ewwel ħames kotba tal-Kotba Imqaddsa. Naraw lil Mosè bħala profeta u mexxej kbir li bil-għajnuna ta' Alla għamel ħwejjeġ kbar, ħwejjeġ kbar li l-bniedem waħdu qatt ma seta' u jista' jagħmel. Hu mexxa u ħeles lill-Poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu. Hawn naraw li Mosè huwa figura li, bħal Ġesù, ħeles lill-Poplu tiegħu mill-ħakma tad-dlamijiet.

Mosè hu wieħed minn dawk li Alla sejjaħlu u hu, b'fidi kbira fih, wettaq dak li Alla ried minnu. Hu għex fis-seklu tlettax qabel Kristu. Twieled fl-Eġittu fiż-żmien meta kien hemm liġi li kienet tgħid li t-trabi subien tal-Lhud jiġu maqtula. Ommu, mara mit-tribù ta' Levi, ħelsitu minn mewta ċerta billi poġġietu f'bixkilla fix-xmara Nil fejn ġie salvat u mrobbi minn oħt il-Faragħun. Oħt il-Faragħun semmietu Mosè li tfisser 'salvat mill-ilma'.

Tajjeb li l-parteċipanti jkunu midħla tal-ġrajja tal-ħajja ta' Mosè u li jifhmu l-irwol fundmentali li kellu Mosè fi żmienu. Importanti li jkunu jafu tajjeb dawn il-punti li ġejjin:

1. Li Alla sejjaħlu qalb l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm sabiex jeħles il-Poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu.
2. Alla bagħat għaxar kastigi lill-Poplu Eġizzjan sabiex jikkonvinċih jerħi fil-libertà lill-Poplu tiegħu. B'kollox il-kastigi kienu għaxra:
   » il-kastig fuq ix-xmara,
   » il-kastig taż-żrinġijiet,
   » il-kastig tan-nemus,
   » il-kastig tad-dubbien,
   » il-kastig tal-pesta,
   » il-kastig tal-infafet,
   » il-kastig tas-silġ u tan-nar,
   » il-kastig tal-ġradijiet,
   » il-kastig tad-dlam, u
   » il-kastig fuq kull iben kbir.
3. Wara l-mewt tat-tifel il-kbir tiegħu, il-Fargħun baxxa rasu u ħalla lil-Lhud jaħarbu mill-Eġittu fid-deżert.
4. Għal erbgħin sena, Mosè ggwida lil-Lhud fid-deżert lejn l-Art Imwiegħda.
5. Bil-għajnuna ta' Alla Mosè foroq min-nofs il-Baħar tal-Qasab sabiex b'hekk għaddew il-Lhud għan-naħa l-oħra u hekk ġew salvati mill-Eġizzjani li kienu qed jiġru warajhom.

Fuq il-Muntanja Sinaj Alla ta' lil Mosè l-għaxar kmandamenti biex imexxi t-tribujiet ta' Israel fl-għemejjel kollha tagħhom.

Permezz ta' Mosè Alla stipula patt mat-tribujiet ta' Iżrael, il-Poplu l-Magħżul tiegħu.

L-attivitajiet differenti u interessanti li ġew imħejjija speċifikament għal din il-laqgħa (bħall-istampi, il-clips - Kids 4 Truth, l-użu tal-projector, Il-Ktieb ta' l-Attivitajiet, fost l-oħrajn) ser ikunu ta' għajnuna kbira; ser iservu ta' għodda fundamentali lill-katekist li ħa jinqeda bihom sabiex iwassal lill-parteċipanti l-messaġġ ta' din il-laqgħa.

Wara l-patrijarki, Alla sawwar lil Iżrael bħala l-poplu tiegħu, meta ħelsu mill-jasar tal-Eġittu. Għamel miegħu l-Patt tas-Sinaj u, permezz ta' Mosè, tah il-Liġi, biex jagħrfu u jaqdih bħala Alla wieħed, ħaj u veru, Missier li jipprovdi, u mħallef ġust, u biex jistenna s-Salvatur imwiegħed.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 62

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 59-64

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Spirtu Qaddis, Mulej li tagħti l-Ħajja, int li ħlaqtna lkoll mix-xejn, aħna nirringrazzjawk. Nirringrazzjawk Mulej ta' dak kollu li tajtna u b'mod speċjali nirringrazzjawk għat-talenti sbieħ li int żejjintna bihom. Nitolbuk Mulej, għinna nagħrfuhom u nużawhom għall-ġid tagħna u għal dak tal-oħrajn sabiex ikunu ta' għajnuna mhux biss għalina iżda wkoll għall-oħrajn. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Stampi ta' kamra tat-tfal, *cot*, ħwejjeġ tat-tfal
- Stampi tal-qoffa b'tarbija fiha, prinċipessa Eġizzjana, Fargħun, Mosè liebes ta' Eġizzjan, il-Poplu Lhudi fil-jasar, Mosè f'Midjan, is-siġra taqbad, Mosè quddiem il-Fargħun, l-aħħar kastig, l-ikla tal-Għid, il-koxxa tal-bieb imċappsa, l-eżodu, il-poplu quddiem il-Baħar l-Aħmar, il-Poplu fid-deżert.
- Lapsijiet
- Clips Kids for Truth (Riżorsi)

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Alla jagħżel lil Mosè

Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira, naturalment relatata mal-laqgħa dwar l-għażla ta' Mosè u s-sehem ta' Mosè fl-Istorja tas-Salvazzjoni.

**ICEBREAKER**

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti: Għandkom aħwa iżgħar minnkom? Għadu kif kellkom xi baby fil-familja? Kif ippreparajtu għalih? X'għamlu l-mamà u l-papà? Joħroġ il-fatt li min ikun qiegħed jistenna xi baby fil-familja, jipprepara kamra sabiħa, *cot* sabiħ, il-ħwejjeġ, bottle u nappies. Filwaqt li kulħadd jipprepara kamra sabiħa għal tarbija ġdida, Mosè ma sabx minn dan kollu, anzi spiċċa f'bixkilla f'nofs xmara.



# Il-Kontenut

Il-katekist jirrakkonta l-istorja minn meta Mosè kien moħbi fil-bixkilla sa meta wasal f'Midjan. Jista' juri l-clips Kids 4 Truth li hemm fir-riżorsi. Wara, il-katekist juri xi stampi li jirrappreżentaw parti mill-istorja u l-parteċipanti jirrakkuntaw fi kliemhom dik il-parti mill-ġrajja ta' Mosè. (Riżorsi)

Il-katekist juża l-istampi waqt ir-rakkont.

Il-katekist jista' jibda jirrakkonta b'dan il-mod: "Kien hemm ħafna Iżraeliti li kienu qegħdin jgħixu ġewwa l-Eġittu. L-Eġizzjani bdew jibżgħu li dawn ħa jiħdulhom arthom u allura għamluhom ilsiera tagħhom. L-Iżraelin kienu mġegħlin jaħdmu xogħol iebes ħafna sa minn filgħodu kmieni. Kienu jħossu ħafna bard u għejja kbira. Imma xorta baqgħu iktar b'saħħithom iktar mill-Eġizzjani. Is-sultan qal li ma jistax ikun li dawn jibqgħu xorta b'saħħithom iktar minnhom u allura ddeċieda li joqtol it-trabi kollha subien. Kien hemm omm u ma riditx li joqtlulha lit-tifel u allura din għamlet benniena żgħira u poġġietu fix-xmara qalb il-qasab. Oħtu, Mirjam, kienet toqgħod għassa miegħu. Issa ġara li darba minnhom Mirjam rat lill-prinċipessa ġejja u ma kellhiex ċans tmur tgħid lil ommha. X'ħin ratu l-prinċipessa tgħidx kemm iggustatu iżda qalet li ma kellhiex min jista' joħdilha ħsiebu. Mirjam qaltilha li hi kienet taf persuna. Din il-persuna kienet ommha. Tgħidx kemm ferħu li t-tifel kien reġa' ħa jingħaqad magħhom. Issa ħadd ma seta' joqtlu. Il-prinċipessa qaltilha li hu seta' jiġi jgħix il-palazz la darba jikber u li semmietu Mosè għax meħlus mill-għarqa. Kemm kiber malajr Mosè! Meta kiber mar jgħin fil-palazz. Avolja trabba ġol-palazz hu kien jaf li ma kienx Eġizzjan. Kien jara lill-Iżraeliti jbatu u ntebaħ li kellu bżonn jgħinhom b'xi mod. Alla qatt ma nesa lill-Iżraeliti u ried isibilhom mexxej b'saħħtu.

Ġurnata waħda, Mosè jara Eġizzjan jaħqar lil wieħed Lhudi - Iżraelit. Mosè tant irrabja li xeħet lill-Eġizzjan mal-art u qatlu. Mosè beża' minn dak li seta' jagħmillu s-sultan meta jsir jaf. Għalhekk, ħarab mill-belt lejn post fejn ħadd ma kien jafu u spiċċa jaħdem ta' ragħaj ma' raġel ġewwa Midjan."

# L-Attività

Il-katekist jitkellem mat-tfal dwar fiex iħossuhom li huma tajbin. Importanti li kulħadd jitkellem u min isibha diffiċli l-katekist jgħinu biex joħroġ il-kwalitatjiet sbieħ li għandu quddiem ħaddieħor. Il-katekist, sa issa jkun jaf sew lill-parteċipanti u allura jkun jista' jiġbdilhom l-attenzjoni mhux biss għall-kwalitajiet u talenti li jistgħu jidhru ovvji (eż. tajbin fl-iskola jew fit-tpinġija) imma jkun jista' jgħinhom ukoll isemmu l-kwalitajiet iktar profondi (eż. jgħinu lil ħaddieħor jew ikunu ħbieb tajba). Il-katekist irid jagħmilha ċara li Alla jista' jgħinhom jużaw dawn it-talenti bħalma għen lil Mosè.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Alla jħobbna u jsalvana

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.*

**ICEBREAKER**

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti biex jagħlqu għajnejhom u jimxu skont il-leħen li ser ikellimhom. Il-katekist jgħidilhom biex, per eżempju jimxu pass 'il quddiem jew żewġ passi lura. L-importanti li jkunu passi żgħar biex ma tinħoloqx konfużjoni fil-klassi. Meta l-parteċipanti jmorru f'posthom, il-katekist jiġbed l-attenzjoni lill-parteċipanti li Alla wkoll kellem lil Mosè u avolja dan ma bediex jarah, fl-aħħar mill-aħħar xorta sema' minnu.



# Il-Kontenut

Il-katekist jagħmel reviżjoni tal-laqgħa ta' qabel fejn jenfasizza l-punti prinċipali tal-ewwel parti mill-istorja ta' Mosè. Wara jirrakkonta t-tieni parti tal-istorja ta' Mosè. Jista' juri wkoll il-clips Kids 4 Truth (Riżorsi). Fit-tmiem tar-rakkont jista' jagħmel eżerċizzju ta' memorja flimkien mal-parteċipanti. Jista' jagħmel dan b'diversi modi, fosthom fil-forma ta' kwizz jew xi logħba oħra li tkun addattata għall-parteċipanti.

Il-katekist għandu juża l-istampi waqt ir-rakkont. Jirrakkonta:
"Waqt li Mosè kien qed jirgħa, jiġifieri meta kien qed jieħu ħsieb in-nagħaġ, ra siġra taqbad. Mosè kien skanta għax is-siġra bdiet taqbad imma l-weraq baqa' aħdar. Wara, sema' leħen jgħid, 'Mosè, Mosè, inża' l-qorq (sandli) għax l-art li int qiegħed fuqha, hi art qaddisa. Jien hu Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb. Jien rajt kemm il-poplu tiegħi qed ibati u qed nagħżel lilek biex toħorġu mill-Eġittu. Mur u kellem lir-re u għidlu biex jitlaq lill-poplu.'

Mosè beża' għax kien jaf li s-sultan mhux ser jemmnu. Imma Alla qal lil Mosè biex jieħu lil Aron miegħu.

Mosè u Aron marru u qalu lis-sultan li Alla qallu biex iħalli lill-poplu jitlaq imma s-sultan qallu li ma jafux lil Alla tagħhom. Is-sultan ta ordni biex in-nies tiegħu jħaddmu lil-Lhud aktar iebes. Għal dan il-kliem Alla beda jibgħat il-kastigi fuq l-Eġizzjani."

Hawnhekk, il-katekist irid jispjega li Alla bagħat il-kastigi mhux għax hu Alla kattiv. Il-katekist għandu juri l-eżempju meta l-ġenituri jagħtuna kastig mhux għax ma jħobbuniex imma għax iriduna nikbru aħjar.

Il-katekist ikompli: "L-għaxar kastigi huma meta x-xmara saret demm, bdew ġejjin iż-żrinġijiet fil-belt, ġew in-nemus, mietu l-annimali, kien hemm attakk mid-dubbien, kien hemm mard fil-ġilda, ħafna silġ, ġradijiet jieklu l-qamħ u dlam. L-aħħar kastig kien il-mewt tat-tifel il-kbir ta' kull familja. Il-Lhud ċappsu l-bibien tad-dar bid-demm tal-ħaruf u meta ġie l-anġlu, ma daħalx f'dawn id-djar. Meta ra hekk, is-sultan ċeda u l-poplu Lhudi ħareġ mill-Eġittu."

Wara, il-katekist jirrakkonta l-esperjenza tal-Poplu Lhudi fid-deżert fuq dawn il-punti:

- Il-Baħar tal-Qasab,
- Alla li pprovda l-ikel għal matul il-mixja fid-deżert,
- Mosè bħala medjatur bejn Alla u l-poplu Lhudi.

Importanti li l-katekist joħroġ il-fatt li Alla jħobb lill-Poplu tiegħu u kien lest li jagħmel kollox sabiex jara lil kulħadd kuntent.

# L-Attività

Minn fuq Il-Ktieb tal-Attivitajiet, il-katekist jispjega lill-parteċipanti dawk l-affarijiet li Alla jipprovdilna u li mingħajrhom il-bniedem ma jgħixx. Biex nagħtu eżempju: il-ħaxix, il-frott, l-ilma, il-laħam. Il-katekist jenfasizza li mingħajr dawn, il-bniedem ma jistax jgħix u għalhekk Alla dejjem jipprovdilna u jara li nkunu lkoll ferħanin. Alla mhux biss jipprovdilna imma jixtieq li nkunu miegħu għal dejjem. Jixtieq li ma nagħmlux ta' rasna bħal Fargħun imma li nkunu bħal Mosè, naqduh f'kulma jixtieq mingħandna. Tajjeb ukoll li napprezzaw u nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li jipprovdilna u għall-ġid li jixtiqilna.

Fl-aħħar ta' din il-laqgħa l-katekist jagħmel mument ta' talb ta' ringrazzjament lil Alla. Jista' jipprepara xi talbiet ta' ringrazzjament għall-parteċipanti jew ikunu spontanji.

Fl-aħħar, mill-Ktieb tal-Attivitajiet il-parteċipanti jkunu mistiedna li jagħmlu f'ordni l-kliem li ġej: ALAL JĦBBOAN U SALVJANA - li jiġi - Alla jħobbna u jsalvana.

# 3.4 Il-Kmandamenti

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**

Il-milja tal-ġrajja ta' Mosé tilħaq il-qofol tagħha fuq il-Muntanja Sinaj fejn il-parteċipanti jaraw il-Patt ta' mħabba u fedeltá li Alla għamel mal-Poplu tiegħu. F'din it-taqsima, il-parteċipanti jitgħallmu għalfejn il-Kmandamenti huma importanti. Fl-aħħar ta' din l-unitá, il-parteċipanti flimkien mal-katekist ser jiċċelebraw flimkien it-tema "Inħobbu 'l Alla u lill-oħrajn".

**L-GĦAN**

Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li l-ġrajja ta' Mosé tilħaq il-qofol tagħha fuq il-Muntanja Sinaj
- Alla jesprimi l-imħabba u fedeltá tiegħu fil-Patt li hu għamel mal-Poplu tiegħu.
- Li hemm raġunijiet għalfejn Alla tana l-Kmandamenti.
- Li hu sabiħ li niċċelebraw kemm Alla jħobbna!

*U qal il-Mulej lil Mosè: "Itla' lejja fuq il-ġebel u oqgħod hemm, biex nagħtik it-twavel tal-ħaġar, u l-liġi u l-kmandamenti li jien ktibt, biex tgħallimhomlhom. U qam Mosè u Ġożwè, il-qaddej tiegħu; tela' Mosè fuq il-ġebel ta' Alla."*

Ġen 24, 12-13

**Il-MESSAĠĠ**

F' din ir-raba' u l-aħħar laqgħa ta' din l-unità, il-parteċipanti ser ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu l-Kmandamenti, il-liġi li Alla ta lil Mosè fuq il-Muntanja Sinaj, liġi bl-iskop li tigwida lill-Poplu l-Magħżul ta' Alla jgħix ħajja tajba. Il-parteċipanti jridu jifhmu li l-Kmandamenti huma rigal mingħand Alla u mhux xi kastig sabiex joħonqilna l-libertà tagħna. Huma gwida indispensabbli bħalma kien Mosè għall-Poplu Lhudi. Mingħajr Mosè li kien ta' medjatur bejn Alla u l-Lhud, il-Lhud kienu jkunu mitlufa għaliex kemm-il darba waqgħu fit-tentazzjoni li jaduraw allat oħra, allat folloz.

Bħal ma nsibu miktub tajjeb fi Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika: L-"għaxar kelmiet" intqalu minn Alla waqt teofanija (wiċċ imb wiċċ tkellem magħkom il-Mulej fuq il-muntanja, minn ġon-nar" - Dewt 5,4). Huma parti mir-rivelazzjoni li Alla għamel tiegħu nnifsu u tal-glorja. Id-don tal-

kmandamenti hu don ta' Alla nnifsu u tar-rieda mqaddsa tiegħu. Alla wera lilu nnifsu lill-poplu tiegħu, billi wrieh x'irid minnu.
Id-don tal-kmandamenti u tal-Liġi huma parti mill-Patt magħmul minn Alla ma' dawk li huma tiegħu. Skont il-ktieb tal-Eżodu, ir-rivelazzjoni tal-"għaxar kelmiet" tinsab bejn l-istedina għall-Patt (ara Eż 19 u s-sħubija tiegħu (ara Eż 24), wara li l-poplu ntrabat li "jagħmel" dak kollu li qal il-Mulej, u li "jobdih" (Eż 24,7). Id-Dekalogu qatt ma jiġi mxandar jekk mhux wara li jiġi mfakkar il-Patt ("Il-Mulej Alla tagħna għamel patt magħna f'Ħoreb", Dewt 5,2). (Minn Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2059-2060).

Importanti li l-katekist jaċċerta ruħu li l-parteċipanti kollha jitgħallmu bl-amment il-Kmandamenti kollha.

## L-GĦAXAR KMANDAMENTI

Jien hu Alla Sidek:
1. Ma jkollokx Alla ieħor għajri.
2. La ssemmix l-isem ta' Alla fil-batal.
3. Ħares il-Ħdud u l-btajjel.
4. Weġġaħ lil missierek u 'l ommok.
5. La toqtolx.
6. La tiżinx.
7. La tisraqx.
8. La tixhidx ħaġa b'oħra.
9. La tixtieqx nisa tal-oħrajn.
10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.

Tajjeb ukoll li jkollhom idea tat-tifsira ta' kull wieħed minnhom, almenu b'mod li jistgħu jifhmu huma għall-età tagħhom.

Huwa ta' ġid kbir li waqt iċ-ċelebrazzjoni ssir reviżjoni qasira tal-unità. Il-katekist għandu jgħin lill-parteċipanti joħorġu fost oħrajn dawn il-punti fundamentali:

» Alla li jħobb lil Abraham, lil Iżakk, lil Ġakobb, lil Ġużeppi, u lil Mosè.
» L-istedina ta' Alla għal Poplu wieħed.
» Alla mhux 'il bogħod minna iżda qrib tagħna.

---

Ġesù ġabar fil-qosor id-dmirijiet kollha tal-bniedem lejn Alla f'dan il-kliem: "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'moħħok kollu" (Mt 22,37; ara Lq 10,27: "... bil-qawwa tiegħek kollha"). Dan il-kliem qed itenni s-sejħa solenni: "Isma', o Israel: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu" (Dewt 6,4).

Alla ħabbna l-ewwel. L-imħabba ta' Alla wieħed waħdu, li ma hemmx ieħor bħalu hi mfakkra fl-ewwel waħda mill-"għaxar kelmiet". Il-kmandamenti juru mbagħad bid-dieher it–tweġiba ta' mħabba li l-bniedem hu mistieden jagħti lil Alla tiegħu.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2083

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2083-2557

### QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB

O Mulej Alla kollok ħniena, int li ħennejt għal-Lhud u ħlisthom mill-jasar tagħhom, aħfrilna ta' kemm-il darba nqasniek. Għinna nitolbuk nimxu u nirrispettaw il-Liġi tiegħek sabiex inkunu wlied denji tiegħek. Għinna wkoll inkunu ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn ħalli lkoll kemm aħna għad nirbħu s-saltna ta' dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Projector
- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Armar għaċ-ċelebrazzjoni
- Bibbja
- Cd Player
- Familja Speċjali (ara Riżorsi)
- Familja Speċjali Power Point (ara Riżorsi)
- Stedina (ara Riżorsi)
- Stedina Power Point (ara Riżorsi)
- Talb għall-parteċipanti (jippreparaha l-katekist)
- Strixxi (sample Riżorsi)
- Stapler
- Kuluri

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Patt ta' mħabba u fedeltà lil Alla

Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.

Fil-bidu ta' din il-laqgħa l-katekist jirrakkonta b'mod animat fuq il-Kmandamenti (Riżorsi).

## Il-Kontenut

### L-Għaxar Kmandamenti

**Introduzzjoni:**
Il-katekist jibda l-laqgħa tal-lum billi jfakkar lill-parteċipanti dwar il-laqgħa ta' qabel, fejn issemmiet l-istorja sabiħa ta' Mosè, meta l-Poplu Lhudi kien fid-deżert fi triqtu lejn l-Art Imwiegħda. Il-katekist ifakkar li Alla sejjaħ lil Mosè fuq il-Muntanja Sinaj u hemmhekk tah l-Għaxar Kmandamenti, miktubin fuq żewġ twavel tal-ġebel. Dawn il-kmandamenti għadhom jgħoddu u jibqgħu tajbin għal dejjem u għal kulħadd. Min ma jobdix dawn il-kmandamenti jkun qed joffendi lil Alla li tant iħobbna.



**L-Ewwel Kmandament:**
"Jien hu Alla Sidek - Ma jkollokx Alla ieħor ħliefi."

Il-katekist jgħid:
"Alla ħalaqna f'din id-dinja biex nagħarfuH, inħobbuH, u naqduH. Dak li jixtieq Alla minna dejjem għandu jiġi l-ewwel u qabel kollox. Irridu dejjem niftakru li aħna wlied Alla, dak li jħobbna u jieħu ħsiebna. Għalhekk aħna nuru li nemmnu fiH, u li rridu nħobbuh u naqduh kull jum ta' ħajjitna. Lil Alla ma għandna nibdluh ma' ħadd u ma' xejn u nkunu dejjem attenti li nagħtuh l-ewwel post fil-ħajja tagħna."

Hawnhekk, il-katekist jgħaddi biex jibda jirrakkonta fuq Victoria u Clive u kif dawn kienu jgħixu għaliex kienu jħobbu lil Alla:
"Hekk kienu jagħmlu Victoria u Clive kull filgħodu qabel ma jmorru l-iskola. Kienu jitolbu flimkien billi ta' kuljum jipparteċipaw fil-quddiesa. Mhux biss, imma ta' spiss kienu jirringrazzjaw lil Alla ta' kulma kien jagħmel magħhom. Alla kien l-ewwel post fil-ħajja tagħhom u għalhekk kienu ferħanin u kuntenti."

**It-Tieni Kmandament:**
"La ssemmix l-Isem Alla fil-batal."
It-Tieni Kmandament jgħinna sabiex inħobbu u nirrispettaw l-Isem qaddis t'Alla. M'għandna qatt insemmu l-Isem qaddis ta' Alla għal xejn b'xejn.

Darba Clive kien qiegħed iwaqqa' għaċ-ċajt lil Victoria għax kienet qed taqra ktieb tat-talb tagħha. Minflok tirrabja għalih jew tiġġieled miegħu, Victoria kienet titlob fl-qalbha lil Ġesù biex jaħfirlu! Wara dan, Clive ddispjeċieh u qagħad attent li ma jerġax jagħmel dan l-iżball. Infatti, darba Victoria u Clive kienu mexjin fit-triq u semgħu raġel jitkellem ħażin u talbu flimkien lil Ġesù jaħfirlu."

**It-Tielet Kmandament:**
"Ħares il-Ħdud u l-Festi Kmandati"
"It-Tielet kmandament jgħinna sabiex il-ġurnata tal-Ħadd u tal-festi Kmandati jkunu ġranet speċjali għalina fejn mhux biss ma jkollniex skola iżda wkoll ikunu ġranet ta' mistrieħ u bħala familja ninġabbru għat-talba tal-Quddiesa flimkien biex nirringrazzjaw lil Alla. Dan riedu Ġesù stess, biex flimkien miegħu, inkunu nistgħu nagħtu l-aqwa ġieħ lil Alla, bħala familja waħda Nisranija.

Mad-dar tagħhom Clive u Victoria kellhom razzett ... tistgħu taħsbu kemm kellhom annimali! Nhar ta' Ħadd kienu jmorru l-quddiesa flimkien mal-familja u wara nofsinhar kienu jħobbu jmorru mixja qalb l-għelieqi biex jammiraw in-natura sabiħa li ħalaq Alla. Waqt li kienu jistrieħu mix-xogħol tal-iskola kienu wkoll jitgħallmu kif jistgħu jaraw lil Alla fil-ħolqien."

**Ir-raba' Kmandament:**
"Weġġaħ lil Missierek u 'l Ommok"
"Ir-raba' kmandament jgħinna sabiex nagħrfu aktar l-imħabba li għandhom għalina il-ġenituri tagħna u mhux hekk biss imma wkoll li aħna għandu jkollna wkoll imħabba kbira lejhom.

Victoria kienet tħobb tgħin lil ommha meta tkun qed tonxor il-ħwejjeġ billi tnewlilha l-affarijiet waqt li Clive kien l-hena tiegħu jgħin lil missieru jaħsel il-karozza. Victoria u Clive kien jagħtu daqqa t'id fix-xogħol tad-dar. B'hekk kienu qed iħobbu u jirrispetaw lill-ġenituri bil-fatti."

**Il-Ħames Kmandament:**
"La Toqtolx"
Il-ħames kmandament jgħinna nagħmlu kulma nistgħu biex nieħdu ħsieb ħajjitna u l-ħajja tal-oħrajn. Ħajjitna hi rigal li Alla tana u għalhekk aħna għandna nieħdu ħsieb saħħitna; imma mhux biss is-saħħa ta' ġisimna; għandna nieħdu ħsieb ruħna wkoll, billi nirċievu s-sagramenti ta' spiss u billi nitolbu ħafna drabi matul il-jum.

Mark kien qiegħed jipprova jħajjar lil Clive jmur jiġġieled ma' sieħbu, imma Clive ma riedx. Hu kien jaf li dik ħaġa ħażina għax Alla ma jridniex niġġieldu u nweġġgħu lil xulxin."

**Is-Sitt Kmandament:**
"La Tiżnix"
"Is-sitt kmandament jgħinna biex inkunu safja f'dak kollu li naraw jew nisimgħu, ngħidu jew nagħmlu. Qatt ma għandek tgħid jew tisma' ċajta pastaża. Alla tana ġisimna biex inħarsuh. Ġisimna hu kollu sabiħ, għax ħalqu Alla. Jekk trid li Alla dejjem jieħu gost bik: agħmel it-tajjeb lil ħaddieħor, u rrispetta lil kulħadd.

Victoria taf li ma tkunx qiegħda togħġob lil Alla meta ma tirrispettax lil ħaddieħor jew titkellem pastaż. Il-ġisem ta' ħaddieħor għandu jkun irrispettat. Meta tonqos milli tagħmel dan, hi taf li għandha tmur titkellem mas-saċerdot."

**Is-Seba' Kmandament:**
"La Tisraqx"
"Is-seba' kmandament jgħinna li għandna nagħtu lil ħaddieħor dak li hu tiegħu, u ma niħdux affarijiet li huma ta' ħaddieħor. Jgħinna nkunu onesti u ġusti f'kollox. Jgħidilna u jgħallimna biex ma nqarqu b'ħadd. Tagħmilx ħsara fil-ħwejjeġ tal-oħrajn, u żżommx dak li hu tal-oħrajn, anke jekk kienu silfuhulek. Meta tieħu xi ħaġa li mhix tiegħek dejjem għandek troddha lura.

Fil-ħin tar-rikreazzjoni Matthew daħal fil-klassi u ħa mill-basket il-kuluri ta' Clive. Waqt il-laqgħa tat-tpenġija l-għalliema talbet lill-istudenti sabiex joħorġu l-kuluri u jibdew ipinġu. Matthew seta' jibda jpinġi iżda Clive le. Clive kien jaf li hu poġġa l-kuluri fil-basket u mar jgħid lill-għalliema. Wara li semgħat lil Clive, l-għalliema staqsiet jekk xi ħadd kienx ħa l-kuluri ta' Clive. Dak il-ħin Matthew induna li żbalja u rritorna l-kuluri lil Clive."

**It-Tmien Kmandament:**
"La tixhidx ħaġa b'oħra"
It-tmien kmandament jgħinna biex ma nagħmlux ħsara lill-oħrajn billi nigdbu fuqhom jew billi ngħidu kliem li mhux veru fuq persuni oħra li minħabba fih in-nies ma jibqgħux jirrispettawhom. Qatt ma għandek titkellem fuq id-difetti tal-oħrajn. Trid tgħid il-verità dejjem anke jekk tkun taf li ser tieħu l-kastig. U tinsiex: il-giddieb għomru qasir!

Wara l-laqgħa tad-duttrina, Matthew u Clive kienu l-hena tagħhom jilagħbu l-ballun ma' sħabhom. Mela ġara li meta Mark laqat karozza b'daqqa ta' ġebla, ma ħarabx jew gideb li ma kienx hu, imma qal lil sidha, "Mr, jien tfajtha l-ġebla, jiddispjaċini!" Mark mhux biss qal il-verità iżda kien ta' eżempju għal sħabu kollha."

**Id-Disa' Kmandament**
**u l-Għaxar Kmandament**
"La tixtieqx nisa tal-oħrajn"
"La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn"
"Id-disa' u l-għaxar kmandament jgħinuna nifhmu li aħna m'għandna xejn minn dak li jkollu ħaddieħor. Meta aħna nkunu nixtiequ li dak li jkollu ħaddieħor li jkun tagħna flok tagħhom, aħna nkunu qegħdin ngħiru għalihom. Kun kuntent b'dak li għandek u tixtieq xejn minn dak li mhux tiegħek.

Ġesù jridek tkun ħanin mal-oħrajn. Ma jridekx tfittex dak li jaqbel lilek biss. Ipprova aqsam l-affarijiet tajbin li jkollok mal-oħrajn, anke jekk dawn ma jkunux ħbieb tiegħek, biex ma tqanqalx l-għejra ta' ħaddieħor. Alla jkun ħanin miegħek jekk int tipprova tagħmel lil ħaddieħor kuntent billi tagħti jew taqsam milli jkollok ma' sħabek.

Clive qala' rota bħala rigal fil-Milied, imma Mark sewwed qalbu meta ra lil ħabibu ferħan. Għalhekk Clive meta rah bin-nervi stieden lil Mark sabiex isuqha ftit."

**Konkluzjoni:**
Il-katekist irid joħroġ il-punt li l-ewwel tliet Kmandamenti t'Alla jgħidulna x'għandna nagħmlu b'qima lejn Alla; is-sebgħa l-oħra jgħidulna x'għandna nagħmlu biex tassew inħobbu u nirrispettaw lil xulxin. Mela kollox jinġabar f'kelma waħda: Ħobb!

Meta nobdu l-Kmandamenti t'Alla, aħna nkunu qegħdin nuru l-imħabba tagħna lejn Alla u lejn xulxin. Aħna, flimkien, niffurmaw parti mill-familja t'Alla.

F'dan il-punt il-katekist jiddiskuti mal-parteċipanti l-bżonn li l-bniedem għandu li jkollu fuq xiex jimxi, u mhux kulħadd jagħmel li jrid. Il-katekist jistaqsi u jiddiskuti l-każijiet li kien hemm fl-iskript fuq kull Kmandament.

Wara dan, il-katekist jaqsam il-parteċipanti f'żewġ gruppi (jara x'inhu l-aħjar metodu li juża għall-klassi li għandu). Jistieden lill-gruppi jitgħallmu flimkien il-Kmandamenti billi jużaw Il-Ktieb tal-Attivitajiet tagħhom.

Wara ftit tal-ħin il-katekist jistieden biex l-ewwel grupp jibda jgħid in-numri tal-kmandamenti u t-tieni grupp jgħid il-Kmandamenti. Jista' juża sistema ta' punti bħala inċentiv. Wara, it-tieni grupp jgħid in-numri u l-ewwel grupp jgħid il-Kmandamenti. Kull darba li jieħdu żball il-katekist inaqqas punt. Importanti li l-katekist jaċċerta ruħu li l-parteċipanti kollha jitgħallmu bl-amment il-Kmandamenti.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Aħna l-Familja ta' Alla - Ċelebrazzjoni

Fi tmiem ta' din l-unità, il-katekist jingħaqad flimkien mal-parteċipanti sabiex jagħmlu ċelebrazzjoni mill-isbaħ. Importanti li l-katekist jipprepara sew minn qabel il-materjal li ser juża għal waqt il-ċelebrazzjoni.

Il-laqgħa tibda b'talba spontanja.

## Ambjent u Preparazzjoni

Fil-bidu tal-laqgħa l-katekist jipprepara l-klassi flimkien mat-tfal. Il-preżenza tal-Kelma ta' Alla hija importanti. Hija ħaġa sabiħa jekk il-Bibbja tkun fiċ-ċentru b'xi xemgħa u tvalja pulita. Tajjeb li l-katekist iħalli lill-parteċipanti joħorġu bl-ideat huma għal din iċ-ċelebrazzjoni.

Wara, jistieden lill-parteċipanti jpingu l-istrixxa (Riżorsi) u fuqha jiktbu isimhom b'mod li jidher. Importanti li din l-istrixxa iżommuha ħdejhom fil-bidu. Din il-preparazzjoni ma għandhiex tieħu aktar minn 10 minuti b'kollox.

## Kant

Wara l-preparazzjoni, il-katekist jistieden lill-parteċipanti jisimgħu d-diska Stedina (ara Riżorsi) u jkantaw flimkien. Importanti li kulħadd jipparteċipa permezz tal-kant. Il-katekist iħeġġeġ kemm jista' lill-parteċipanti għax din hija ċelebrazzjoni. Wara l-kant tad-diska, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti f'liema stejjer mill-Bibbja fakkrithom. Importanti li b'xi mod joħorġu dawn il-punti:

1. Alla jħobb lil Abraham, Iżakk, Ġakobb, Ġużeppi, Mosè.
2. Alla għamel stedina lil poplu wieħed.
3. Alla mhux 'il bogħod minna iżda qrib tagħna.

## Qari mill-Kelma ta' Alla

Wara d-diskussjoni qasira dwar id-diska, il-katekist jagħżel silta li jixtieq mil-laqgħat ta' qabel. Importanti li jaqra minn fuq il-Bibbja b'mod devot u bilwieqfa. Wara jagħmel spjega żgħira u jistieden lill-parteċipanti jaqsmu xi ħaġa li laqtithom minn dik is-silta.

## Ħin ta' Talb
Waqt il-ħin tal-preparazzjoni l-katekist iqassam talb bil-miktub lil xi parteċipanti ħalli waqt dan il-ħin ikunu jistgħu jaqsmuh ma' sħabhom. Importanti li t-talb għandu jkun mal-istess tema tal-unità li l-katekist ikun ipprepara qabel il-talb. Waqt dawn il-mumenti tista' tintuża l-mużika fl-isfond.

Wara, il-katekist jibda jsejjaħ lil kull parteċipant u jġib l-istrixxa b'ismu fuqha. Il-katekist jibda jgħaqqad dawn l-istrixxi flimkien billi jifforma katina. (Juża stapler biex jgħaqqad l-istrixxi).

Wara, il-katekist ipoġġi l-katina madwar il-Bibbja. Jispjega għaliex il-katina:
1. Alla wiegħed lil Abraham poplu kbir.
2. L-għaqda bejn il-familji ta' Esaw u Ġakobb.
3. L-għaqda bejn Ġużeppi u ħutu.
4. Alla jagħżel il-poplu Lhudi sabiex ikun il-poplu tiegħu.
5. Ir-relazzjoni bejn Mosè (rappreżentat tal-Poplu) u Alla.
6. Poplu wieħed u Alla wieħed.
7. Aħna bħala l-Familja tiegħu.

## Kant
Il-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex ikantaw flimkien Familja Speċjali (Riżorsi).

---

## Tmiem
Fl-aħħar tal-laqgħa l-katekist jagħmel reviżjoni ġenerali tal-unità. Jista' jagħmel dan billi jistaqsi lill-parteċipanti jew jagħmel eżerċizzju ta' memorja.

Il-laqgħa tispiċċa b'talba.

Unità 4

# Alla jiġborna f'familja speċjali

**Skop tal-unità**

F'din l-unità, issir reviżjoni tat-tagħlim fuq is-Sagrament tal-Magħmudija u jsir żvilupp fuqu. Il-parteċipanti jifhmu li permezz tal-ġenituri tagħhom, b'dan is-Sagrament daħlu f'rabta ma' Alla u ma' Ġesù. Tajjeb li jsiru konxji tal-Magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni u jaraw ix-xebh bejn il-Magħmudija tiegħu u tagħhom. Il-parteċipanti jagħrfu li l-Magħmudija jridu jgħixuha ħajjithom kollha. Hu għalhekk li fl-aħħar ta' din l-unità l-parteċipanti jġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija.

pass pass wara Ġesù

# 4.1 Il-Magħmudija – rigal speċjali

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti, permezz ta' ritratti tal-Magħmudija tagħhom jifhmu aħjar dak li għaddew minnu fil-Magħmudija. Għalkemm din ma jiftakruhiex, imma saret għaliex il-ġenituri riedu jgħaddulhom rigal speċjali. Il-parteċipanti isiru konxji li permezz tal-Magħmudija huma saru wlied Alla, aħwa ta' Ġesù u membri fil-familja ta' Alla (il-Knisja).

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li huma rċevew il-Magħmudija għaliex il-ġenituri tagħhom riedu jgħaddulhom rigal speċjali.
- Li permezz tal-Magħmudija huma saru wlied Alla, aħwa ta' Ġesù u membri fil-familja ta' Alla (il-Knisja).

*'Hekk Ġwanni deher jgħammed fid-deżert u jxandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet. U kienet tmur għandu l-Lhudija kollha u n-nies kollha ta' Ġerusalemm, jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan waqt li jistqarru dnubiethom".*

Mk 1: 4-5

**Il-MESSAĠĠ**
Il-Magħmudija hija l-qofol kollu ta' din il-laqgħa. Waqt il-laqgħa hemm bżonn li jiġu indirizzati u mwieġba dawn il-mistoqsijiet tant ċentrali: X'inhi l-Magħmudija? X'isir fiċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija? Kulħadd hu misteden għall-Magħmudija? X'tifsira għandha l-Magħmudija fil-ħajja tan-Nisrani?

Bħalma nsibu miktub fil-ktieb ta' San Girgor Nazjanzenu : ''Il-Magħmudija hija l-isbaħ u l-ogħla don ta' Alla. Insejħulha don, grazzja, unzjoni, tidwil, libsa bla ebda tħassir, ħasil ta' twelid ġdid, siġill, u dak kollu li hu mill-aktar għażiż. Don għax tingħata li dawk li qatt ma taw xejn: grazzja għax tingħata wkoll lil min hu ħati; Magħmudija għax id-dnub jindifen fl-ilma; unzjoni għax min jirċeviha hu kkonsagrat u regali (dawn huma dawk li jirċievu l-unzjoni); tidwil, għaliex hi dawl kollu dija; libsa għax tgħatti l-mistħija kollha tagħna ; ħasil għax tnaddafna; siġill għax tħarisna u hi sinjal tas-setgħa ta' Alla.'' (San Girgor Nazjanzenu, Orationes 40, 3-4: PG 36, 361C).

F'din il-laqgħa l-katekist għandu jgħin lill-parteċipanti jxebbhu l-imħabba li Alla għandu lejn il-bnedmin ma' dik tal-ġenituri li jkollhom lejn wliedhom. Hawn, però, trid issir enfasi li

Alla jħobbna aktar mill-ġenituri tagħna. Dan għaliex xi kultant jiġu ċirkostanzi fejn forsi l-ġenituri jirrabjaw xi ftit magħna, bħal per eżempju meta jgħajtu magħna bla bżonn, meta jwegħduna xi ħaġa u mbagħad ma jagħtuhilniex, u eżempji simili.

Importanti li l-parteċipanti jirrealizzaw li Alla joqgħod attent li qatt ma jonqosna xejn u li qatt ma jagħmel xejn li biha jista' jweġġagħna. Tant ħabbna li bagħat lil Ġesù fid-dinja sabiex b'hekk inkunu nistgħu nsiru wliedu. Għal dan l-istess għan tana s-Sagrament tal-Magħmudija - sagrament li permezz tiegħu aħna lkoll insiru wlied Alla, aħwa ta' Ġesù u membri fil-familja ta' Alla (il-Knisja). Il-katekist għandu jgħin lill-parteċpanti jifhmu li l-Knisja t'Alla mhijiex dik tal-ġebel imma huma l-membri lkoll flimkien.

Il-Magħmudija hija l-pedament tal-ħajja Nisranija kollha, l-għatba tal-ħajja fl-Ispirtu ("vitae spiritualis ianua"), il-bieb li minnu ngħaddu għas-sagramenti l-oħra. Bil-Magħmudija ninħelsu mid-dnub u nitwieldu mill-ġdid bħala wlied Alla, insiru membri ta' Kristu u nissieħbu mal-Knisja u fil-missjoni tagħha, *Baptismus est sacramentum regenerationis per aquam in verbo* – "Il-Magħmudija hi s-sagrament tat-twelid mill-ġdid fl-ilma u l-Kelma".

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1213

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1212-1284

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Spirtu Qaddis Alla, int li għandek għal qalbek l-umanità kollha, aħna nirringrazzjawk talli għoġbok tagħtina s-sagrament tal-Magħmudija, sagrament daqshekk importanti li permezz tiegħu tajtna l-possibbiltà li nsiru lkoll familja waħda kbira miegħek u ma' Ibnek Ġesù. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Stampi ta' annimali differenti bħal: Għasfur qed jitma' liż-żgħar tiegħu; Iljunfant jaħsel liż-żgħar tiegħu; Tigra taqbeż għaż-żgħar tagħha (Riżorsi)
- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Stampi bħal omm qed tagħti x'tiekol lil uliedha, missier iwassal lil uliedu l-iskola
- Ritratt tal-Magħmudija
- Stampa ta' dar
- Stampa ta' knisja
- kuluri
- lapsijiet u żewġ karti vojta għal kull parteċipant
- flashcard

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Aħna lkoll ulied Alla

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Il-katekist juri l-istampi ta' annimali differenti lill-parteċipanti u wara jiddiskutu xi jkunu raw. Irid joħroġ il-punt li hemm annimali differenti maż-żgħar tagħhom. Eżempju stampa ta' għasfur qed jitma' lill-frieħ fil-bejta, iljunfant jgħin liż-żgħar tiegħu jinħaslu u stampi oħra li juru kura speċjali.

Minn hawn il-parteċipanti jridu joħorġu l-punt, naturalment permezz tal-katekist, li dawn l-annimali qed jieħdu ħsieb iż-żgħar tagħhom billi dawn jitimgħuhom u jaħsluhom u jipprovdulhom dak li jkollhom bżonn.

Issa, il-katekist juri lill-parteċipanti ritratti oħra differenti - din id-darba ta' ġenituri qed jgħinu lil uliedhom. Il-katekist juri stampi bħal omm qed tagħti lil uliedha l-ikel, missier iwassal lil uliedu l-iskola, u stampi oħra simili.

Il-katekist jistaqsi għaliex il-ġenituri jagħmlu hekk ma' wliedhom. Il-parteċipanti jridu jgħidu li l-ġenituri jagħmlu dak li jagħmlu sforz l-imħabba li huma għandhom għal uliedhom.



## Il-Kontenut

Il-katekist jibda billi jispjega kif Alla wkoll iħobbna bħal ommna u missierna. Anzi Alla jħobbna aktar mill-ġenituri tagħna għax dawn xi kultant jiġu ċirkostanzi fejn forsi jirrabjaw xi ftit magħna (il-katekist jitbissem). Bħal eżempju jgħajtu magħna bla bżonn, iwegħduna xi ħaġa u mbagħad ma jagħtuhilniex. Alla joqgħod attent li qatt ma jonqosna xejn u qatt ma jagħmel xejn li biha jista' jweġġagħna.

Alla tant ħabbna li bagħat lil Ġesù fid-dinja sabiex b'hekk inkunu nistgħu nsiru wliedu. Il-katekist jibda billi jistaqsi meta jaħsbu li aħna nsiru wlied Alla. Il-katekist juri flashcard bis-sentenza:

**Alla tant iħobbna u tant iridna miegħu li għamilna wliedu permezz tal- Magħmudija.**

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti biex jiftħu Il-Ktieb tal-Attivitajiet u jimlew iċ-ċertifikat. Wara li jimtela ċ-ċertifikat, il-katekist jistaqsi kemm qegħdin persuni jgħixu fid-dar... eżempju: il-mamà, il-papà, oħti, ħija. Il-katekist jgħid li barra milli hemm aħna ngħixu flimkien mal-ġenituri tagħna jista' jkun hemm oħrajn u dawn ngħidulhom aħwa/ħutna.

Il-katekist, f'dan il-punt, jistaqsi: Allura, aħna fil-Magħmudija, barra wlied Alla x'niġu wkoll? Il-parteċipanti jridu jgħidu li aħna niġu wkoll aħwa ta' Ġesù peress li dan huwa Iben Alla.

## L-Attività

It-tfal jiftħu Il-Ktieb tal-Attivitajiet fejn isibu ċertifikat:
Jien __________________ (isem) sirt iben/bint Alla fil-Magħmudija tiegħi.

Hawnhekk, il-parteċipanti jkunu mistednin iwaħħlu wkoll ritratt tagħhom sabiex dan ikun speċjali. Jekk ikun possibbli l-parteċipanti jistgħu jpinġu ċ-ċertifikat.

Il-laqgħa tintemm b'talba.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Membri tal-familja t'Alla

*Il-laqgħa tibda b'talba. Tista' tkun spontanja mingħand il-parteċipanti.*

**ICEBREAKER**

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti li llum id-dar tagħhom ħa jieħdu ħabib/ħabiba ġdid/a.

Il-katekist iwaħħal stampa ta' dar u jistaqsi:
Issa meta ser immorru d-dar lil min ħa nsibu jistenniena?
Il-parteċipanti jgħidu li ħa jsibu lil ommhom/missierhom jew lil dik il-persuna li tieħu ħsiebhom. Ara issa, li ser jieħdu ħabib/ħabiba ġdida d-dar, x'ser nagħmlu?

Il-katekist iħalli lill-parteċipanti jitkellmu u jwassalhom għall-punt li aħna issa rridu nlaqqgħuh mal-kumplament tal-familja.



## Il-Kontenut

Issa l-katekist jgħid lill-parteċipanti li permezz tal-Magħmudija aħna nagħmlu parti mill-familja t'Alla la aħna sirna wliedu.

U l-katekist jistaqsi: Iżda liema hija din il-familja t'Alla?

Iħalli lill-parteċipanti jgħidu dak li jaħsbu. Iridu jaslu għat-tweġiba li l-Knisja hija l-familja t'Alla. Hawnhekk il-katekist iwaħħel stampa ta' knisja.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk din hijiex il-knisja t'Alla. Jekk it-tweġiba tkun iva, mela l-katekist irid jispjega kif il-knisja t'Alla mhijiex dik tal-ġebel imma huma l-membri lkoll flimkien.

Hekk kif aħna nintroduċu lil sħabna biex iħossuhom parti mill-familja tagħna u l-kumplament isiru jafuhom, hekk ukoll fil-Magħmudija. Il-qassis jistaqsi l-ewwel għall-isem tat-tarbija. Wara, imbagħad, jitkellem mal-ġenituri u l-parrini.

Il-qassis ikompli billi jgħid:
"Din ix-xirka Nisranija tilqgħek fi ħdanha b'ferħ kbir. F'isem din ix-xirka, jien nimmarkak bis-sinjal tas-salib, u warajja l-ġenituri u l-parrini tiegħek ukoll, jimmarkawk bl-istess sinjal ta' Kristu s-Salvatur tagħna."

Il-katekist jispjega fid-dettal dan.

Il-katekist jispjega kif permess tal-magħmudija aħna nsiru membri tal-familja t'Alla.

Għalhekk aħna rridu nqimuh flimkien mal-kumplament tal-familja tiegħu.

## L-Attività

Il-katekist jagħżel 4 parteċipanti u jgħidilhom sabiex l-ewwel jgħajtu waħda waħda u mbagħad kollha f'salt. Jistaqsi liema nstemgħat l-iktar jekk hix dik meta għajtu waħedhom, jew inkella meta għajtu kollha flimkien. It-tweġiba trid tkun ta' kollha flimkien. Għalhekk, aħna rridu ningħaqdu bħala familja waħda wara l-Magħmudija sabiex nagħtu l-ogħla qima lil Alla.

Il-laqgħa tintemm b'talba.

# 4.2 Is-simboli u l-effetti tal-Magħmudija

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jsiru midħla tas-simboli li jintużaw fil-Magħmudija u t-tifsira tagħhom. Għalhekk ikun ċar ħafna li huma tnaddfu permezz tal-ilma u saru parti mill-familja t'Alla u aħwa ta' Ġesù flimkien mal-imgħammdin l-oħra – il-Knisja.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li s-simboli li jintużaw fil-Magħmudija għandhom it-tifsira tagħhom.
- Li fil-Magħmudija nitnaddfu permezz tal-ilma.
- Li fil-magħmudija nsiru parti mill-familja t'Alla u aħwa ta' Ġesù flimkien mal-imgħammdin l-oħra – il-Knisja.

*'Ġwanni kien jilbes libsa tax-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u kien jiekol ġradijiet u għasel selvaġġ. U kien ixandar u jgħid: "Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidkom bl-Ispirtu s- Santu".*

Mk 1, 6-8

**Il-MESSAĠĠ**

F'din it-tieni laqgħa, il-parteċipanti ser ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu aktar dwar is-sagrament tal-Magħmudija. Iċ-ċentralità ta' din il-laqgħa se tkun fuq is-simboli li jintużaw fil-Magħmudija u fuq l-effetti tal-Magħmudija.

Dan ser ikun possibbli grazzi għall-attivitajiet li ġew maħsuba u ppreparati tajjeb għal din il-laqgħa, bħal per eżempju ż-żewġ attivitajiet tal-icebreaker. Tajjeb li l-parteċipanti jkunu jafu l-erba' elementi li jidhru fir-rit tas-sagrament tal-Magħmudija, jiġifieri, iż-żejt, il-libsa bajda, ix-xemgħa u l-ilma.

Hu wkoll importanti li jkunu jafu xi jfissru

» Iż-żejt – Iż-żejt ifisser id-don tal-Ispirtu s-Santu. Iż-żejt jagħti saħħa speċjali lit-trabi sabiex ikunu jistgħu jgħixu ta' aħwa ta' Ġesù u ta' wlied il-Missier.
» Il-libsa bajda - Il-libsa bajda tfisser li l-imgħammed "libes 'il Kristu": irxoxta ma' Kristu Ġesù li jagħmilna nodfa u sbieħ minn ġewwa.
» Ix-xemgħa - In-nar tax-xemgħa jagħti d-dawl. Ġesù hu d-dawl tagħna. Hu biss jagħti lin-Nisrani l-vera ferħ.
» L-ilma – L-ilma jnaddaf lill-bnedmin mid-dnub u jagħtihom ħajja ġdida bħala aħwa ta' Ġesù u wlied il-Missier.

Hu importanti wkoll li l-parteċipanti jibqgħu jiftakru l-effetti tal-Magħmudija, jiġifieri li fil-Magħmudija aħna l-Insara:

» neħilsu mid-dnub
» insiru wlied Alla, jiġifieri membri fil-familja t'Alla li hi l-Knisja, u
» nsiru wkoll aħwa ta' Ġesù.

F'din il-laqgħa tajjeb li l-parteċipanti jirrealizzaw li l-Magħmudija hija don kbir ta' Alla għalina l-bnedmin. Dan ir-rigal juri l-imħabba kbira li għandu għalina Alla l-Missier. "Bil-Magħmudija, id-dnubiet kollha jinħafru - id-dnub tan-nisel u d-dnubiet personali kollha flimkien mal-pwieni kollha tad-dnub. F'dawk li jitwieldu mill-ġdid, ma jibqa' xejn li jżommhom milli jidħlu fis-Saltna ta' Alla, la d-dnub ta' Adam, la d-dnubiet personali, u lanqas il-konsegwenzi tad-dnub, li l-akbar waħda hi l-firda minn Alla" (Minn Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2, 1263).

> L-effetti diversi tal-Magħmudija huma mfissrin mill-elementi li jidhru fir-rit tas-sagrament. L-inżul fl-ilma jfakkar is-simboliżmu tal-mewt u tat-tisfija, u jfakkar ukoll it-twelid ġdid u t-tiġdid. Iż-żewġ effetti ewlenin mela huma t-tisfija mid-dnubiet u t-twelied ġdid fl-Ispirtu s-Santu.
>
> Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1262

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1212-1321

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

Mulej Alla li tista' kollox, għinna sabiex f'ħajjitna nqisu b'mod aktar serju s-Sagrament tal-Magħmudija. Għinna ħalli nżommu f'moħħna li s-Sagrament tal-Magħmudija huwa sinjal ta' mħabba għalina mogħti minnek. Għinna ngħożżuh u nkunu denji li nissejħu wliedek. Int li tgħix u s-saltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Album tal-Magħmudija
- bott tal-ħalib tat-trabi
- ċekċieka
- libsa tat-trabi tal-kulur
- salib
- kuruna
- santa
- il-libsa bajda
- l-ilma
- iż-żejt
- ix-xemgħa
- flashcards bil-kliem tas-simboli
- kolla
- ballun
- stampi: magħmudija, familja, ħafna tfal madwar Ġesù (Riżorsi)

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Is-simboli li jintużaw fil-Magħmudija

Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira. Issa li l-parteċipanti draw jitolbu flimkien qabel u wara l-laqgħat, tajjeb li llum ukoll, ikunu mħeġġa li jersqu lejn Alla Missierhom u jitolbuh.

**ICEBREAKER**

Bħala introduzzjoni, il-katekist jistaqsi x'jista' jagħmel bl-oġġetti li jippreżentalhom. Biex nagħtu eżempju dawn jistgħu jkunu affarijiet:

» li jistgħu jkollhom x'jaqsmu mat-trabi: album tal-magħmudija, bott tal-ħalib tat-trabi, ċekċieka, libsa tat-trabi tal-kulur,

» li għandhom x'jaqsmu mar-reliġjon bħal salib, kuruna, santa eċċ,

» is-simboli tal-Magħmudija: il-libsa bajda, l-ilma, iż-żejt u x-xemgħa.

Il-katekist jitlob lill-parteċipanti jsibu liema huma l-affarijiet li jintużaw fil-Magħmudija u jara minn jaf għal xiex jintużaw.

Wara, il-katekist jibda jpoġġi fuq il-white board, waħda waħda, flashcards bil-kliem tas-simboli u jgħin lit-tfal jifhmu aktar it-tifsira tagħhom.



## Il-Kontenut

Il-katekist jispjega t-tifsira tas-simboli wieħed wieħed:

Iż-żejt - iż-żejt jagħti s-saħħa lil min ikun marid u jsaħħaħ lil min ikun b'saħħtu. Meta ma kienx hawn mediċina, iż-żejt kien jintuża ħafna għal min ikun weġġa' jdejh jew saqajh jew xi għadma jew muskolu. Illum ukoll iż-żejt għadu jintuża f'ingwentijiet u mediċina biex jagħti l-fejqan u jġib is-saħħa. Iż-żejt jintuża fil-Magħmudija biex jagħtina saħħa speċjali biex inkunu nistgħu ngħixu ta' aħwa ta' Ġesù u ta' wlied il-Missier. Iż-żejt jgħinna biex meta nibdew nikbru nkunu kapaċi naħfru lil xulxin meta xi ħadd iweġġagħna u biex nibqgħu ħbieb ta' Ġesù meta xi ħadd jgħidilna biex nagħmlu xi ħaġa li Ġesù ma jixtiqhiex.

Il-libsa bajda - meta niġu biex nagħżlu dak li se nilbsu noqogħdu ħafna attenti biex nilbsu sabiħ u li jixirqilna. Irridu li n-nies li jarawna jgħidulna li lebsin sabiħ u jixirqilna għax l-ilbies juri li aħna tfal li kapaċi nkunu nodfa, sbieħ u puliti. Meta nagħmlu l-Magħmudija nilbsu libsa bajda biex nuru li aħna rridu nkunu nodfa, sbieħ u puliti mhux biss minn barra imma wkoll minn ġewwa. Fil-Magħmudija, Ġesù jagħmilna nodfa u sbieħ minn ġewwa. Aħna nixtiequ li dik il-libsa bajda nżommuha dejjem sabiħa u ma nħammġuha qatt bid-dnub, bis-suppervja, billi niġġieldu jew billi ma nobdux. U jekk xi darba nħammġuha, nitolbu lil Ġesù biex jaħfrilna ħalli l-libsa tal-Magħmudija terġa' tiġi nadifa u sabiħa.

Ix-xemgħa - meta għamilna l-Magħmudija, xi ħadd mill-ġenituri tagħna kellu xemgħa żgħira li xegħelha mix-xemgħa l-kbira, li hi l-blandun tal-Għid li hu Ġesù. Din ix-xemgħa l-ġenituri tagħna ħaduha magħhom id-dar u żammewha għandhom. In-nar tax-xemgħa jagħti d-dawl. Kemm hu sabiħ id-dawl. Fid-dawl naraw x'hemm madwarna u ma nibżgħux. Kemm niddejqu meta xi darba ma jkollniex dawl! Id-dawl joħloq ukoll ambjent ta' ferħ u ta' festa. Meta jiġi l-Milied jew il-festa tal-parroċċa, nixegħlu ħafna dawl fit-toroq, fid-djar u fil-knisja għax dan id-dawl iġibilna ħafna ferħ. Ġesù hu d-dawl tagħna. Jekk inkunu ħbieb tiegħu u nitkellmu miegħu ta' spiss waqt it-talb, hu jġibilna ħafna ferħ. Anke meta nagħmlu dak li jgħidilna Ġesù jkollna l-ferħ għax Ġesù jġibilna d-dawl tiegħu.

Hawnhekk, il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jitolbu:
"O Ġesù agħmel li d-dawl tiegħek li ħadna fil-Magħmudija, jibqa' jixgħel dejjem f'qalbna. Agħmel li dan id-dawl inwassluh ukoll lil dawk ta' madwarna."

L-ilma - Kemm hu sabiħ l-ilma! Meta tagħmel ix-xita l-pjanti jieħdu l-ħajja u l-għelieqi jidhru sbieħ u kollhom kuluri. Aħna nużaw l-ilma fl-ikel u x-xorb għax l-ilma jżommna b'saħħitna u mingħajr ilma mmutu. Fil-Magħmudija l-qassis jitfa' l-ilma fuq rasna waqt li jagħmel is-sinjal tas-salib. L-ilma jagħtina ħajja ġdida bħala aħwa ta' Ġesù u wlied il-Missier. L-ilma wkoll nużawh biex innaddfu l-affarijiet maħmuġa u biex ninħaslu bih. Kemm inħossuna tajjeb meta ninħaslu bl-ilma ċar u nilbsu ħwejjeġ nodfa! L-ilma tal-Magħmudija jnaddafna mid-dnub u jagħtina ħajja ġdida.

## L-Attività

Bħala attività l-parteċipanti jistgħu jsibu stampi differenti (importanti li l-katekist javża lill-parteċipanti jġibu l-istampi magħhom, kif ukoll jaħseb li jsib xi ftit hu wkoll) li juru l-ilma, iż-żejt, id-dawl u l-ilbies u fl-ispazju pprovdut fi Il-Ktieb tal-Attivitajiet. Bl-għajnuna tal-katekist jiktbu: Il-libsa bajda, iż-żejt, l-ilma u d-dawl juruna li fil-magħmudija aħna sirna t-tfal ta' Alla.

Il-laqgħa tintemm b'talba spontanja.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# L-effetti tal-Magħmudija

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Il-laqgħa tibda b'logħba fejn il-parteċipanti jiffurmaw ċirku u l-katekist joqgħod fin-nofs taċ-ċirku. Il-katekist jibda jwaddab il-ballun lill-parteċipanti, mhux wara xulxin. Min ma jkunx attent u ma jaqbadx il-ballun, joqgħod għarkubbtejh. Meta l-katekist jerġa' jwaddablu l-ballun u jaqbdu, dan jerġa' jqum bilwieqfa. Il-katekist jispjega li dak li qiegħed fin-nofs jixbah lil Ġesù. Ġesù jagħmilna ċirku wieħed, familja waħda. Xi kultant aħna ma nibqgħux membri tajbin ta' dan iċ-ċirku, ta' din il-familja u għalhekk ma nkunux ferħanin. Ikollna ninżlu għarkubbtejna u anqas l-oħrajn ma jieħdu gost jarawna għarkupptejna. Għalhekk, Ġesù jerġa' jiġi għandna, jagħtina l-maħfra u jgħinna nerġgħu nqumu u nerġgħu nsiru parti miċ-ċirku, mill-familja.



## Il-Kontenut

Ġesù qal lill-appostli: "Morru fid-dinja kollha, għallmu l-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu." Fil-Magħmudija neħilsu mid-dnub, insiru membri tal-familja t'Alla u aħwa ta' Ġesù. Hawnhekk, permezz ta' stampi l-katekist ifisser aktar dak li għadna kif għedna. Fil-Magħmudija:

**neħilsu mid-dnub** – Il-Magħmudija tnaddafnandaf mid-dnub. Meta nikbru, id-dnub jerġa' jħammeġ il-qalb tagħna. X'irridu nagħmlu meta jiġri dan? Ngħidu sorry lil min jweġġagħna u lil Ġesù. Hu jaħfrilna u aħna nippruvaw nobdu aktar - lilu u lil dawk li qegħdin minfloku biex qalbna tibqa' mnaddfa mid-dnub.

**insiru familja** – Fil-Magħmudija jiena nsir membru mill-familja t'Alla li hi l-Knisja. Jiena nġib ruħi ta' membru ta' din il-familja meta nħobb u ngħin lil kulħadd u meta nieħu sehem mal-membri l-oħra fil-quddiesa u fl-attivitajiet tal-knisja li hi l-familja tiegħi.

**aħwa ta' Ġesù** – Fil-Magħmudjia jien insir ukoll oħt jew ħu Ġesù. Jien inġib ruħi ta' ħu Ġesù meta nkellmu sikwit fil-talb, fil-quddiesa u waqt it-tqarbin, billi naħseb fih ta' spiss u ngħix viċin tiegħu.

## L-Attività

Bħala attività ssir it-tisliba li hemm fi Il-Ktieb tal-Attivitajiet.

Il-laqgħa tintemm b'talba.

# 4.3 “Dan hu Ibni l-Għażiż...”

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**

Il-parteċipanti jsiru jafu l-familja ta' Ġwanni l-Battista u x'għamel Alla mal-membri tal-familja tiegħu. Huwa Alla li jisma' t-talb tagħna u jagħtina dak kollu li huwa meħtieġ. Il-parteċipanti jitkellmu dwar dan l-episodju tal-Magħmudija ta' Ġesù u jaraw x'ifisser għalina: "Dan hu Ibni l-Għażiż li fih insib l-għaxqa tiegħi." Allura, il-parteċipanti jaslu sabiex jifhmu li biex huma jgħixu l-Magħmudija tagħhom, huma jridu jagħmlu bħal Ġesù li obda lil Missieru, u allura Alla jsib l-għaxqa tiegħu fihom.

**L-GĦAN**

Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- li Alla għamel ħwejjeġ kbar mal-membri tal-familja ta' Ġwanni l-Battista.
- li Alla li jisma' t-talb tagħna u jagħtina dak kollu li huwa meħtieġ u bżonn.
- li fil-Magħmudija ta' Ġesù, Alla nstema' jgħid: "Dan hu Ibni l-Għażiż li fih insib l-għaxqa tiegħi."
- li biex huma jgħixu l-Magħmudija tagħhom, huma jridu jagħmlu bħal Ġesù li obda lil Missieru, u allura Alla jsib l-għaxqa tiegħu fihom.

*"U ġara li f'dawk il-jiem ġie Ġesù minn Nazaret tal-Galilija, u tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan. U minnufih hu u tiela' mill-ilma ra s-smewwiet jinfetħu, u l-Ispirtu bħal ħamiema nieżel fuqu; u mis-smewwiet instama' leħen: "Inti ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi".*

Mk 1: 9-11

**Il-MESSAĠĠ**

F'din it-tielet laqgħa l-importanza ser tkun fuq il-Magħmudija ta' Ġesù. Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista fix-Xmara Ġordan. Hu ma kellux bżonn jitgħammed. Hu m'għamel xejn ħażin, lanqas qatt m'għamel dnubiet. Ġesù, meta tgħammed kien qed jurina li huwa importanti li nitgħammdu. "Il-Mulej minn rajh ried joqgħod għall-Magħmudija ta' Ġwanni, Magħmudija li kienet għall-midinbin, biex itemm is-sewwa kollu" (Mt 3,15).

Dan il-ġest ta' Ġesù hu dehra ta' verità li hu "xejjen lilu nnifsu" (Fil 2,7). L-Ispirtu li kien jinfirex fuq l-ilmijiet fl-ewwel ħolqien, issa jinżel fuq Kristu, bħala l-preludju tal-ħolqien ġdid, u l-Missier juri lil Ġesù bħala "Ibnu l-Maħbub" (Mt 3,16-17) (Minn Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1224).

Fil-Magħmudija, bħal Ġesù, jiġi fina Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu s-Santu (it-Trinità

Qaddisa). Lil Ġesù ma nħafrulux d-dnubiet għax hu qatt ma għamel xejn ħażin, imma qed jurina li lilna, bil-Magħmudija, jinħafrulna d-dnubiet tagħna u fuq kollox insiru parti mill-familja ta' Ġesù – il-Knisja. Barra minn hekk, aħna nirċievu l-Magħmudija biex nagħmlu bħal Ġesù, li hu ħuna l-kbir.

Il-leħen li nstema' mis-sema kien ta' Alla l-Missier u fil-frażi: "Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi'' naraw l-ubbidjenza li kellu Ġesù lejn Missieru tas-sema.

Importanti li l-parteċipanti jsiru midħla ta' din il-ġrajja. Għalhekk, tajjeb li jkunu jafu dawn il-punti li ġejjin:

- Ġwanni l-Battista hu iben Żakkarija (qassis Lhudi fit-tempju) u Eliżabetta
- Ġwanni kien profeta. Kien jipprepara t-triq għal Ġesù, jiġifieri jipprepara lin-nies għall-miġja ta' Ġesù billi jgħallem fuq l-imħabba t'Alla u jgħidilhom jgħixu tajjeb ma' xulxin u jwassal lin-nies biex isiru aħjar
- l-isem Ġwanni jfisser li Alla hu ħniena għaliex hu kien qed iwassal il-ħniena t'Alla lin-nies u jgħinhom
- Ġwanni kien jgħid lin-nies biex jitnaddfu mid-dnub billi jirċievu l-Magħmudija, billi jinżlu fix-xmara u hu jgħammidhom
- Ġesù tgħammed minn Ġwanni fix-Xmara Ġordan
- waqt li Ġwanni kien qiegħed jgħammed lil Ġesù, mis-sħaba nstema' leħen u dehret ukoll ħamiema, li qagħdet fuq Ġesù. Il-leħen t'Alla l-Missier qal: "Dan hu Ibni l-Għażiż, li jien nitgħaxxaq bih".

Aħna, bħal Ġesù, irċevejna l-Magħmudija u meta rċevejna l-Magħmudija wrejna lid-dinja li bħalma Ġesù qam mill-mewt bil-glorja t'Alla l-Missier, aħna wkoll irridu ngħixu ħajja ġdida fih. L-għalliem irid jgħin lill-parteċipanti jirrealizzaw li aħna, li rċevejna l-Magħmudija, irridu nuru lil kulħadd li aħna aħwa ta' Ġesù. Biex nagħmlu dan għandna nħobbu lil xulxin, ngħinu lil xulxin, nirrispettaw lil xulxin, u fuq kollox naħfru lil xulxin.

U għalhekk, meta naqgħu fin-nasba tad-dnub m'għandniex naqtgħu qalbna, anzi, għandna nitolbu lil Alla jaħfrilna fil-qrar u nippruvaw nagħmlu tajjeb dak li nkunu għamilna ħażin. Qatt ma għandna naqtgħu qalbna mill-ħniena ta' Alla għax il-ħniena tiegħu hija bla tarf. Hu dejjem lest li jaċċettana lura, basta jiddispjaċina u nindmu minn dnubietna.

---

> Kulma tħabbar minn qabel fi żmien il-Patt il-Qadim seħħ fi Kristu Ġesù. Beda l-ħajja pubblika tiegħu, wara li tgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan, u wara l-Qawmien tiegħu mill-imwiet Ġesù ta din il-missjoni lill-Appostli: "Morru, mela, għamlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien (Mt 28,19-20; ara Mk 16, 15-16)."
>
> Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1223

**REFERENZI**
Mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1212-1321

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
O Alla ħanin u ta' qalb tajba, għinna nimxu fuq l-eżempju ta' Ibnek Ġesù. Għinna nħobbu lil xulxin, għinna ngħinu lil xulxin, għinna nirrispettaw lil xulxin, u fuq kollox għinna naħfru lil xulxin. Tħalliniex niġġarrfu u naqgħu fid-dnub. Kun int il-gwida tagħna, gwida li tmexxina fit-triq it-tajba li twassalna għandek. Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Stampa ta' Żakkarija
- Stampa ta' Eliżabetta
- Stampa ta' Ġwanni
- Stampa tat-tempju
- Stampa tad-deżert
- Stampa ta' Ġesù qed jitgħammed bil-kliem jidher x'qal Alla lil Ġesù: "Dan hu ibni l-għażiż li bih nitgħaxxaq".
- Stampa tat-twelid ta' Ġesù
- Stampa ta' Ġesù ppreżentat fit-tempju
- Stampa ta' Ġesù jintilef fit-tempju
- Stampa ta' Ġesù jitgħammed
- Kaxxa b'boxla ġo fiha
- Jigsaw puzzle (Riżorsi)
- Kolla

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Ġesù jitgħammed minn Ġwanni l-Battista

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira b'relazzjoni mal-laqgħa tal-lum.*

**ICEBREAKER**

Il-katekist jaħbi kaxxa b'boxxla ġo fiha. Il-katekist jagħti numru ta' karti bi *clues* differenti lill-parteċipanti imma *clue* waħda biss tkun tajba għall-boxxla. Min isib il-kaxxa bil-boxxla, fiha jsib *clue* ieħor biex twassal għal ftit ħelu. Il-katekist jgħid li min isib il-boxxla biss seta' jasal għall-ħelu għax permezz tal-boxxla biss jista' jkollna d-direzzjoni. Illum ser niltaqgħu ma' persuna li bl-għajnuna tagħha sirna nafu min hu Ġesù.



# Il-Kontenut

Bħala bidu għal din il-laqgħa l-katekist jippreżenta stampa ta' Żakkarija u oħra ta' Eliżabetta u jistaqsi lill-parteċipanti min huma. X'aktarx li l-parteċipanti ma jaqtgħux mill-ewwel. Allura, il-katekist jgħid jew jikteb li dawn huma Żakkarija u Eliżabetta. Il-katekist ikompli jgħid li lil dawn il-personaġġi nsibuhom fil-Bibbja. Il-katekist jistaqsi minn huma, jew jekk ifakkruhomx f'xi ħadd. Il-katekist iħalli spazju biex il-parteċipanti jgħidu tagħhom.

Wara dan, il-katekist jippreżenta lil Żakkarija u lil Eliżabetta fejn, jekk il-parteċipanti jkunu qalu xi ħaġa fuqhom, hu jibni fuq dak li qalu. Il-katekist jgħid li Żakkarija u Eliżabetta kienu Lhud, u li kienu jħobbu lil Alla. Żakkarija kien ir-raġel ta' Eliżabetta. Żakkarija kien ukoll qassis Lhudi fit-tempju (il-post fejn kienu jiltaqgħu l-Lhud biex jitolbu). Hawn, il-katekist jippreżenta stampa ta' tempju. Darba minnhom, meta Żakkarija kien fit-tempju, deherlu anġlu. Beża' xi ftit, imma l-anġlu qallu biex ma jibżax għax it-talba tiegħu u tal-mara tiegħu nstema. Hawn, il-katekist jistaqsi: X'kienu qed jitolbu Eliżabetta u Żakkarija? Kienu qed jitolbu li jkollhom l-ulied. Għalhekk l-anġlu qallu li l-mara tiegħu, Eliżabetta, kien se jkollha tifel u biex isemmih Ġwanni li jfisser Alla huwa ħniena.

Żakkarija, għall-ewwel m'emminx għax issa l-mara tiegħu kienet xiħa u għalhekk ma setax ikollha tfal. Allura, l-anġlu qal lil Żakkarija li talli m'emminx mill-ewwel u biex jurih li dak li kien qed jgħidlu hu veru, Żakkarija kien se jispiċċa mutu, ma jitkellimx u dan sakemm jitwieled it-tifel. Infatti Żakkarija ma baqax mutu, beda jitkellem kif ġew biex jagħtu isem lit-tarbija. Ġwanni kiber (il-katekist jippreżenta stampa ta' Ġwanni lill-parteċipanti), u beda jgħallem. Ġwanni ma kienx jgħix ġo xi belt, jew ġo xi dar kbira u sabiħa. Ġwanni kien jgħix fid-deżert, (il-katekist jippreżenta stampa ta' deżert), jiekol il-ġurati bl-għasel u kien jilbes ilbies tal-ġlud. Barra minn hekk, kien jgħallem il-penitenza; biex in-nies jitolbu maħfra lil Alla u jibdew jgħixu aħjar. Infatti, hu kien jgħid lin-nies biex ma jibqgħux jagħmlu l-ħażin, joborgħdu lil xulxin, jisirqu jew jiġġieldu. Ġwanni kien jgħid lin-nies biex jitnaddfu mid-dnub billi jirċievu l-Magħmudija, billi jinżlu fix-xmara u hu jgħammidhom.

Ġwanni kien jgħammed lil dawk li jduru lejn Alla, biex jgħixu aħjar, fix-Xmara Ġordan. Darba, Ġesù wkoll mar għand Ġwanni. Ġesù ma marx biex jibdel ħajtu, imma mar biex jitgħammed. (il-katekist jippreżenta stampa ta' Ġesù jitgħammed). Għall-ewwel, Ġwanni ma riedx jgħammed lil Ġesù, għax Ġwanni kien jaf min hu Ġesù. Ġwanni għammed lil Ġesù u kif għamel hekk fis-sema, mis-sħaba nstema' leħen u dehret ukoll ħamiema, li qagħdet fuq Ġesù. Il-Leħen t'Alla l-Missier qal: "Dan hu Ibni l-Għażiż, li jien nitgħaxxaq bih". Alla l-Missier ried jgħid: "Dan hu ibni l-għażiż u jien kuntent ħafna bih".

Wara dan, il-katekist jagħmel dawn il-mistoqsijiet u jara li l-parteċipanti jkunu fehmu t-tweġibiet jew dak li jfisser hu:-

- X'kien ix-xogħol ta' Ġwanni? ***Ġwanni kien jipprepara t-triq għal-Ġesù, jipprepara lin-nies għall-miġja ta' Ġesù.***
- Kif kien jagħmel dan? ***Billi jgħallem fuq l-imħabba t'Alla u biex jippruvaw jgħixu tajjeb ma' xulxin u jwassal lin-nies biex isiru aħjar.***
- X'inhu profeta? ***Dak li jwassal u jipprepara lin-nies biex jiltaqgħu ma' Ġesù.***

L-isem 'Ġwanni' jfisser li Alla hu ħniena. Hekk qallu l-anġlu lil Żakkarija.

- Taħsbu li dan l-isem kien joqgħodlu lil Ġwanni? Għaliex? ***Għax hu kien qed iwassal l-imħabba t'Alla lin-nies biex jgħixu aħjar.***
- Għaliex Ġwanni kien donnu qed jaħsibha biex jgħammed lil Ġesù? ***Għax hu kien jaf min hu Ġesù… li kien l-Iben t'Alla.***
- Għaliex taħsbu li Ġesù ried li Ġwanni jgħammdu? ***Għax ried juri lin-nies li dak li kien qed jagħmel Ġwanni kien tajjeb, kien qed jagħmel ir-rieda t'Alla.***
- X'ġara meta Ġesù tgħammed? Min tkellem? ***Deher l-Ispirtu s-Santu fuq Ġesù fil-forma ta' ħamiema u nstema' leħen Alla.***

Il-katekist ifisser: Ġesù ma kellux bżonn jitgħammed, hu m'għamel xejn ħażin, lanqas qatt m'għamel dnubiet. Ġesù meta tgħammed kien qed jurina li hija importanti li nitgħammdu. Fil-Magħmudija, jiġi fina Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu s-Santu (it-Trinità Qaddisa). Lil Ġesù ma nħafrulux d-dnubiet għax hu qatt ma għamel xejn ħażin, imma qed jurina li lilna bil-Magħmudija jinħafrulna d-dnubiet tagħna u fuq kollox insiru parti mill-familja ta' Ġesù – il-Knisja. Barra minn hekk, aħna nirċievu l-Magħmudija biex nagħmlu bħal Ġesù, li hu ħuna l-kbir. Għalhekk, huwa tajjeb li nitkellmu ma' Alla, ngħidulu Grazzi għal dak kollu li tana, talli ħafrilna d-dnubiet u fuq kollox talli jħobbna.

## L-Attività

Il-parteċipanti jimlew fuq Il-Ktieb tal-Attivitajiet:
**Ikteb jekk hux veru jew falz**
Ġwanni kellu ħafna ħutu - falz
Ommu kien jisimha Eliżabetta - veru
L-anġlu kellem lil Żakkarija meta kien fit-tempju - veru
Ġwanni kien jgħix ġo palazz - falz
Ġesù għammed lil Ġwanni - falz
Meta tgħammed Ġesù, instema' leħen mis-sħaba - veru
Meta tgħammed Ġesù deher anġlu - falz
Bil-Magħmudija nsiru aħwa ta' xulxin - veru.

Fuq Il-Ktieb tal-Attivitajiet il-parteċipanti jsibu 10 differenzi.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Ngħixu l-Magħmudija tagħna!

*Il-laqgħa tibda b'talba spontanja.*

**ICEBREAKER**
Bħala bidu għal din il-laqgħa l-katekist jistieden lill-parteċipanti jpoġġu bilqiegħda f'ċirku, kemm jista' jkun f'pożizzjoni li jaraw lil xulxin. Il-katekist jitlob lil kull parteċipant, wieħed wieħed u jgħid x'għamel tajjeb/sabiħ matul il-ġurnata. Jista' jqum bilwieqfa waqt li qed jagħmel dan. Biex nagħtu eżempju, obda lill-ġenituri, għamel il-'homework' kollu jew ħalla lil min jilgħab miegħu jew ħafer lil xi ħadd, jew għen, u eżempji simili. Għal kull stqarrija, il-katekist iċapċap u jistieden lil sħabu l-parteċipanti l-oħra biex iċapċpu. Wara dan, il-katekist jibni diskussjoni jew jistaqsi għaliex inċapċpu lil xi ħadd.

Jistaqsi:
Meta mdejqin bih jew meta għamel xi ħaġa sabiħa u kuntenti ħafna bih?

Ovvjament il-parteċipanti se jgħidu li meta nċapċpu jiġifieri li aħna kuntenti bil-persuna. Anzi nkunu qegħdin ngħidulu: "Ibqa' sejjer hekk!"

Wara dan, il-katekist jistaqsi wkoll lill-parteċipanti kif ħassewhom meta kienu qed iċapċpu għalihom – ferħana, kuntenti, ħadu gost eċċ.

# Il-Kontenut

Il-katekist ikompli billi jippreżenta stampa tal-Magħmudija ta' Ġesù biex ifakkar u jgħaqqad dak li sar fil-laqgħa ta' qabel. Jistaqsi mistoqsiet bħal:- - Min hu dak li qed jgħammed?
Min hu dak li qed jiġi mgħammed?
Ġwanni għaliex ma riedx jgħammed lil Ġesù?
X'ġara meta tgħammed Ġesù?
Minn tkellem mis-sħaba u x'qal?
Il-katekist jirreferi għall-istampa – u jgħid li Ġesù huwa t-tifel ta' Alla u Alla hu kuntent ħafna bih.

Imbagħad, il-katekist jagħmel il-mistoqsija li dwarha hi l-laqgħa u jgħid: Taħsbu li Alla, kien kuntent b'Ġesù, bħalma wara kollox konna aħna b'xulxin u allura ċapċapna lil xulxin?
Il-katekist jista' jgħid li Alla seta' ċapċap lil Ġesù għax Hu kuntent ħafna b' Ġesù.

Jistaqsi: Għaliex taħsbu li Alla kien kuntent b' Ġesù . . . bit-tifel tiegħu? Wara li l-parteċipanti jitħallew jgħidu tagħhom, il-katekisti jikkonkludi li Alla hu kuntent b' Ġesù għaliex fil-Bibbja nsibu li Ġesù kien 'jikber fil-għerf u fl-imħabba, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin'. Il-katekist ikompli jgħid li huwa fatt li kulħadd ikun kuntent meta jara lil dawk li jħobb jikbru mhux biss fit-tul imma wkoll isiru aktar bravi, iħobbu aktar lin-nies; jarawhom jgħinu lil kulħadd u fuq kollox jobdu dak kollu li jgħidulhom.

Il-katekist imbagħad jistaqsi: Intom dejjem tobdu lil dawk li jridulkom il-ġid? Hawnhekk anke jekk il-parteċipanti jwieġbu 'iva', il-katekist juri li mhux dejjem aħna nobdu, ġieli m'obdejniex jew għamilna bil-kontra ta' dak li jgħidulna. Il-katekist, imbagħad, ikompli jgħid li Ġesù dejjem għamel dak li ried Missieru tas-sema. Infatti, Ġesù stess jgħidilna li hu ġie mis-sema biex jagħmel dak li jrid 'dak li bagħatni' (Ġw. 6, 38). Il-katekist ikompli li dan kollu mmarka l-bidu tal-missjoni ta' Ġesù fuq l-art. Infatti, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'jafu dwar il-ħajja ta' Ġesù qabel il-Magħmudija tiegħu u l-katekist juri wkoll stampi amalgamati, jiġifieri, it-twelid ta' Ġesù, Ġesù jiġi ppreżentat fit-tempju u Ġesù jintilef fit-tempju – fejn joħroġ il-fatt li f'dawn iċ-ċirkostanzi Ġesù kien għadu żgħir; kien biss wara l-Magħmudija tiegħu li lil Ġesù narawh jagħmel il-mirakli, jgħallem u ħafna nies kienu jemmnu fih u jimxu warajh – jibda l-missjoni li Alla bagħtu fid-dinja biex jagħmel.

Hawnhekk il-katekist, waqt li jirreferi għall-istampa tal-Magħmudija ta' Ġesù, jgħaqqad u juri stampa tal-Magħmudija tagħna u jgħid li aħna, bħal Ġesù rċevejna l-Magħmudija u meta rċevejna l-Magħmudija konna qed nuru lid-dinja li bħalma Ġesù qam mill-mewt bil-glorja t'Alla l-Missier, aħna wkoll irridu ngħixu ħajja ġdida fih. Mela aħna, ikompli l-katekist, li rċevejna l-Magħmudija, irridu nuru lil kulħadd li aħna aħwa ta' Ġesù, billi nixbhuh. Il-katekist jistaqsi: Aħna kif nuru li nixbhu lil Ġesù? Iħalli lill-parteċipanti jwieġbu: Nagħmlu dak li jixtieqna nagħmlu Ġesù u b'hekk Alla jkun kuntent bina. U x'jixtieqna nagħmlu? Inħobbu, ngħinu, nobdu, nħallu lil kulħadd jilgħab magħna... Il-katekist iħalli lill-parteċipanti jgħidu tagħhom.

Il-katekist jagħlaq din il-laqgħa billi jgħid lill-parteċipanti u jfakkarhom li aħna, għalkemm nafu x'jixtieq Ġesù minna, biex nixbhuh, mhux dejjem nagħmlu dak li jixtieq minna u għalhekk, Alla mhux dejjem jitgħaxxaq/jieħu ġost bina. Żgur mhux forsi, li jieħu gost bina meta jarana qed nippruvaw nimxu wara Ġesù. Mela aħna, kull darba li nagħmlu żball ma naqtgħux qalbna. Anzi, nitolbu lil Alla jaħfrilna fil-qrar u nippruvaw nagħmlu tajjeb dak li nkunu għamilna ħażin. U nibqgħu nippruvaw sakemm jirnexxilna.

# L-Attività

Għal din l-attività l-katekist jista' jqassam lill-parteċipanti fi gruppi. Il-katekist jagħti l-karta tal-jigsaw puzzle mhux kompluta lil kull grupp u jagħtihom ukoll it-tliet partijiet tal-jigsaw puzzle li jridu jitwaħħlu f'posthom (ara Riżorsi). Wara li jwaħħlu l-biċċiet f'posthom jagħtu l-kulur lill-istampa sħiħa.

Fl-aħħar tal-laqgħa l-parteċipant jikteb ismu fil-vojt ipprovdut fil-Ktieb tal-Attivitajiet.

(ISEM)________________ huwa ibni l-għażiż li bih nitgħaxxaq!

Il-laqgħa tagħlaq b'talba.

# 4.4 Ċelebrazzjoni: Aħna t-Tfal tas-Saltna ta' Alla

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Fl-aħħar ta' din l-unità, il-parteċipanti jagħrfu li l-Magħmudija mhux biss hija Sagrament li rċevejnieh meta konna żgħar u daqsekk, imma li ta' kuljum huma jgħixu dan is-sagrament. Il-kontenut ta' dawn il-laqgħat huwa ċelebrattiv fejn il-parteċipanti jassimilaw tajjeb il-bżonn li ngħixu dan is-Sagrament fil-ħajja ta' kuljum billi jgħixu il-wegħdiet li saru meta kienu żgħar. Fl-aħħar tal-laqgħat issir ċelebrazzjoni tal-wegħdiet tal-Magħmudija.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- li l-Magħmudija hija Sagrament li rċevewh meta kienu żgħar u li ta' kuljum huma jgħixu dan is-Sagrament
- li hu meħtieġ li jgħixu dan is-Sagrament fil-ħajja ta' kuljum billi jkunu fidili lejn il-wegħdiet li meta kienu żgħar għamlu.
- Li jġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija.

---

*" U Ġwanni xehed għalih u qal: "Jiena rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħamiema u joqgħod fuqu. Tabilħaqq, anqas jien ma kont nafu; imma dak li bagħatni ngħammed bl-ilma, hu stess qalli, 'Fuq min tara l-Ispirtu jinżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu.' Dan rajtu b'għajnejja, u għalhekk xhedt, 'Dan hu l-Iben ta' Alla.' "*

Ġw 1, 32-34

**Il-MESSAĠĠ**
Din l-aħħar laqgħa ta' din l-unità ser tkun tissejjaħ Ċelebrazzjoni: Aħna t-Tfal tas-Saltna ta' Alla. Din il-laqgħa ser tkun differenti minn dawk ta'qabilha għaliex kif jixhed isimha stess ser tkun f'għamla ta' ċelebrazzjoni, ċelebrazzjoni li fiha l-parteċipanti ser ikollhom ġabra tal-unità kollha.

Ser issir ċelebrazzjoni tixbah lil dik tal-Magħmudija. Il-katekist għandu jagħmilha ċara lill-parteċipanti li din mhix Magħmudija ta' veru, imma ser issir sabiex tgħinhom jifhmu ftit u jkollhom idea ta' x'ġara meta kienu żgħar, meta l-ġenituri u l-parrinijiet tagħhom ħaduhom il-knisja għall-Magħmudija. Il-katekist għandu jara li jintlaħaq dan l-għan importanti. Din l-attività ser tkun il-parti prinċipali ta' din il-laqgħa.

Tajjeb li waqt iċ-ċelebrazzjoni jinħoloq ambjent ta' ġabra u ta' talb u li l-parteċipanti jkollhom idea tal-wegħdiet tal-Magħmudja. Il-katekist għandu jgħinhom jassimilaw tajjeb il-bżonn li jgħixu dan is-Sagrament fil-ħajja ta' kuljum billi jgħixu il-wegħdiet li saru. Barra minn hekk, tajjeb ukoll li jagħrfu li l-Magħmudija mhux biss hija sagrament li rċevewh meta kienu żgħar u daqshekk, imma li ta' kuljum huma għandhom jgħixu dan is-Sagrament.

"Wara l-Magħmudija, il-fidi trid tikber fl-imgħammdin kollha, kemm kbar u kemm trabi. Hu għalhekk li kull sena l-Knisja, fil-lejl qaddis tal-Għid, tiċċelebra t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija. It-tħejjija għall-Magħmudija twassal biss sal-għatba tal-ħajja ġdida. Il-Magħmudija hi l-għajn tal-ħajja ġdida fi Kristu, li minnha tfawwar il-ħajja Nisranija kollha." (Minn Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1254).

Il-Magħmudija hi twelid għall-ħajja ġdida fi Kristu. Hi meħtieġa għas-salvazzjoni, kif hi meħtieġa l-Knisja li fiha wieħed jidħol permezz tal-Magħmudija, għax din hi r-rieda tal-Mulej.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1277

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1212-1321

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Missier ħanin, għinna napprezzaw id-don tas-Sagrament tal-Magħmudija li int għoġbok tagħtina. Għinna ngħixu dan is-Sagrament fil-ħajja ta' kuljum billi ngħixu l-wegħdiet li għamlu l-ġenituri. Għinna wkoll nagħrfu li l-Magħmudija mhix biss Sagrament li rċevejna meta konna żgħar imma li ta' kuljum rridu ngħixuha miegħek u mal-oħrajn. Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna. Ammen.

# Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Kartonċin
- kuluri
- glitters jew xi affarijiet oħra biex iżejjen
- marker
- imqass bla ponta
- kolla
- spaga
- friskatur
- buqar bl-ilma
- xugaman
- Bibbja
- xemgħa
- mużika
- gallettini jew xi ftit ħelu ieħor
- pupi
- Diska – Aħna t-tfal tas-Saltna ta' Alla (Riżorsi)

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Ċelebrazzjoni: Aħna t-Tfal tas-Saltna ta' Alla

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

## Icebreaker

Il-katekist jibda l-laqgħa billi jistaqsi lill-parteċipanti:
"Tixtiequ nitgħallmu Diska: sabiħa?"
Ikompli: "Illum se nitgħallmu Diska: jisimha, Aħna t-tfal tas-Saltna t'Alla. Din is-Diska: tgħidilna li aħna lkoll it-tfal t'Alla u li aħna nixtiequ nħobbu ħafna lil Missierna tas-sema għax Hu jħobbna ħafna wkoll."

Il-katekist jibda jsemma strofa waħda minn din is-Diska: u t-tfal jirrepetuha. Dan se jagħmluh bi preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni li se ssir fil-laqgħa ta' wara. Dan għandu jieħu madwar għaxar minuti mil-laqgħa.



## Il-Kontenut

Il-katekist juri l-album tar-ritratti lit-tfal. Jekk ir-ritratti jkunu tiegħu jew ta' xi tfal li jiġu minnu, jitkellem ftit dwar dawn ir-ritratti. Jista' jgħid: "Dawn ir-ritratti huma importanti ħafna għalija. Dan huwa album tar-ritratti ta' meta jien (jew in-neputi eċċ.) kont tarbija. Bħalma qed taraw, dawn ir-ritratti juru li dan it-tifel kien għadu kemm twieled, kien għadu baby."

Il-katekist jista' jaħseb minn qabel u jgħid lill-parteċipanti jġibu l-album tagħhom stess meta kienu trabi.
"Dan ir-ritratt ittieħed meta dan it-tifel kien għadu anqas kellu sena. Il-ġenituri tiegħu tant kienu ferħanin bih li bdew jaħsbu li dan kien l-isbaħ baby tad-dinja.
Dan mhux l-uniku album li għandhom dawn il-ġenituri ta' dan it-tifel. Huma għandhom ħafna albums oħrajn mimlija ritratti li ħadu lit-tifel tagħhom waqt li kien qed jikber. Mela, avolja dawn il-ġenituri kienu kburin ħafna b'dan it-tifel meta kien baby, huma ma riduhx li jibqa' baby ħajtu kollha. Kienu ferħanin bih meta kien baby, imma kienu wkoll ferħanin ħafna meta bdew jarawh jikber.

Jistaqsi:
"Intom qatt rajtu Magħmudija? Għandkom xi ħutkom żgħar jew kuġini u kontu preżenti għall-Magħmudija tagħhom?"
"Il-magħmudija hija bħar-ritratt tal-baby. Meta baby jitgħammed ikun għadu wkoll baby fil-familja t'Alla. Naħseb li Alla jħares lejn dan il-baby li għadu kemm daħal fil-familja tiegħu u jkun kburi ħafna bih, l-istess bħalma ħassu kburi ħafna fil-Magħmudija ta' Ġesù."

Hawnhekk, il-katekist ifakkar ftit fl-istorja tal-Magħmudija ta' Ġesù li tkun saret qabel f'laqgħa oħra. Meta Ġesù ħareġ mill-ilma, Alla qal, 'Dan hu Ibni l-maħbub li fih insib l-għaxqa tiegħi.' Alla jħossu kburi ħafna ħafna bina bħala wliedu. Il-katekist ifakkar lill-parteċipanti fil-laqgħat ta' din l-unità u jistieden lill-partċipanti jirrakkuntaw dak li jiftakru.

## L-Attività

Bħala attività, il-parteċipanti jagħmlu 'name tag' bil-forma tal-ilma li jfakkarhom fil-Magħmudija u fuqha jiktbu l-kliem, 'Mulej għinna nikbru dejjem aktar bħala wliedek'. Il-katekist jagħti forma tal-ilma li hemm fir-riżorsi lil kull tifel. Huma jwaħħluha fuq biċċa kartonċina u wara jqasqsu madwarha. Fuqha jiktbu isimhom kbir u li jidher. Fuq in-naħa ta' wara jiktbu t-talba li jkun kiteb il-katekist fuq il-board. It-talba għandha tiġi ppreparata mill-katekist qabel il-laqgħa. Wara jpenġuha u jżejnuha kif jixtiequ huma. Il-katekist jista' jagħmel toqba bil-puncher ħalli din in-'name tag' tkun tista' titwaħħal fil-klassi ma' xi board b'biċċa spaga.

Il-katekist jgħid lill-parteċipanti biex fil-laqgħa ta' wara jġibu pupu jew pupa li hi favorita tagħhom u jagħżlu isem li jixtiequ jagħtuh.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Ċelebrazzjoni: Aħna t-Tfal tas-Saltna ta' Alla

Qabel il-laqgħa, il-katekist iħejji l-klassi billi f'rokna apposta jesponi l-Kelma t'Alla, żewġ xemgħat, friskatur u buqar bl-ilma, xugaman u ftit mużika fl-isfond. Jista' jżejjen ukoll permezz ta' xi drapp li jkun poġġa taħt l-oġġetti li semmejna.

Importanti li huma u deħlin, il-parteċipanti jindunaw li llum se ssir xi ħaġa speċjali. Permezz ta' mużika fl-isfond ikun ġa nħoloq ambjent ta' ġabra u ta' talb.

Il-laqgħa tibda bil-kant mis-cd tar-riżorsi 'Aħna t-tfal tas-Saltna t'Alla'. Din is-Diska: ikunu tgħallmuha fil-laqgħa ta'qabel u għalhekk m'għandhomx isibu diffikultà.

Il-katekist jispjega li llum se nagħmlu ċelebrazzjoni tixbah lil dik tal-Magħmudija. Din mhix Magħmudija ta' veru, imma f'din il-laqgħa se nifhmu ftit x'ġara meta konna żgħar u l-ġenituri u l-parriniet ħaduna l-knisja għall-Magħmudija. Il-katekist jista' wkoll iħajjar lill-parteċipanti biex meta jmorru d-dar jitolbu lill-ġenituri juruhom ir-ritratti tal-Magħmudija tagħhom, jgħidulhom min kienu l-parriniet u jispjegawlhom ftit x'kien ġara dak inhar.

Il-ġenituri għamlu l-wegħdiet tal-Magħmudija minflokna. Huma għamlu wegħda lil Alla li se jħobbu lilu fuq kollox u li mhux se jisimgħu minn dak  li hu ħażin. Illum aħna kbirna xi ftit u għalhekk dawn il-wegħdiet, il-promises, nistgħu nagħmluhom aħna wkoll.

Il-wegħdiet tal-Magħmudja:
Hawn il-katekist jista' jgħid dawn il-wegħdiet u l-parteċipanti jwieġbu. Din tista' ssir darbtejn jew tlieta sakemm il-parteċipanti jkunu jafu x'se jgħidu, jifhmu dak li qed jgħidu u jkunu jistgħu jipparteċipaw. (ara Il-Ktieb tal-Attivitajiet)

**TIĠDID TAL-WEGĦDIET TAL-MAGĦMUDIJA**
Il-katekist jistaqsi: Temmnu intom f'Alla l-Missier li jista kollox li ħalaq is-sema u l-art?
Il-parteċipanti jwieġbu: Iva nemmnu.

Il-katekist jistaqsi: Temmnu f'Ġesù Kristu, Sidna, l-Iben Tiegħu Waħdieni, li twieled minn Marija Verġni, u bata u miet u difnuh, qam minn bejn l-imwiet u qiegħed fil-lemin tal-Missier?
Il-parteċipanti jwieġbu: Iva nemmnu.

Il-katekist jistaqsi: Temmen fl-Ispirtu s-Santu, il-Knisja Mqaddsa Kattolika, ix-xirka tal-qaddisin, il-maħfra tad-dnubiet, il-qawma tal-imwiet, u fil-ħajja ta' dejjem?
Il-parteċipanti jwieġbu: Iva nemmnu.

Il-katekist jgħid: U Alla li jista' kollox, Missier Sidna Ġesù Kristu, li nissilna mill-ġdid bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu u tana wkoll il-maħfra ta' dnubietna, iħarisna bil-grazzja tiegħu f'Ġesù Kristu għall-ħajja ta' dejjem.
Il-parteċipanti jwieġbu: Ammen.

Il-katekist jgħid: Din hija il-fidi tagħna, din hi l-fidi tal-Knisja, li aħna niftaħru li nistqarru, f'Ġesù Kristu Sidna.
Il-parteċipanti jwieġbu: Ammen.

Il-katekist ikompli:
"Wara l-wegħdiet, il-ġenituri, flimkien mal-parrinijiet ressquna lejn l-artal għall-Magħmudija. Is-saċerdot jgħid il-kliem, '... jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu'.
Illum se nagħmlu din iċ-ċeremonja żgħira, imma importanti ħafna b'mod simboliku."

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jżommu l-pupi f'idejhom u wieħed wieħed wara xulxin jersqu lejn ir-rokna armata apposta. Il-katekist jitfa' ftit ilma fuq ir-ras waqt li jgħid il-kliem tal-Magħmudija. Wara li jkunu kollha lesti, il-katekist jgħid lill-parteċipanti biex jagħtu ċapċipa lil dawn il-pupi. Il-katekist jgħid li din għamilnieha sabiex naraw eżatt kif ġara meta aħna konna żgħar u mhux veru li l-pupi saru membri tal-familja ta' Alla, imma biex jifhmu li meta kienu żgħar ħadd minnhom ma jiftakar il-Magħmudija tiegħu.

Wara dan isiru talb ta' grazzi u l-parteċipanti jwieġbu, Grazzi Mulej:
*Grazzi Mulej li permezz tal-Magħmudija aħna sirna parti mill-familja tiegħek.*
**Grazzi Mulej.**

*Grazzi Mulej li permezz tal-Magħmudija aħna sirna t-tfal tiegħek.* **Grazzi Mulej.**

*Grazzi Mulej li aħna nistgħu nikbru fil-familja tiegħek u nsiru nħobbuk aktar.* **Grazzi Mulej.**

*Grazzi Mulej li Inti tħobbna ħafna u tajtna min iħobbna u jgħallimna fuqek*. **Grazzi Mulej.**

*Grazzi Mulej li tajtna l-ġenituri li jħobbuna u li jressquna aktar lejk.* **Grazzi Mulej.**

*Grazzi Mulej li inti dejjem magħna u tieħu ħsiebna bħala Missierna.* **Grazzi Mulej.**

Il-katekist jgħid li waqt il-Magħmudija ntuża l-ilma li jnaddafna mid-dnub biex nistgħu nidħlu fil-familja t'Alla. In-'name tags' li għamilna fihom stampa tal-ilma biex ifakkarna fl-ilma tal-Magħmudija. Il-katekist iqassam dawn in-'name tags' li jkunu saru fil-laqgħa ta' qabel skont l-isem u l-parteċipanti jitilgħu wara xulxin biex iwaħħluhom mal-board waqt li jgħidu:
'Grazzi Mulej li permezz tal-Magħmudija jien sirt iben/bint speċjali tiegħek'.

Wara, terġa' titkanta s-Diska: 'Aħna t-tfal tas-Saltna t'Alla' waqt li l-katekist iqassam xi gallettini jew ħelu ieħor biex nifirħu flimkien li aħna sirna parti mill-familja t'Alla fil-Magħmudija.

Unità 5

# Alla jgħaqqadna miegħu lkoll

**Skop tal-unità**

Hawnhekk, il-parteċipanti jridu jifhmu li biex jgħixu bħal Ġesù jridu jgħixu l-Magħmudija tagħhom billi juru rispett u mħabba lejn kulħadd, anke lejn dawk li huma differenti minnhom, u anke minn dawk li għandhom opinjoni differenti minn tagħhom. Tiġi introdotta l-idea ta' diversità: razez, reliġjon, kulur, opinjoni. Jagħrfu li Ġesù ħabb u kien ħabib ma' kulħadd. Jifhmu li huma bnedmin li jonqsu u allura, nitbiegħdu minn xulxin u minn Alla. Alla tant iħobbna li jaħfrilna, bħalma naraw fil-parobbola tal-Iben il-Ħali. F'din l-unità, il-parteċipanti jaslu għall-fatt li s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jerġa' jgħaqqadna mill-ġdid m'Alla u ma' xulxin.

# 5.1 Alla jibagħtilna ħabib speċjali

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Permezz ta' stejjer mill-Vanġelu, il-parteċipanti jagħrfu li Ġesù kien ħabib ma' kulħadd. Il-parteċipanti jridu jifhmu li jridu jkunu ħbieb ta' xulxin, biex jimxu fuq il-mudell ta' kull Nisrani u jgħixu l-Magħmudija tagħhom.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li l-istejjer tal-Vanġelu jgħinuhom jaraw lil Ġesù bħala l-ħabib ta' kulħadd.
- Li biex ikunu veri Nsara u jgħixu l-Magħmudija tagħhom, huma jridu jkunu ħbieb ta' xulxin.

*"Morru, mela , agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien."*

Mt 28, 19-29

**Il-MESSAĠĠ**
Kulma tħabbar minn qabel fi żmien il-Patt il-Qadim, fi żmien Abraham u wara wkoll fi żmien Mosé u fi żmien il-profeti, seħħ fi Kristu Ġesù. Hu beda l-ħajja pubblika tiegħu wara litgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan u wara l-qawmien tiegħu mill-mewt Ġesù ta din il-missjoni lill-Appostli.

Il-Magħmudija tagħmilna nixbhu lil Kristu għax permezz tagħha, aħna sseħibna fil-ġisem tiegħu li hi l-Knisja.

Il-Magħmudija hi l-pedament tal-għaqda bejn l-Insara. Il-Magħmudija hija għalhekk ir-rabta sagramentali tal-imħabba li hemm bejn dawk kollha li twieldu mill-ġdid permezz ta' Kristu.

Ġesù għamel kmandament ġdid. Ġesù waqt li jħobb lil tiegħu 'għall-aħħar' wera l-imħabba li l-Missier kellu għalih. Id-dixxipli, huma u jħobbu lil xulxin, kienu qed jimitaw l-imħabba ta' Ġesù li rċevew mingħandu. 'Kif ħabbni l-Missier hekk ħabbejtkom jien. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi' (Ġw

15,9). Dan hu l-kmandament tiegħi li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien.' (Ġw 15, 12). 'Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi u tibqgħu f'imħabbti' (Ġw 15, 9-10).

Kristu miet għall-imħabba tagħna, meta konna għadna 'għedewwa' tiegħu. Il-Mulej iridna nħobbu bħalu anki l-għedewwa tagħna u nkunu proxxmu għal min hu l-aktar 'il bogħod minna u nħobbu t-tfal u l-foqra bħalma nħobbu lilu.

L-imħabba taf tistabar u tħenn;
l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx
biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn;
ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx
dak li hu tagħha,
xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni,
ma tifraħx bl-inġustizzja,
imma tifraħ bil-verità;
kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama,
kollox tissaporti.

1Kor 13, 4-7

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1822 -1825, 1223-1225

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Mulej Ġesù għinna ngħixu l-Magħmudija tagħna billi nfittxu li nimxu fuq il-passi tiegħek. Int ħabbejt lil kulħadd, anke lil dawk li kienu għedewwa tiegħek u ma ħallejt barra lil ħadd, la dawk li ma kinux Lhud u anqas lil dawk li kienu pagani. Għinna biex aħna wkoll ninkludu l-bnedmin kollha fl-imħabba tagħna minkejja l-kulur jew razza tagħhom. Agħmel li nfittxu dejjem li nħobbu l-proxxmu tagħna biex b'hekk inkunu nistgħu nsibu l-ferħ u l-vera paċi. Ammen.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Xi ħaġa tal-ikel li ma tantx togħġob lill-parteċipanti (bħall-ħaxix)
- Xi ħaġa tal-ikel li jħobbu l-parteċipanti ( xi snacks)
- Il-Ktieb tal-Attivitajiet.
- Lapsijiet
- Ballun
- Kuluri
- Projector
- Cd player jew Laptop
- Diska: Alla jħobbok lejl u nhar (Riżorsi)

**A. L-Ewwel Laqgħa**

# Ġesù l-ħabib ta' kulħadd!

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jgħidu talba qasira miegħu.

**ICEBREAKER**

F'żewġ kontenituri l-katekist ipoġġi tip ta' ikel li jħobbu l-parteċipanti u tip ieħor li ma tantx jiggustaw. Jekk ikun diffiċli għall-katekist li jkollu ikel reali, minflok juża stampi. Jistaqsi lill-parteċipanti liema ikel jogħġobhom u għaliex. Jekk qed juża ikel ta' veru jista' jħalli lill-parteċipanti jduqu liema jridu. Importanti li l-katekist ikun konxju minn xi allerġiji li jista' jkollhom il-parteċipanti. Jistaqsihom għalfejn għażlu l-ikel li għażlu u mhux ieħor. Iħalli lill-parteċipanti jidduskutu. Wara jgħid lill-parteċipanti: "Mela, int/intom tħobb/u dak l-ikel għax sustanzjuż u tajjeb għas-saħħa."

Wara, il-katekist jispjega li bħalma Alla tana tipi differenti ta' ikel, aħna lkoll persuni differenti. Bħall-ikel, hemm persuni li nħossuha diffiċli li nkunu ħbieb tagħhom, imma Ġesù huwa l-ħabib ta' kulħadd, ma jagħmel l-ebda distinzjoni u jgħidu x'jgħidu persuni oħra fuqu. Għalkemm aħna differenti, Ġesù jinkludi lil kulħadd!



# Il-Kontenut

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk jiftakrux x'jismu l-persuna mill-Bibbja li Alla għamel wegħda miegħu, li jkollu l-familja tiegħu kbira daqskemm hemm kwiekeb fis-sema.

**It-tweġiba trid tkun Abraham.**
Il-katekist jispjega lill-parteċipanti li Alla qal lil Abraham li permezz tat-tfal tiegħu l-poplu kollu fid-dinja ser ikun imbierek. Dan ifisser li Alla nqeda bil-familja ta' Abraham bħala parti mill-pjan tiegħu għad-dinja kollha.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk jiftakrux x'jisimha l-Art Imwiegħda.
It-tweġiba trid tkun Kangħan.

Ikompli jistaqsi allura x'kienu jissejħu n-nies li jgħixu f'Kangħan.
It-tweġiba hija Kangħanin.

Il-katekist jirrakkonta li l-Lhud ma kinux jitkellmu mal-Kagħanin. Dawn kienu għedewwa, u għalhekk kienu jagħtuhom laqmijiet. Ir-raġuni kienet li l-Art Imwiegħeda kienet ngħatat lill-familja ta' Abraham u mhux lilhom. Il-katekist jgħid lill-parteċipanti li fil-laqgħa tal-lum ser jitkellmu dwar meta Ġesù ltaqa' ma' waħda mara mill-Kangħanija. Il-katekist jistaqsihom x'jaħsbu li ser tkun ir-reazzjoni ta' Ġesù.

Il-katekist jaqsam il-parteċipanti fi gruppi skont in-numru li għandu. Jekk bħala numru qegħdin ftit jistgħu jaħdmu flimkien bħala grupp wieħed. Importanti li wieħed jaddatta skont l-ammont ta' tfal li għandu. Il-parteċipanti jiġu mistiedna jħarsu lejn l-istampi u l-kliem li hemm fi Il-Ktieb tal-Attivitajiet fuq din il-laqgħa. Hu jistieden lil kull grupp jiddiskuti flimkien l-ordni tal-istampi mar-rakkont tal-istampi. Perżempju jiktbu numru wieħed għall-istampa li jaħsbu li tiġi l-ewwel u numru wieħed fejn juri ir-rakkont.

Wara, il-katekist jispjega tajjeb is-silta (Mattew 15:21-28) skont l-istampi u r-rakkont li hemm fi Il-Ktieb tal-Attivitajiet. Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'tagħlima jieħdu minn din l-istorja. Jara għalfejn jaħsbu li Ġesù ħenn għal din il-mara. Importanti li l-katekist jagħmel referenza għal dak li ġara fl-icebreaker. Jiġbed l-attenzjoni għal dak li llum għamel Ġesù. Importanti li joħroġ il-punt li Ġesù huwa l-ħabib ta' kulħadd, ġie għal kulħadd, u jinkludi lil kulħadd!

# L-Attività

Il-katekist jikkonkludi b'logħba fejn l-għan hu sabiex wieħed juri u jfakkar li Ġesù jħobbna kollha, għalkemm aħna lkoll differenti xorta jibqa' l-fatt li Ġesù huwa ħabib ta' kulħadd.

Il-katekist flimkien mal-parteċipanti jiffurmaw ċirku. Hawnhekk, il-katekist irid juri li din il-logħba tgħinna sabiex ninkludu 'l kulħadd. Jagħżel parteċipant, li jgħid, "Ġesù huwa l-ħabib tiegħek", u jgħajjat isem, eżempju "Peter". Waqt li qed jgħid dan iwaddab il-ballun lil Peter. Peter idur dawra maċ-ċirku, jasal postu u jsejjaħ lil xi ħadd ieħor. Il-katekist iħeġġeġ lill-parteċipanti sabiex jinkludu lil kulħadd u sabiex jagħmluha b'aktar veloċità.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Inħobb lil kulħadd bħal Ġesù

*Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.*

**ICEBREAKER**

Tajjeb li fil-bidu tal-laqgħa l-katekist ifakkar ftit il-punti prinċipali tal-laqgħa ta' qabel. Importanti li jagħmel ftit reviżjoni għax din il-laqgħa tibni ħafna ma' ta' qabilha.

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jiftħu Il-Ktieb tal-Attivitajiet u jsibu mappa tad-dinja. Jistieden lill-parteċipanti jgħidu l-ismijiet tal-pajjiżi, u l-kontinenti. Wara, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk jafux xi ħadd mill-familja tagħhom li jgħix f'xi pajjiż barra minn Malta.

Wara, il-katekist jibda jsemmi l-pajjiżi u jistieden lill-parteċipanti jpinġu l-pajjiż u jiktbu l-lingwa li biha jitkellmu f'dak il-pajjiż. Jista' wkoll isemmi xi tip ta' ikel tradizzjonali. Biex nagħtu xi eżempju:
1. Ċina – Ċiniżi – Ċiniż – Ross,
2. Franza – Franċiżi – Franċiż – Croissants.

L-għan ta' din l-ice breaker huwa li l-parteċipanti jagħrfu li mhux biss f'Malta u fil-belt jew raħal tagħna jeżistu nies differenti imma fid-dinja kollha. Ġesù huwa l-ħabib ta' dawn ukoll, allura aħna rridu nagħmlu bħal Ġesù - inħobbu lil kulħadd b'mod speċjali lill-batut u lill-fqir.



## Il-Kontenut

Il-katekist jirrakkonta dawn il-punti lill-parteċipanti. Importanti li juża l-istejjer li għamlu mill-Bibbja f'unità 2 u 3 u jżid oħrajn mill-Evanġelju. Importanti li l-parteċipanti jitgħallmu li Ġesù huwa l-Iben ta' Alla, li jħobb lil kulħadd, b'mod speċjali lil dawk l-aktar li għandhom bżonn.

Punti importanti:

- Alla minn dejjem ħabb lil kull persuna.
- Alla jħobb persuni anzjani u persuni żgħar, persuni twal u persuni qosra.
- Hu jħobb lilek ukoll.
- Alla tant iħobb lin-nies tad-dinja li żmien ilu bagħat lil Ibnu mwieled tarbija.
- Hu ried li jiġi jgħix ma' nies bħalna.
- L-isem tal-Iben t'Alla hu Ġesù. Hu kiber u sar raġel. Hu kien kapaċi ħafna biex jirrakkonta l-istejjer biex jgħallem bihom (il-parabboli).
- Ġesù kien jgħin lin-nies morda. Hu kien jagħmel ħbieb ma' dawk li ma kinux maħbuba mill-oħajn.
- Ġesù kien twajjeb u jħobb lil ta' madwaru.
- Ġesù dejjem għażel it-tajjeb.
- Ġesù dejjem xtaq li kulħadd ikun twajjeb u li jħobb lil ta' madwaru.
- Hu jixtieq li jkun magħruf u maħbub minn kulħadd.

## L-Attività

Importanti li l-katekist jgħaqqad mal-kontenut tal-laqgħa u jista' jagħmel dan f'forma ta' djalogu mal-parteċipanti. Jiddiskuti mal-parteċipanti eżempji differenti ta' kif illum nistgħu nagħmlu bħal Ġesù. Biex nagħtu eżempju, insemmu kif għandna nġibu ruħna mal-immigranti irregolari, il-foqra ta' madwarna, xi ħadd batut l-iskola, fil-klassi tad-duttrina, id-dar ma' ħutna u l-ġenituri tagħna.

Il-katekist ifakkar fl-unità 4 u jgħid li jekk nimxu fuq il-passi ta' Ġesù nkunu qegħdin ngħixu l-Magħmudija tagħna. Fl-aħħar tal-laqgħa, bħala konklużjoni u talba l-katekist flimkien mal-parteċipanti jkantaw id-diska, Alla jħobbok lejl u nhar. (ara Riżorsi). Importanti li dan il-mument ikun għall-parteċipanti mument ċelebrattiv u ta' ferħ.

# 5.2 Meta Nitbiegħed minn Alla

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jifhmu li huma persuni li jonqsu u jweġġgħu lilll-oħrajn u allura jitbiegħdu minn Alla. Dan hu d-dnub. Hawnhekk, il-parteċipanti jiġu ppreżentati bil-persuna ta' Żakkew li kien 'il bogħod minn Ġesú permezz tad-dnub, imma għamel esperjenza ta' ferħ ma' Ġesú u nbidel. Jagħrfu li jekk fil-ħajja tagħhom iridu jgħixu ferħanin, iridu jagħżlu t-tajjeb u jevitaw id-dnub.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- Li huma stess huma persuni li jonqsu u jweġġgħu lill-oħrajn u allura jitbiegħdu minn Alla. Dan hu d-dnub.
- Li Żakkew li kien 'il bogħod minn Ġesú permezz tad-dnub, imma għamel esperjenza ta' ferħ ma' Ġesú u nbidel.
- Li jekk fil-ħajja tagħhom iridu jgħixu ferħanin, iridu jagħżlu t-tajjeb u jevitaw id-dnub.

*'Jekk ngħidu li ma għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina. Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen.'*

1 Ġw 1, 8-9

**Il-MESSAĠĠ**

Id-dnub hu nuqqas kontra r-raġuni, il-verità u l-kuxjenza; hu nuqqas ta' mħabba vera, lejn Alla u lejn il-proxxmu, minħabba rabta ħażina ma' xi ġid. Id-dnub iferi lin-natura tal-bniedem u jhedded is-solidarjetà bejn il-bnedmin. Id-dnub hu kelma, għemil jew xewqa kontra l-liġi ta' dejjem.

Id-dnub hu offiża lil Alla: 'Kontrik biss jiena dnibt u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt' (Salm 51, 6). Id-dnub imur kontra l-imħabba ta' Alla għalina u bih qalbna titbiegħed minnu. Id-dnub, bħalma kien dak tal-bidu, huwa diżubbidjenza, ribelljoni kontra Alla, għax bid-dnub inkunu rridu nsiru bħal 'allat' li nafu t-tajjeb u l-ħażin' (Ġen 3,5).

Id-dnub, għalhekk, hu mħabba tiegħek innifsek li twassal sal-istmerrija ta' Alla. B'din l-imħabba tagħna nfusna, kollha kburija u suppervja, id-dnub iqegħedna f'qagħda għal kollox kuntrarja għall-ubbidjenza ta' Ġesù, ubbidjenza li biha seħħet is-salvazzjoni.

Kif jgħid San Pawl: 'Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja'. Iżda biex taħdem, il-grazzja trid tikxef id-dnub u tbiddel 'il qalbna u tagħtina 'l-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem permezz ta' Ġesù Kristu Sidna' (Rum 5, 20-21). Bħalma tabib l-ewwel jara l-ġerħa qabel idewwiha, hekk Alla. Bil-Kelma u bl-Ispirtu tiegħu, jitfa' d-dawl tiegħu fuq id-dnub.

> Il-konverzjoni titlob li wieħed ikun konvint mid-dnub, u fiha stess hemm il-ġudizzju tal-kuxjenza; dan il-ġudizzju, għaliex hu prova tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu tal-verità fir-ruħ tal-bniedem, fl-istess waqt hu l-bidu ġdid tal-għoti tal-grazzja u tal-imħabba: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu'. Mela b'din l-akkuża dwar id-dnub hemm żewġ doni: 'id-don tal-verità' tal-kuxjenza u d-don taċ-ċertezza tal-fidwa. L-Ispirtu tal-verita' hu difensur.'
>
> Ġwanni Pawlu II, Dominum et Vivificantem, 31

**REFERENZI**

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1846-1851

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**

O Alla għinna nagħrfu kemm huwa ikrah id-dnub, tant li int bgħatt 'l Ibnek stess biex jeħlisna minnu. Għinna naħarbu bis-sinċerità kull ċirkustanza li tista' tbegħedna minnek u li naħsbu ta' spiss fuq l-imħabba kbira ta' Ibnek Ġesù li wasslitu li jmut għalina. Agħmel li nfittxu ta' spiss il-grazzja salvifika tiegħek li tasal għandna permezz tas-Sagrament tal-Qrar. Ammen.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Dust bin, dusters, biċċa tal-art, barmil bl-ilma, mop, xkupa.
- Kuluri
- Lapsijiet
- God wants me to forgive them - Vegie tales (Riżorsi)
- Dvd player
- Projector

**A. L-Ewwel Laqgħa**

# Id-dnub jifridni minn ma' Alla u mal-oħrajn

Il-katekist jibda l-laqgħa b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Qabel ma jibda l-laqgħa, il-katekist jipprepara fil-klassi ambjent maħmuġ, pereżempju, karti mal-art, trab, imbarazz, bankijiet u siġġijiet bla ordni. Jistaqsi lill-parteċipanti x'jaħsbu li ġara. Wara, jistieden lill-parteċipanti jgħinu fit-tindif tal-kamra. Jippova jagħti biċċa xogħol, anke żgħira kemm tkun żgħira, lil kulħadd. Wara li jara li t-tindif sar, jistaqsi lill-parteċipanti x'jidhrilhom issa li l-kamra hija nadifa. L-idea wara dan l-ice-breaker hija sabiex il-parteċipanti jaħsbu fuq Ġesù li jnaddaf il-dnub/ħażen minn ħajjitna.

## Il-Kontenut

Il-punt tat-tluq ta' din il-laqgħa hija l-istorja ta' Żakkew. Din tista' tiġi ppreżentata permezz ta' reċta fil-klassi. Jistgħu jieħdu sehem: id-dixxipli, nies jimxu wara Ġesù, Ġesù, nies ħdejn Żakkew jistennew lil Ġesù ġej u Żakkew u narratur. Hawn se nagħtu lok ukoll għal xi ftit kummenti spontanji.



Ġesù u d-dixxipli kienu sejrin lejn Ġerusalemm għall-festa tal-Għid. Ġesù kien jaf li dik kienet l-aħħar darba li kien sejjer hemm. Kif qorbu lejn il-belt ta' Ġeriko, id-dixxipli bdew jgħidu:

**Dixxiplu 1:** Din il-belt ħelwa wisq.
**Dixxiplu 2:** Veru, meta tqis li madwarha ħlief deżert u art niexfa m'hawnx. Ebda ħdura ma tara.
**Dixxiplu 3:** Huwa minħabba n-nixxigħat ta' ilma ġieri li Ġeriko hija ħadranija u tfewwaħ bis-siġar tal-balzmu u tat-tamal.
**Narratur 1:** F'din il-belt dawk li jiġbru t-taxxa jaqilgħu tajjeb u mhux inqas minnhom il-kap tagħhom Żakkew.
**Żakkew:** U mur ara billi naqlagħha tajjeb. Mhux kull min hu sinjur huwa ferħan. Ngħid għalija jien ħafna drabi nkun imdejjaq u jkolli xewqa kbira li xi darba nkun ferħan. Ħbieb m'għandix anzi kull min jarani jgħid kontrija u jgħajjarni.
**Narratur 2:** Ma tagħtihomx tort. Huma jafu li l-ġid tiegħek ġej mit-tbatija tagħhom. Ikollhom iħallsu ħafna flus, li parti minnhom imorru għal dawk il-misħutin Rumani u l-kumplament għal ġo butek.
**Narratur 3:** Stenna ftit. Jien qed nara sew? Dak x'se jagħmel? Donni qed narah tiela' ma' dik is-siġra tat-tin.
**Nies madwar Żakkew:** Żakkew, hemm x'se tagħmel?
**Żakkew:** (lill-udjenza bla ma jagħti sodisfazzjon lill-folla) Kemm ilni nisma' dwar dan l-għalliem tal-għaġeb li biddel il-ħajja ta' ħafna nies. Kemm nixtieq narah. Il-folol ilhom li nġabru minn kif semgħu li se jgħaddi minnn hawn. Dan hu ċ-ċans wieħed li għandi li narah. Jekk niddeffes f'nofshom żgur ma nara xejn jekk ma naqlax ukoll xi żewġ daqqiet bis-sieq u bil-minkeb. Jekk nibqa' wara xorta ma nara xejn. Ġejt qasir wisq.
**Narratur 4:** Arah ftit. Qed jaħseb li mhu qed jarah ħadd bejn dawk il-friegħi.
**Narratur 5:** Minn jaf x'veduta għandu minn hemm fuq?
**Żakkew:** (lill-udjenza) In-nies qed jersqu viċin, naħseb riesaq 'l hawn. Tgħid jarani? Qed jaqbadni ħafna biża' u eċitament.

**Ġesù malli jasal quddiem is-siġra, jieqaf, iħares fiss lejn Żakkew u b'leħen jgħajjat, jgħidlu:** Inżel Żakkew. Illum irrid niekol għandek.
**Żakkew waqt li jinżel bil-ġirja bil-wisq aktar milli tela', jitfarfar mill-weraq u l-ħaxix li qabadlu mal-libsa:** Ġej, ġej, arani ġej.
**Raġel mill-folla 1:** Tajba wkoll. Tgħid Ġesù jaf min hu dan ir-raġel?
**Raġel mill-folla 2:** Jien ma nafx. Mela kieku se jgħajjat lilu. U x'irid Ġesù tgħid? X'fettillu sejjer jiekol għandu?

Żakkew iħares 'l hawn u 'l hemm waqt li jidher imweġġa' b'dawn il-kummenti mill-folla.
Ġesù jqiegħed idejh fuq l-ispalla ta' Żakkew u flimkien jerħulha lejn id-dar tiegħu. Warajhom id-dixxipli u l-folla. Ġesù u Żakkew jidħlu fid-dar waħedhom.

**Raġel 1:** (wara xi ftit) Ara, jidhru ħerġin. Min jaf x'qallu Ġesù?
**Raġel 2:** U min jaf x'qallu Żakkew?
**Raġel 1:** Isktu. Donnu Żakkew se jitkellem.

**Żakkew lil Ġesù**: (b'leħen għoli) Mgħallem, se nagħti nofs ġidi biex ngħin lill-foqra. Jekk sraqt xi ħaġa lil xi ħadd, (waqt li b'għajnejh jgħarrex lejn il-folla), irrodd lura erba' darbiet għal kulma ħadt.

**Ġesù, waqt li jdur lejn il-folla mistgħaġba:** Huwa bniedem bħal Żakkew li jien ġejt infittex. Ġejt infittex lil dawk li telqu 'l Alla biex neħodhom lura għandu.

Dan id-djalogu jista' jiġi rrekordjat u l-parteċipanti jagħmlu biss il-mossi, jew issir f'forma ta' rakkont mill-katekist permezz tal-istampi u ġesti.

# L-Attività

Wara dan il-katekist jista' jaqsam il-whiteboard fi tnejn u fuq naħa jikteb Ġesù u fuq l-oħra jikteb Żakkew. Huwa jgħin lill-parteċipanti jiktbu xi kliem dwar Ġesù u dwar Żakkew.

Il-katekist ifakkar lill-parteċipanti fl-icebreaker - l-istess ġralu Żakkew - ħalla lil Ġesù jagħmlu persuna aħjar minn qabel. Kif ġara fil-każ tal-klassi - l-ewwel sibna li kienet maħmuġa imma issa hija nadifa u sabiħa. L-istess jiġri lilna bħal Żakkew jekk inħallu lil Ġesù jmexxina u jiggwidana.

Bħala eżerċizzju fi Il-Ktieb tal-Attivitajiet:
Imla l-vojt: Id-dnub jifridni minn Alla u mill-oħrajn. Il-maħfra t'Alla terġa' tgħaqqadni m'Alla u mal-oħrajn.

Stampa tal-istorja ta' Żakkew. Uża kuluri sbieħ biex turi l-ferħ li jġib Ġesù bil-maħfra tiegħu. Il-parteċipanti jkunu jistgħu jpinġu wkoll shapes bil-kliem fihom: maħfra, ferħ, għaqda, indiema, imħabba.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Ngħixu Ferħanin għax 'il bogħod mid-dnub

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

**ICEBREAKER**
Bħala bidu tal-laqgħa, il-katekist jirreferi għall-istorja ta' Żakkew li jkun irrakkonta fil-laqgħa ta' qabel. Importanti li jagħmel ftit brain storming. Jista' juża l-mistoqsija: Jien meta nkun nixbah lil Żakkew?

Hawn il-parteċipanti jsemmu xi ċirkustanzi fejn ikunu naqsu, b'mod ġenerali eż. meta ma nobdix, ma nħallix lil xi ħadd jilgħab miegħi, meta ninkwieta lill-ġenituri, meta ma noqgħodx attenta l-iskola, meta ntellef lil sħabi waqt il-laqgħa tal-katekiżmu.

## Il-Kontenut

Tintwera jew tingħad fid-dettal l-istorja tad-dvd, God wants me to forgive them - Veggie Tales. Wara l-katekist jiddiskuti mal-parteċipanti fuq dak li jkunu raw u semgħu.
Fejn kienu jgħixu l-veggies?
Kienu jgħixu ferħanin flimkien?
Kollha kemm huma kienu ferħanin? Fejn taf?
X'kien qiegħed jisirqilhom il-ferħ?
X'kien hemm bżonn li jagħmlu biex jerġgħu jkunu ferħanin?

## L-Attività

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti jħarsu lejn Il-Ktieb tal-Attivitajiet fejn josservaw l-istampi ta' ħxejjex differenti; tadam, bżaru, zunnarija, ħjara. Dawn il-ħxejjex jixtiequ jgħixu ferħanin. Il-katekist jgħid li kif dawn il-ħxejjex jixtiequ jgħixu ferħanin, hekk l-istess aħna. Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'jistgħu jagħmlu huma sabiex jgħixu ferħanin. X'għandhom jagħmlu? Il-parteċipanti jsemmu xi affarijiet bħal: inħobb, naqdi, naħseb fl-oħrajn, naħfer, naqsam li jkolli mal-oħrajn. Il-katekist jiktibhom fuq il-whiteboard u l-parteċipanti jiktbuhom ġo liema ħaxixa jridu. Wara jagħtu l-kulur.

Fl-aħħar ipinġu wkoll is-sentenza bi kliem kbar: AĦNA LKOLL IRRIDU NGĦIXU FERĦANIN GĦAX 'IL BOGĦOD MID-DNUB.

Il-laqgħa tintemm b'talba.



# 5.3 Nagħżel li naħfer bħal Ġesù

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti, hawnhekk, jifhmu li Alla tant iħobbhom li pprovdilhom mod kif, meta jonqsu jerġgħu lura lejh. Fuq l-eżempju ta' Ġesù jagħrfu li għandhom jagħżlu wkoll li jaħfru lil xulxin. Dan hu s-Sagrament tal-Qrar – li bih isiru ħbieb mill-ġdid ma' Alla u mal-oħrajn. F'dawn il-laqgħat il-parteċipanti jsiru aktar familjari mal-missjoni li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu u li llum din il-missjoni hija fdata f'idejn is-saċerdot.

**L-GĦAN**
Għaldaqstant f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- li Alla tant iħobbhom li pprovdilhom mod kif, meta jonqsu jerġgħu lura lejh
- li bħal Ġesù huma għandhom jagħżlu wkoll li jaħfru lil xulxin
- li bis-Sagrament tal-Qrar huma jsiru ħbieb mill-ġdid ma' Alla u mal-oħrajn
- li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu missjoni li llum hija fdata f'idejn is-saċerdot.

*'U ġew xi rġiel iġorru wieħed mifluġ fuq mitraħ; huma bdew ifittxu li jdaħħluh ġewwa u jqegħduhulu quddiemu, iżda minħabba l-folla ma sabux minn fejn setgħu jidħlu bih. Għalhekk telgħu fuq il-bejt, u niżżluh bil-mitraħ b'kollox minn bejn ix-xorok f'nofs in-nies quddiem Ġesù. Meta hu ra l-fidi tagħhom, qallu: "Ħabib, dnubietek maħfura."".*

Lq 5: 18-21

**Il-MESSAĠĠ**
"Dawk li jersqu għas-sagrament tal-Penitenza jirċievu mill-ħniena ta' Alla l-maħfra għall-offiżi li jkunu għamlulu u minnufih jiġu wkoll rikonċiljati mal-Knisja li huma jkunu darbu bi dnubiethom, u li, permezz tal-imħabba, tal-eżempju tajjeb, u tat-talb, tħabrek għall-konverżjoni tagħhom". (Minn Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1422).

Is-sagrament tal-Qrar hu l-qofol kollu ta' din il-laqgħa. F'din il-laqgħa, il-katekist permezz

tar-riżorsi li ġew ippreparati apposta għal din il-laqgħa, ser jgħin lill-parteċipanti:

- jifhmu li Alla tant iħobbhom li pprovdilhom mod ieħor – is-sagrament tal-qrar – sabiex meta jaqgħu fid-dnub ikunu jistgħu jerġgħu lura lejh.
- dan is-sagrament hu rigal verament speċjali għalina l-Insara. Jirrealizzaw li jridu jimxu fuq l-eżempju ta' Ġesù u għalhekk jagħrfu li għandhom jagħżlu wkoll li jaħfru lil xulxin avolja xi kultant iħossuha diffiċli li jaħfru. Għandhom dejjem iżommu quddiem għajnejhom l-eżempju li Ġesù tana fuq is-salib - meta talab lil Missieru tas-sema "Mulej aħfrilhom għaliex ma jafux x'inhuma jagħmlu".
- li permezz tas-sagrament tal-qrar biss għandhom l-opportunità li jsiru ħbieb mill-ġdid ma' Alla u mal-oħrajn.
- li Ġesù, qabel ma tela' s-sema, ħalla f'idejn id-dixxipli missjoni importanti ħafna li nsibuha mfissra fl-evanġelju ta' San Ġwann hekk – "Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma." (Ġw:20:23)
- li din il-missjoni li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu llum hija fdata f'idejn is-saċerdot.

Tajjeb ukoll li l-parteċipanti jifhmu li meta ma jagħmlux it-tajjeb dejjem għandhom ċans jitolbu maħfra lil xulxin, iżda fuq kollox lil Alla. Irid jiddispjaċihom ta' li għamlu bħalma kien iddispjaċieh San Pietru meta ċaħad li jaf lil Ġesù għal tliet darbiet. Wara ddispjaċieh u beka ħafna.

Dawn il-parteċipanti, matul il-laqgħat iridu jkunu mgħejjuna jirrealizzaw li biss bil-qawwa ta' Ġesù nistgħu nibdew mill-ġdid! Eżempju ċar ta' dan hi l-ġrajja tal-mifluġ imfejjaq (Lq 5:17-21). Tajjeb li l-parteċipanti jsiru midħla tagħha u jifhmu li Ġesù mhux biss fejjaq lill-mifluġ iżda wkoll ħafirlu dnubietu.

Ġesù ra qalb in-nies. Ra li kienu qed jagħmlu minn kollox sabiex il-mifluġ ifiq. Wieħed ghandu jżomm f'moħħu li d-dnubiet huma l-kaġun tat-tbegħid tagħna minn Alla. Però ma rridux ninsew kemm ħabbna Alla l-Missier Etern li saħansitra bagħat lil Ibnu l-waħdieni Ġesù Kristu sabiex bil-passjoni u l-mewt tiegħu jsalvana minn dnubietna. Dak inhar Ġesù tana l-aqwa riġal li qatt jista' ħadd jagħtina. Tana s-Sagrament tal-Qrar.

---

Kristu waqqaf is-sagrament tal-penitenza għall-membri kollha midinbin tal-Knisja tiegħu u, qabel xejn, għal dawk li wara l-Magħmudija waqgħu fi dnub gravi u hekk tilfu l-grazzja tal-Magħmudija u darbu u ġerrħu x-xirka tal-Knisja. Hu lil dawn li s-sagrament tal-penitenza joffri okkażjoni oħra ta' ndiema biex jerġa' jkollhom il-grazzja tal-ġustifikazzjoni. Missirijiet il-Knisja jxebbhu dan is-sagrament ma' "tavla oħra (ta' salvazzjoni) wara l-għarqa li hi t-telf tal-grazzja".

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1446

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1420-1499

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Spirtu Qaddis Alla, grazzi ta' dan ir-rigal (is-sagrament tal-qrar) tant sabiħ u tant meħtieġ. Mingħajru aħna mitlufa. Nitolbuk, Mulej, inżommu iebes meta nkunu mġarrba mit-tentazzjonijet tant qarrieqa. Għinna nkunu dejjem fidili lejk. Bi Kristu Sidna Ammen.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- lapsijiet (twal, qosra, lapsijiet tal-kulur, u kulur differenti)
- Diska: I will sing of the mercies of the Lord forever – Cedarmont Kids (Riżorsi)
- Salib – ara mudell (Riżorsi)
- Kuluri
- Karti kkuluriti (waħda għal kull parteċipant)
- Stampa – qrar
- Stampa – Ġesu jidher lil Appostli

**A. L-Ewwel Laqgħa**

# Nagħżel li naħfer bħal Ġesù

Il-katekist jibda b'talba qasira.

**ICEBREAKER**

Bħala bidu għal din il-laqgħa l-katekist jagħti lill-parteċipanti lapsijiet (twal, qosra, lapsijiet tal-kulur, u kulur differenti) u jridu jaraw id-differenzi ta' bejniethom u l-qbil ta' bejniethom. Il-katekist irid joħroġ dawn il-punti:

» il-lapsijiet huma differenti għax huma lkoll differenti, kuluri u daqsijiet –
» huma l-istess għax ilkoll jiktbu (jekk kollha għandhom il-ponta) u jiktbu sabiħ u lkoll iħassru, (dan però jekk nieħdu ħsiebhom).
» aħna, bħal dawn il-lapsijiet, ilkoll sbieħ u differenti u għandna lil min jieħu ħsiebna u jħobbna – Alla.
» però aħna mhux dejjem niktbu pulit bil-lapes jew nużawh tajjeb (biex niktbu – nilagħbu bih, ingiddmuh, nixxarpnawh għal xejn, inwaqqgħuh



mal-art, nirfsuh – u anke aħna, mhux dejjem nagħmlu t-tajjeb – Alla ma jużaniex ħażin għax aħna, għalkemm bħal-lapsijiet, aħna ħajjin, allura aħna ngħidu lil Alla li ma rridux noqogħdu f'idejh u għalhekk nagħmlu l-ħażin).

» Meta nuża l-lapes ħażin (meta ma nġibx ruħi tajjeb) dejjem nista' nħassar jew nibda mill-ġdid. Hekk, meta ma nagħmilx it-tajjeb dejjem nista' nitlob maħfra lill-oħrajn u bil-qawwa ta' Ġesù nista' nerġa' nibda mill-ġdid!

## Il-Kontenut

Hawnhekk, il-katekist jibda jirrakkonta b'mod dramatizzat, imma fil-qosor, il-ġrajja tal-mifluġ imfejjaq (Lq 5:17-21) b'mod sempliċi. Importanti li l-katekist joħroġ il-fatt li Ġesù mhux biss fejqu iżda ħafirlu dnubietu, ra wkoll n-nies li kienu qed jagħmlu minn kollox sabiex il-mifluġ ifiq.

Wara, il-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex jiftħu Il-Ktieb tal-Attivitajiet u hemm jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet differenti u l-persuni differenti li niltaqgħu magħhom, għax iħobbu lil Ġesù għamlu kif kien jagħmel Ġesù u bħala eżempju nsibu l-istorja tal-mifluġ imfejjaq.

Storja 1: Kien hemm Marija u Karen li kienu ilhom żmien twil ħbieb issa iżda dan l-aħħar Marija bdiet toqgħod ma' tifla oħra u issa Karen qed tieħu għaliha. Li kieku kont int minflok Karen kif kont tħossok u x'kont tagħmel?

Storja 2: Fir-raħal ta' Francesca ġiet toqgħod tifla ġdida li ħlief tikkmanda hi ma tridx. Dan l-aħħar ftiehmu li jmorru jilagħbu fuq il-bandli imma Therese, it-tifla l-ġdida, ma riditx għax qalet li hemm ma jogħġobhiex. Inqalgħet ġlieda u issa jridu jaraw x'ser isir. X'taħseb li għamlek Francesca?

Storja 3: "Jisimni Alan u ħija jismu Robert. Jien u ħija konna qegħdin nilagħbu u ħija weġġagħli subgħajja. Qatt ma qalli, "Jiddispjaċini". Kien diffiċli ħafna nċaqlaq subgħajja biex nikteb jew naqbad l-affarijiet b'subgħajja għax kien juġagħni ħafna. Diffiċli ħafna naħfirlu lil ħija." Kif taħseb li kompla jġib ruħu Alan ma' ħuh?

Storja 4: "Jisimni Vince. Il-ġimgħa l-oħra kont qiegħed nieħu ġost nilgħab mal-ħbieb tiegħi Jimmy u Alex. Jien u Jimmy konna qegħdin niġru wara Alex. Nicholas, ħu Jimmy, waqqa' lil Alex. Alex qal lis-surmast li konna jien u Jimmy li waqqajnieh, u żammna ġewwa fil-ħin tal-brejk. Kien diffiċli biex naħfrulu lil Alex, imma hu qal li ddispjaċih li waħħal fina. Erġajna sirna ħbieb mill-ġdid. Kif taħseb li ħassu Vince minn dak inhar 'il quddiem?

## L-Attività

Wara li l-parteċipanti jkunu fehmu sew l-istejjer, il-katekist jiddiskuti mal-parteċipanti kull sitwazzjoni u jistaqsi lill-parteċipanti jekk xi darba ltaqgħux ma' sitwazzjonijiet bħal dawn, x'għamlu huma, kif ħassewhom meta rċevew maħfra jew meta huma stess qalu sorry lil xi ħadd. Jistaqsi lill-parteċipanti kif nistgħu ngħinu lil xulxin fil-maħfra. Jista' jsemmi l-għajnuna lil kellu r-raġel mifluġ min-nies li tassew kienu jħobbuh u kienu lesti li jagħmlu kollox sabiex jircievi l-fejqan. Il-katekist jista' jagħti eżempji oħra marbuta mal-maħfra.

Fit-tmiem tal-laqgħa l-parteċipanti jkantaw il-kanzunetta: I will sing of the mercies of the Lord forever – Cedarmont Kids (Riżorsi). Il-laqgħa tintemm b'talba relatata ma' dak li jkun intqal fil-laqgħa.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Nerġgħu lura lejn Alla

*Il-laqgħa tibda b'talba qasira.*

**ICEBREAKER**

Il-katekist iwaħħal żewġ forom ta' kaxxi mal-whiteboard. Wara, jitwaħħal bħal bridge minn kaxxa għall-kaxxa. Il-parteċipanti jkunu mistoqsija għaliex huwa importanti l-pont – bridge - fil-ħajja ta' kuljum.

Fost il-punti l-katekist jara li joħorġu dawn:
pont iwassalna minn naħa għall-oħra
nistgħu mmorru post ieħor
jekk hemm l-ilma nistgħu naqbżuh
niskoperu dinja ġdida x'imkien ieħor.

Issa, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jekk dan nistgħux inqabbluh ma' xi ħaġa fil-ħajja tagħna. Jinkitbu l-kliem 'aħna' u 'Alla' taħt kull kaxxa.

Il-katekist jispjega kif aħna ta' sikwit naslu għand Alla imma ħafna affarijiet jerġgħu jitfgħuna lura. Il-parteċipanti jridu jgħidu x'inhuma dawn l-affarijiet.

Id-dnubiet tagħna huma dawk li jerġgħu jwassluna lura minflok 'il quddiem għand Alla. Il-katekist jista' jħalli lill-parteċipanti jiktbu nuqqas kull wieħed fuq karta kkulurita.



## Il-Kontenut

Wara dan, il-parteċipanti jiffurmaw salib permezz tad-dnubiet differenti tagħhom. Il-katekist iwassal lill-parteċipanti biex jassoċċjaw is-salib, mal-mewt ta' Ġesù fuqu, li miet għalina fuq is-salib biex jerġa' jagħmilna ħbieb ma' Alla, għaliex aħna konna miġġildin miegħu bil-ħażin u d-dnub li għamilna.

Hawnhekk, il-katekist joħroġ il-fatt li Ġesù li ħafer lil Żakkew, ma baqax mejjet, hu qam. Hawnhekk il-katekist jistaqsi lill-patećipanti x'għamel Ġesù wara li qam mill-imwiet biex joħroġ il-fatt li Ġesù beda jidher lill-appostli.

Wara, il-katekist iwaħħal stampa ta' Ġesù qed jidher lill-appostli (Riżorsi). Hawnhekk, il-katekist jispjega u jgħid il-ġrajja li nsibu fi Ġw 20: 19 -23.

*Dakinhar fil-għaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom?" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."* (Ġw 20: 19-23)

Wara, importanti li l-katekist joħroġ xi mistoqsijiet marbuta ma' din il-ġrajja fejn irridu naraw li Ġesù tana r-riġal tal-qrar dakinhar. Irid joħroġ il-fatt li dan ir-rigal tah lill-appostli. Permezz tal-qrar illum il-ġurnata aħna nistgħu nerġgħu mmorru għand Alla. Il-katekist juri stampa tal-qrar.

## L-Attività

Fit-tmiem tal-laqgħa l-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex jagħmlu pont minn karti kkuluriti u wara jsibu stampa ta' Ġesù li jgħaqqadna m'Alla permezz tas-salib. Il-parteċipanti ipinġu l-istampa li hemm fil-Ktieb tal-Attivitajiet.

Il-laqgħa tintemm b'talba.

# 5.4 X'għandi nagħmel biex inqerr tajjeb

## Il-Formazzjoni Personali

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Fl-aħħar ta' din l-unità, il-parteċipanti jitgħallmu li permezz tas-sagrament tal-qrar isiru ħbieb mill-ġdid ma' Alla u mal-oħrajn. Jagħrfu l-bżonn tal-ħames ħwejjeġ li jridu jagħmlu biex iqerru sewwa. Hawnhekk, issir tħejjija għall-Qrar u ssir ċelebrazzjoni penitenzjali – festa ta' ferħ u mħabba fejn inkunu erġajna lura lejn Dar il-Missier!

**L-GĦAN**
Għaldaqstant, f'din it-tema l-parteċipanti se jikkonċentraw l-aktar fuq dawn l-aspetti:

- li permezz tas-Sagrament tal-Qrar insiru ħbieb mill-ġdid ma' Alla u mal-oħrajn
- li jagħrfu l-bżonn tal-ħames ħwejjeġ li jridu jagħmlu biex iqerru sewwa
- kemm hu sabiħ li nħejju ruħna għall-Qrar
- iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali hi festa ta' ferħ u mħabba fejn inkunu erġajna lura lejn Dar il-Missier!

*'Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.' Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. 'Missier,' qallu ibnu, 'dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.' Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu, 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!' U għamlu festa".*

Mk 15:19-24

**Il-MESSAĠĠ**
F'din l-aħħar laqgħa ta' din l-unità, il-parteċipanti ser ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu aktar dwar is-Sagrament tal-Qrar, sagrament tant meħtieġ f'ħajjitna. Dan ser ikun possibbli għaliex kienu tħejjew attivitajiet interessanti meħtieġa għal din il-laqgħa bħall-istampi, il-power-point fuq il-parabbola tal-Iben il-Ħali, il-projector, il-kant, u attivitajiet oħra. Dawn ser ikunu ta' għajnuna kbira u ser iservu ta' għodda fundamentali lill-katekist.

Il-Qrar hu sagrament li permezz tiegħu nerġgħu nsiru ħbieb mill-ġdid ma' Alla u mal-oħrajn. Meta nonqsu hemm bżonn li nitolbu maħfra, mhux biss lin-nies ta' madwarna imma wkoll lil Alla. Dan nagħmluh fis-Sagrament tal-Qrar permezz tas-saċerdoti. Tajjeb li l-katekist ifisser l-irwol tas-saċerdot waqt il-qrar:

» li lilu rridu mmorru nistqarru d-dnubietna
» li waqt il-qrar is-saċerdot qiegħed jaħfer id-dnubiet f'isem Ġesù u
» li dak kollu li ngħidu lis-saċerdot fil-qrar hu qatt ma jista' jgħid lil ħadd lanqas lill-ġenituri tagħna.

Permezz tal-Qrar nerġgħu lura lejn Dar il-Missier! Għalhekk, importanti li l-parteċipanti jirrealizzaw kemm is-Sagrament tal-Qrar għandhom jeħduh bis-serjetà. Għandhom jifhmu li qabel ma jmorru jqerru huwa meħtieġa ħafna li ssir tħejjija għall-Qrar. Għal dan il-għan tajjeb li jkunu jafu l-ħames affarijiet x'wieħed għandu jagħmel biex iqerr tajjeb;

1. naħseb dnubieti sewwa
2. nindem minnhom
3. nagħti kelma lil Alla li ma nerġax
4. inqerrhom kollha
5. nagħmel il-penitenza li jagħti l-qassis.

Importanti li l-katekist ifiehem kull punt billi jipprovdi xi eżempji prattiċi ħalli l-parteċipanti jiġu ggwidati tajjeb sabiex jiċċelebraw tajjeb dan is-Sagrament. Fl-aħħar, il-parteċipanti jsiru midħla tajjeb tal-parabbola tal-Iben il-Ħali. Trid tingħata attenzjoni speċjali għall-fatt li Alla l-Missier iħobbna u jibqa' jħobbna nagħmlu x'nagħmlu. Tajjeb li jkunu jafu dawn il-punti:

» li l-iben f'din il-parabbola hu l-midneb li jkun għamel ħażin u li jinduna li jkun żbalja, li jiddispjaċih u li jitlob skuża lil missieru.
» li Alla hu ħanin bħall-missier ta' din l-istorja li jibqa' jistenna lill-iben tiegħu jiġi lura għandu jitolbu skuża.
» li Alla hu bħal dak il-missier tal-parabbola tal-Iben il-Ħali li baqa' jħobb lil ibnu u li dejjem kien jistennieh jiġi lura.

Li Alla dejjem lest li jaħfrilna jgħaddi kemm jgħaddi żmien, bħalma l-missier tal-parobbola ħafer lil ibnu.

---

L-istqarrija tad-dnubiet (il-qrara), ukoll bħala għemil naturali tal-bniedem, tħallina ħielsa u tħaffef ir-rikonċiljazzjoni tagħna mal-oħrajn. Meta l-bniedem jistqarr ħtijietu jkun qiegħed iħares b'wiċċu minn quddiem lejn id-dnubiet li tagħhom hu ħati: ikun qiegħed jammetti li hu responsabbli tagħhom, u b'hekk ikun qiegħed jinfetaħ mill-ġdid għal Alla u għax-xirka tal-Knisja biex ikun jista' jkollu ġejjieni ġdid.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1455

**REFERENZI**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1420-1499

**QABEL MA TMUR GĦAL-LAQGĦA – ITLOB**
Mulej Alla, sultan tal-ħolqien kollu, grazzi talli għoġbok tagħtina s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Agħtina, o Mulej, il-kuraġġ meħtieġ sabiex induru lejk kull darba li naqgħu fid-dnub. Nitolbuk ukoll għinna fiċ-ċirkustanzi diffiċli li niltaqgħu magħhom f'ħajjitna ħalli fuq l-eżempju tiegħek nagħtu xhieda tajba tiegħek lil ħutna l-oħra l-bnedmin. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Il-Pjan tal-Laqgħa

**IKOLLOK BŻONN:**

- Il-Ktieb tal-Attivitajiet
- Captions – Ħames ħwejjeġ biex inqerr tajjeb (Riżorsi)
- Stampi: ta' qrar, xi ħadd qed jaħseb, xi ħadd qed jitlob maħfra – nindem, promise (tfal jagħmlu promise bis-swaba'), xi ħadd jitlob u xi ħadd qed jagħmel xi ħaġa tajba
- Stampa jew powerpoint tal-Parabbola tal-Iben il-Ħali (Riżorsi)
- Kuluri
- Lapsijiet
- Diska: Ejja nagħmlu festa (Riżorsi)
- Dvd player
- Projector
- Oġġetti għaċ-ċelebrazzjoni: drapp, xemgħa, Bibbja, fjuri eċċ.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

# X'għandi nagħmel biex inqerr tajjeb

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

## Il-Kontenut

Il-katekist jibda din il-laqgħa billi jfakkar il-Parabbola tal-Iben il-Ħali. Din tista' titwassal jew permezz ta' stampi, drama jew anke power-point (għall-power-point Riżorsi).

Il-katekist, wara din il-preżentazzjoni, jistaqsi lill-parteċipanti mhux biss jekk il-ġrajja għoġbithomx imma wkoll jekk jistgħux ixebbhu lilhom infushom ma' dak it-tifel. Hawnhekk, il-katekist irid ifakkar lill-parteċipanti dwar il-laqgħa ta' qabel li aħna, min-naħa tagħna, nagħmlu n-nuqqasijiet iżda Alla xorta jħobbna. Din tidher permezz tal-Missier – li lilna jaħfrilna bħal meta bagħtilna lil Ibnu biex jifdina u jsalvana. Irid joħroġ il-fatt ukoll li kull darba li nagħmlu l-ħażin, mhux biss inweġġgħu aħna imma wkoll inweġġgħu lill-oħrajn. Hekk ġralu t-tifel, weġġa' hu, baqa' waħdu, ma kellux x'jiekol imma wkoll weġġa' lil Missieru. iżda Missieru ħafirlu . . . baqa' jistennieh. L-istorja ma għandhiex ddum aktar minn 10 minuti.



F'dan il-punt, il-katekist jgħid lill-parteċipanti li aħna wkoll, meta nonqsu hemm bżonn li nitolbu maħfra, mhux biss lin-nies ta' madwarna imma wkoll lil Alla.

U għalhekk, jistaqsi:
Fejn nistgħu nitolbu lil Alla jaħfrilna?
(Tweġiba: Fis-Sagrament tal-Qrar permezz tas-saċerdoti).

Hawnhekk, il-katekist iwaħħal stampa ta' qrar (Riżorsi) u jgħid lill-parteċipanti li fil-qrar aħna mmorru nistqarru, ngħidu d-dnubiet tagħna lill-qassis. Waqt il-qrar is-saċerdot qiegħed jaħfer id-dnubiet f'isem Ġesù. Dak kollu li ngħidu lis-saċerdot fil-qrar qatt ma jista' jgħidu lil xi ħadd, lanqas lill-ġenituri tagħna.

F'dan il-punt, il-katekist joħroġ il-fatt li aħna min-naħa tagħna rridu nkunu nafu sew x'irridu nagħmlu biex fil-verità kull darba li mmorru nqerru nirċievu l-maħfra ta' Ġesù. Il-katekist, għalhekk, jgħid lill-parteċipanti li biex inqerru tajjeb għandna ħames affarijiet x'nagħmlu.

**1. Naħseb dnubieti sewwa:**
Il-katekist jippreżenta stampa ta' xi ħadd qed jaħseb u l-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'inhu/x'inhi tagħmel fl-istampa fejn joħroġ il-fatt li qed taħseb.

U allura jistaqsi: Mela x'irridu naħsbu qabel ma mmorru nqerru?
It-tweġiba: Il-ħażin li nkunu għamilna.

Il-katekist, hawnhekk, ifakkar fil-ġrajja tal-Iben il-Ħali. Il-katekist jippreżenta xi nuqqasijiet li jistgħu jagħmlu l-parteċipanti. Tajjeb li juża wkoll il-ġrajjiet li tgħallmu l-parteċipanti permezz tal-istejjer tal-Bibbja. Biex nagħtu eżempji:
Kajjin u Abel – ma niħux gost bit-tajjeb ta' sieħbi,
Adam u Eva – ma obdewx lil Alla,
It-Torri ta' Babel – in-nies issuppervjaw u riedu jilħqu lil Alla jew ma tawx kas ta' Alla.

Importanti li l-katekist isemmi eżempji prattiċi ħalli l-parteċipanti jiġu ggwidati tajjeb sabiex jiċċelebraw is-Sagrament tal-Qrar.

**2. Nindem minnhom:**
Il-katekist jispjega li importanti li wieħed jiddispjaċih ta' dak li għamel. Wara dan il-katekist jippreżenta stampa ta' xi ħadd qed jgħid sorry.

U hawnhekk, il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti:
Meta aħna nitolbu 'sorry' lil xi ħadd?
Il-katekist jiggwida lill-parteċipanti li meta aħna nagħmlu ħażin u veru jiddispjċina ta' li għamilna mmorru ngħidu 'sorry'.

Il-katekist ikompli:
"Meta se mmur inqerr, mhux biżżejjed li jien naħseb dwar il-ħażin li għamilt imma jrid jiddispjaċini tal-ħażin li għamilt."
Il-katekist iwaħħal il-caption taħt l-istampa.
Hawnhekk il-katekist ifakkar fil-ġrajja tal-Iben il-Ħali fejn l-iben tant kien jiddispjaċih ta' li għamel li beda jaħseb kif jgħid lil Missieru biex jagħmlu qaddej u ma jibqax ibnu.

**3. Nagħti kelma lil Alla li ma nerġax:**
Il-katekist jippreżenta stampa ta' xi ħadd qed iwiegħed u hawnhekk, bħal qabel, il-katekist jistaqsi x'qed turina l-istampa u wkoll biex isemmu sitwazzjonijiet ta' meta aħna nagħmlu promise u ma' min, forsi mal-ħbieb, nwiegħdu biex ma niġġildux.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti wkoll jekk jiħdux gost li xi ħadd ma jżommx il-wegħda tiegħu biex kemm jista' jkun huma jippruvaw li jżommu l-wegħda li jkunu għamlu, anke ma' Alla.

Wara dan il-katekist jgħid li, wara li nkun ħsibt id-dnubiet, għandu jiddispjaċini minnhom u rrid nagħti kelma 'l Alla li ma nerġax. Allura nkun inwiegħed lil Alla li ma nerġax - ngħid lil Alla li ser nipprova bil-verità nagħmel it-tajjeb u naħrab il-ħażin. Infatti it-tifel, fil-parabbola, ma riedx jerġa' jitbiegħed minn Missieru – "Żommni . . ." - ried imur għandu u jgħix imqar ta' qaddej.

**4. Inqerrhom kollha:**
Il-katekist jerġa' jwaħħal l-istampa ta' xi ħadd qed iqerr li uża qabel u jerġa' jistaqsi lill-parteċipanti x'qed jaraw fl-istampa. Hawnhekk, il-katekist jgħid li wara li nkun ħsibt id-dnubiet, jiddispjaċini li għamilthom u nagħmel promise (nwiegħed) ma' Alla li ma nerġax. Ikun imiss li jien immur għand il-qassis biex inqerr.

Caption – Inqerrhom kollha.

Importanti li l-katekist ma jippreżentax lil Alla bħala matematiku - li joqgħod jgħodd kull ħaġa li nagħmlu ħażin, imma li aħna għandna nqerru dak li niftakru kollu.

**5. Nagħmel il-penitenza li jagħti l-qassis:**
Imbagħad, il-katekist jippreżenta stampa ta' xi ħadd qed jitlob u qed jagħmel xi ħaġa tajba, fejn bħal qabel jistaqsi lill-parteċipanti x'qed jaraw fl-istampa u jwassal lill-parteċipanti biex jifhmu li wara li nkunu qerrejna huwa tajjeb li nagħmlu xi penitenza li jgħidilna l-qassis.

Titwaħħal il-caption – Nagħmel il-penitenza li jagħtini l-qassis. Din tista' tkun xi talba jew xi ħaġa tajba bħal: 'Ngħin lil xi ħadd biex inpatti għall-ħażin li għamilt bit-tajjeb li nagħmel'. Ma' kull pass, il-katekist iwaħħal mal-whiteboard il-karta bil-kliem fuqha. Wara li jkun spjega l-passi kollha sew, il-katekist iqabbad lill-parteċipanti biex iżommu l-karti f'idejhom u jitħawdu bejniethom. Il-katekist jagħżel parteċipant biex jagħmel fl-ordni l-parteċipanti li jkollhom il-karti f'idejhom. Jista' jirrepeti dan l-eżerċizzju għal kemm ikun hemm bżonn. Il-katekist jgħid lill-parteċipanti biex jirrepetuhom flimkien.

Fl-aħħar tal-laqgħa l-parteċipanti jagħmlu l-ħidma li hemm fi Il-Ktieb tal-Attivitajiet.

Jekk ikun fadal ħin, il-katekist jista' jagħlaq din il-laqgħa bil-kanzunetta "Ejja nagħmlu festa" (ara Riżorsi).

Il-laqgħa tintemm b'talba.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Ċelebrazzjoni: Festa ta' ferħ u mħabba

Il-laqgħa tibda b'talba.

Din l-aħħar laqgħa tal-Unità, kif ukoll l-aħħar laqgħa tal-ħames unitajiet, tingħalaq b'ċelebrazzjoni penitenzjali. Importanti li l-katekist jipprepara sew għaliha kemm spiritwalment kif ukoll mil-lat organizzattiv.

Importanti li jkellem lill-Kappillan sabiex jekk jista' jkun preżenti għal din iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali jew saċerdot ieħor. Jekk dan ma jkunx possibbli ssir iċ-ċelebrazzjoni mingħajr is-Sagrament tal-Qrar, fil-każ il-katekist għandu jħeġġeġ lill-parteċipanti sabiex mal-ewwel ċans jirċievu is-Sagrament tal-Qrar. Tista' ssir ukoll ċelebrazzjoni flimkien (iċ-ċentri tal-post) f'xi kappella jew post addattat għal din il-laqgħa speċjali.

Importanti li l-kamra tkun armata b'xi xemgħat u drapp. Fiċ-ċentru għandu jkun hemm il-ktieb speċjali: Il-kelma ta' Alla.

**1. Introduzzjoni:**
Il-katekist jagħmel introduzzjoni u jispjega x'ser isir lill-parteċipanti. Jispjega li din hija ċelebrazzjoni ta' ferħ u ta' mħabba. Ġesù llum ser ikun mistieden fostna u għalhekk iridu jieħdu gost u jifirħu flimkien ma' Ġesù li huwa mħabba u ferħ fih innifsu.

Saċerdot jew Katekist:
"Alla l-Missier iħobbna lkoll. Huwa jħobbna anke meta nagħmlu l-ħażin, bħal dak il-missier li jħobb lil ibnu fil-vanġelu, dejjem kien jistennieh jiġi lura. Illum, ħbieb, hekk ser nagħmlu - ser nitolbu maħfra lil Alla. U flimkien inwegħduh l-imħabba tagħna."

**2. Innu:**
Jitkanta innu li jafu l-parteċipanti. Jista' jkun innu li tgħallmu din is-sena fil-laqgħat.

**3. Att penitenzjali:**
Katekist: "Ġesù qal: "Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien.""

Sacerdot:
"Ġesù qalilna sabiex inħobbu lil kulħadd. Meta weġġajna, iġġilidna, ma tajniex kas ta' sħabna u tal-katekisti, tal-għalliema tagħna, ma konniex qed nagħmlu kif talabna nagħmlu Ġesù."

Fil-kamra jkun hemm ftit silenzju.

Saċerdot:
"Aħfrilna Mulej."

Parteċipanti:
"Aħfrilna Mulej."

Katekist:
"Fir-raba' kmandament insibu: Irrispetta lil Missierek u lil ommok."

Sacerdot:
"Ġesù wriena kif inħobbu u nobdu lill-ġenituri tagħna, kif kien jagħmel huwa ma' San Ġużepp u Marija. Meta ma ngħinux lill-ġenituri tagħna u ma nobduhomx ma nkunx qed inħobbuhom vera."

Fil-kamra jkun hemm ftit silenzju.

Sacerdot:
"Aħfrilna Mulej."

Parteċipanti:
"Aħfrilna Mulej."

Katekist:
"Ġesu' qal, "Ngħidlikom is-sewwa, kull ma għamiltu mal-iżgħar fost ħuti, għamiltuh miegħi."

Saċerdot:
"Ġesù jistedinna sabiex inkunu fair, naqsmu dak li għandna ma' ħaddieħor u sabiex inkunu ġenerużi ma' kulħadd. Meta ma naħsbux f'ħaddieħor ma nkunux qed nagħmlu kif jixtieq Ġesù."

Fil-kamra jkun hemm ftit silenzju.

Saċerdot:
"Aħfrilna Mulej."

Parteċipanti:
"Aħfrilna Mulej."

Katekist:
"Dak li bagħatni dejjem miegħi: għax dejjem nagħmel dak li jogħoġob lilu."

Saċerdot:
"Ġesù kien jitlob lil Missieru kull ġurnata. Meta ma nitolbux kuljum, jew ma nkunux nafu x'qegħdin nitolbu, jew ma nitkellmux tajjeb fuq Alla, ma nkunux qed nagħmlu kif kien jagħmel Ġesù."

Ftit silenzju.

4. Mument ta' ringrazzjament:
Il-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex jagħmlu talb ta' ringrazzjament lil Alla.

Saċerdot:
"Ejjew nitolbu t-talba li għallimna Sidna Ġesu: Missierna li inti fis-smewwiet...."

Hawnhekk, kulħadd jgħid il-Missierna.

"Ejjew issa, magħqudin flimkien f'dan il-mument ta' ferħ u mħabba lejn Alla nagħtu l-paċi lil xulxin. Il-Paċi tal-Mulej Ġesù tkun magħkom ilkoll."

Parteċipanti:
"U miegħek ukoll."

Saċerdot:
"Nagħtu l-paċi lil xulxin."

Fil-kamra jkun hemm ftit silenzju.

Sacerdot:
"Aħfrilna Mulej."

Parteċipanti:
"Aħfrilna Mulej."

**5. Qrar individwali:**
F'każ li jkun hemm is-saċerdot, isir il-qrar individwali. Jekk le, din il-parti titħalla barra u ssir l-attività li hemm fi Il-Ktieb tal-Attivitajiet biss.

Waqt il-qrar, il-katekist jistieden lill-parteċipanti sabiex ipinġu s-sentenza: Grazzi Ġesù talli llum għamiltni ferħan permezz tal-maħfra tiegħek.

**6. Konklużjoni**
Il-parteċipanti, flimkien mal-katekist jitolbu:

Mulej grazzi talli ħfirtli.
Għinni sabiex inħobb aktar lill-oħrajn.
Għinni sabiex ngħix kif jixtieq ibnek Ġesù.
Spirtu Santu nixtieq nagħmel dak li huwa tajjeb.
**Għinni.**
Spirtu Santu nixtieq ngħix tajjeb bħal Ġesù.
**Urini.**
Spirtu Santu nixtieq nitlob bħal Ġesù.
**Għallimni.**

Saċerdot:
"Nitlob ukoll l-għajnuna ta' Marija Ommna u Omm Ġesù: Sliema għalik Marija..."

Hawnhekk tingħad l-AVE MARIA.

Saċerdot:
"U l-barka ta' Alla l-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu Santu tkun magħkom ilkoll. Morru fil-paċi ta' Kristu."

Parteċipanti:
"Irroddu ħajr lil Alla."